**Parlament Ewropew**
2019-2024

*Dokument ta' sessjoni*

**A9-0138/2024**

20.3.2024

*****I**

# RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija (Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija)
(COM(2023)0416 – C9-0234/2023 – 2023/0232(COD))

Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

Rapporteur: Martin Hojsík

Rapporteur għal opinjoni tal-kumitat assoċjat skont l-Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura:
Maria Noichl, Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

PR_COD_1amCom

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-***tipa korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-***tipa korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW ..........5

NOTA SPJEGATTIVA ............................................................................................125

ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM ..........................................................................................................129

POŻIZZJONI TAL-MINORANZA.............................................................................130

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI ...........131

PROĊEDURA TAL-KUMITAT RESPONSABBLI .............................................................220

VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....221

## ABBOZZ TA’ RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija (Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija) (COM(2023)0416 – C9-0234/2023 – 2023/0232(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0416),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 192(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0234/2023),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni motivata ppreżentata mill-Ewwel Kamra tan-Netherlands u mit-Tieni Kamra tan-Netherlands, fil-qafas tal-Protokoll Nru 2 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta’ sussidjarjetà u proporzjonalità li tiddikjara li l-abbozz ta’ att leġiżlattiv ma jimxix mal-prinċipju ta’ sussidjarjetà,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

– wara li kkonsulta l-Kumitat tar-Reġjuni,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel (A9-0138/2024),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jitlob lill-Kummissjoni terġa’ tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b’mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b’mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

---

[1] ĠU C, C/2024/887, 06.02.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/887/oj.

**Emenda 1**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) ***Il-ħamrija*** f'saħħitha ***hija*** f'kundizzjoni kimika, bijoloġika u fiżika tajba sabiex ***ikunu jistgħu jiġu pprovduti*** servizzi ***tal-ekosistema*** li huma vitali għall-bnedmin u għall-ambjent, bħal ikel sikur, nutrittiv u suffiċjenti, bijomassa, ilma nadif, ċiklaġġ tan-nutrijenti, ħżin tal-karbonju u ħabitat għall-bijodiversità. Madankollu, bejn 60 u 70 % tal-ħamrija fl-Unjoni hija ddeterjorata u qed tkompli tiddeterjora. | (2) ***Ħamrija*** f'saħħitha ***tkun*** f'kundizzjoni kimika, bijoloġika u fiżika tajba sabiex ***tkun tista' tipprovdi*** servizzi ***tal-ekosistemi*** li huma vitali għall-bnedmin u għall-ambjent, bħal ikel sikur, nutrittiv u suffiċjenti, bijomassa, ilma nadif, ċiklaġġ tan-nutrijenti, ħżin tal-karbonju u ħabitat għall-bijodiversità. ***Il-ħamrija hija essenzjali biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel.*** Madankollu, ***huwa stmat li*** bejn 60 u 70 % tal-ħamrija fl-Unjoni hija ddeterjorata u qed tkompli tiddeterjora. |

**Emenda 2**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Id-degradazzjoni tal-ħamrija qed tiswa lill-Unjoni diversi għexieren ta' biljuni ta' euro kull sena. Is-saħħa tal-ħamrija qed ikollha impatt fuq il-forniment ta' servizzi ***tal-ekosistema*** li għandhom redditu ekonomiku importanti. ***Għalhekk, il-ġestjoni sostenibbli u r-riġenerazzjoni tal-ħamrija jagħmlu*** sens ekonomiku tajjeb u ***jistgħu jżidu*** b'mod sinifikanti l-prezz u l-valur tal-art fl-Unjoni. | (3) Id-degradazzjoni tal-ħamrija qed tiswa lill-Unjoni diversi għexieren ta' biljuni ta' euro kull sena. Is-saħħa tal-ħamrija qed ikollha impatt fuq il-forniment ta' servizzi ***tal-ekosistemi*** li għandhom redditu ekonomiku importanti. ***It-titjib tagħha jagħmel*** sens ekonomiku tajjeb u ***jista' jżid*** b'mod sinifikanti l-prezz u l-valur tal-art fl-Unjoni. ***Barra minn hekk, il-produzzjoni ta' ċentimetru wieħed biss ta' ħamrija tal-wiċċ taf tieħu sa 1 000 sena, filwaqt li l-proċess ta' degradazzjoni u t-telf totali tal-ħamrija jistgħu jseħħu malajr.*** |

**Emenda 3**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

(11) Il-finanzjament huwa vitali biex tkun tista' ***ssir*** tranżizzjoni ***għal*** ħamrija f'saħħitha. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali jippreżenta diversi opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli għall-protezzjoni, għall-ġestjoni sostenibbli u għar-riġenerazzjoni tal-ħamrija. "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa" huwa waħda mill-ħames missjonijiet tal-UE tal-programm Orizzont Ewropa u huwa ddedikat speċifikament għall-promozzjoni tas-saħħa tal-ħamrija. Il-Missjoni dwar il-Ħamrija hija strument ewlieni għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Din għandha l-għan li tmexxi t-tranżizzjoni ***għal*** ħamrija f'saħħitha permezz ta' finanzjament ta' programm ambizzjuż ta' riċerka u innovazzjoni, l-istabbiliment ta' network ta' 100 laboratorju ħaj u ***fanal*** f'żoni rurali u urbani, l-avvanz tal-iżvilupp ta' qafas armonizzat ta' monitoraġġ tal-ħamrija u ż-żieda fl-għarfien dwar l-importanza tal-ħamrija. Programmi oħrajn tal-Unjoni li jippreżentaw objettivi li jikkontribwixxu għal ħamrija f'saħħitha huma l-Politika Agrikola Komuni, il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika, il-programm ta' ħidma ta' Orizzont Ewropa, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u InvestEU.

(11) Il-finanzjament huwa vitali biex tkun tista' ***ssehh*** tranżizzjoni ***lejn*** ħamrija f'saħħitha. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali jippreżenta diversi opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli għall-protezzjoni, għall-ġestjoni sostenibbli u għar-riġenerazzjoni tal-ħamrija. "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa" huwa waħda mill-ħames missjonijiet tal-UE tal-programm Orizzont Ewropa u huwa ddedikat speċifikament għall-promozzjoni tas-saħħa tal-ħamrija. Il-Missjoni dwar il-Ħamrija hija strument ewlieni għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Din għandha l-għan li tmexxi t-tranżizzjoni ***lejn*** ħamrija f'saħħitha permezz ta' finanzjament ta' programm ambizzjuż ta' riċerka u innovazzjoni, l-istabbiliment ta' network ta' 100 laboratorju ħaj u ***lighthouses*** f'żoni rurali u urbani, l-avvanz tal-iżvilupp ta' qafas armonizzat ta' monitoraġġ tal-ħamrija u ż-żieda fl-għarfien dwar l-importanza tal-ħamrija. Programmi oħrajn tal-Unjoni li jippreżentaw objettivi li jikkontribwixxu għal ħamrija f'saħħitha huma l-Politika Agrikola Komuni, il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika, il-programm ta' ħidma ta' Orizzont Ewropa, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u InvestEU. ***Peress li l-għan li l-ħamrija kollha fl-Unjoni jkollha status ta' ħamrija f'saħħitha huwa ta' interess komuni, hemm bżonn li tiżdied il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi biex tiġi appoġġata l-adozzjoni ta' prattiki ta' ġestjoni u riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija, inkluż billi jiġi pprovdut appoġġ mill-Bank Ewropew tal-Investiment permezz ta' mekkaniżmi ta' tneħħija tar-riskji. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tivvaluta l-ħtiġijiet u l-lakuni finanzjarji ġenerali u jekk ikun meħtieġ tistabbilixxi riżorsi finanzjarji addizzjonali għall-perjodu ta' wara l-2027 taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali u tadotta miżuri biex tiżgura l-koerenza tal-politiki b'rabta mal-***

| | |
|---|---|
| | ***objettivi ta' din id-Direttiva.*** |

**Emenda 4**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) L-Istrateġija dwar il-Ħamrija għall-2030 ħabbret li l-Kummissjoni se tressaq proposta leġiżlattiva dwar is-saħħa tal-ħamrija biex tippermetti li jintlaħqu l-objettivi tal-Istrateġija dwar il-Ħamrija u tinkiseb saħħa tajba tal-ħamrija madwar l-UE sal-2050. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2021 dwar il-protezzjoni tal-ħamrija[42] , il-Parlament Ewropew enfasizza l-importanza tal-protezzjoni tal-ħamrija u tal-promozzjoni ta' ħamrija f'saħħitha fl-Unjoni, filwaqt li żamm f'moħħu li d-degradazzjoni qed tkompli, minkejja l-azzjoni limitata u irregolari li qed tittieħed f'xi Stati Membri. Il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tfassal qafas legali komuni għall-Unjoni kollha, b'rispett sħiħ għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, għall-protezzjoni u l-użu sostenibbli tal-ħamrija, li jindirizza t-theddidiet ewlenin kollha tal-ħamrija. | (12) L-Istrateġija dwar il-Ħamrija għall-2030 ħabbret li l-Kummissjoni se tressaq proposta leġiżlattiva dwar is-saħħa tal-ħamrija biex tippermetti li jintlaħqu l-objettivi tal-Istrateġija dwar il-Ħamrija u tinkiseb saħħa tajba tal-ħamrija madwar l-UE sal-2050. Fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2021 dwar il-protezzjoni tal-ħamrija[42] , il-Parlament Ewropew enfasizza l-importanza tal-protezzjoni tal-ħamrija u tal-promozzjoni ta' ħamrija f'saħħitha fl-Unjoni, filwaqt li żamm f'moħħu li d-degradazzjoni qed tkompli, minkejja l-azzjoni limitata u irregolari li qed tittieħed f'xi Stati Membri. Il-Parlament Ewropew stieden lill-Kummissjoni biex tfassal qafas legali komuni għall-Unjoni kollha, b'rispett sħiħ għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, għall-protezzjoni u l-użu sostenibbli tal-ħamrija, li jindirizza t-theddidiet ewlenin kollha tal-ħamrija. ***B'mod importanti, il-Parlament Ewropew jissottolinja r-riskji li jirriżultaw min-nuqqas ta' kundizzjonijiet ekwi bejn l-Istati Membri u r-reġimi differenti tagħhom ta' protezzjoni tal-ħamrija għall-funzjonament tas-suq intern u l-potenzjal qawwi li tiġi stimulata kompetizzjoni ġusta fis-settur privat, jiġu żviluppati soluzzjonijiet innovattivi u għarfien prattiku u tissaħħaħ l-esportazzjoni ta' teknoloġiji barra mill-Unjoni.*** |
| [42] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2021 dwar il-protezzjoni tal-ħamrija (2021/2548(RSP)). | [42] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2021 dwar il-protezzjoni tal-ħamrija (2021/2548(RSP)). |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) ***Jeħtieġ*** li jiġu stabbiliti miżuri għall-monitoraġġ u ***l-valutazzjoni*** tas-saħħa tal-ħamrija, għall-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija u għall-indirizzar ta' siti kkontaminati biex tinkiseb ħamrija f'saħħitha sal-2050, biex din tinżamm f'kundizzjoni f'saħħitha u jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni dwar il-klima u l-bijodiversità, biex ikun hemm prevenzjoni u ***rispons għan-nixfiet*** u ***d-diżastri*** naturali, biex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem u biex jiġu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza tal-ikel. | (18) ***Huwa vitali*** li jiġu stabbiliti miżuri ***xierqa*** għall-monitoraġġ u ***għall-valutazzjoni*** tas-saħħa tal-ħamrija ***armonizzati fl-Unjoni kollha***, għall-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija u għall-indirizzar ta' siti kkontaminati biex tinkiseb ħamrija f'saħħitha sal-2050, biex din tinżamm f'kundizzjoni f'saħħitha u jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni dwar il-klima u l-bijodiversità, biex ikun hemm prevenzjoni ***ta' nixfiet*** u ***ta' diżastri*** naturali u ***rispons għalihom***, biex tiġi protetta s-saħħa tal-bniedem u biex jiġu żgurati s-sigurtà u s-sikurezza tal-ikel. |

**Emenda 6**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Il-ħamrija tospita aktar minn 25 % tal-bijodiversità kollha u hija t-tieni l-akbar raggruppament ***ta' karbonju*** tal-pjaneta. Minħabba l-kapaċità tagħha li taqbad u taħżen il-karbonju, ħamrija f'saħħitha tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni dwar it-tibdil fil-klima. Ħamrija f'saħħitha tipprovdi wkoll ħabitat favorevoli għall-organiżmi biex ***jgħixu*** u hija kruċjali għat-titjib tal-bijodiversità u ***l-istabbiltà*** tal-ekosistemi. Il-bijodiversità taħt l-art u dik 'il fuq mill-art huma marbuta mill-qrib u jinteraġixxu permezz ta' relazzjonijiet reċiproċi (eż. fungi ***mikorriżjali*** li ***jgħaqqdu*** l-għeruq tal-pjanti). | (19) Il-ħamrija tospita aktar minn 25 % tal-bijodiversità kollha u hija t-tieni l-akbar raggruppament ***tal-karbonju*** tal-pjaneta. Minħabba l-kapaċità tagħha li taqbad u taħżen il-karbonju, ħamrija f'saħħitha tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni dwar it-tibdil fil-klima. ***Il-bijodiversità tal-ħamrija tinkorpora mikroorganiżmi, inklużi batterji, fungi, protożoa u nematodi, kif ukoll organiżmi akbar bħal ħniex, insetti, u għeruq tal-pjanti, li kollettivament jikkontribwixxu għad-diversità ekoloġika u funzjonali tal-ekosistemi tal-ħamrija.*** Ħamrija f'saħħitha tipprovdi wkoll ħabitat favorevoli għall-organiżmi biex ***jiżviluppaw tajjeb*** u hija kruċjali għat-titjib tal-bijodiversità u ***għall-istabbiltà*** tal-ekosistemi. Il-bijodiversità taħt l-art u dik 'il fuq mill-art huma marbuta mill-qrib ***ħafna*** u jinteraġixxu permezz ta' relazzjonijiet reċiproċi (eż. fungi ***mikorriżiċi*** li ***jikkollegaw*** l-għeruq |

| | |
|---|---|
| | tal-pjanti). |

**Emenda 7**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) Il-materja organika tal-ħamrija hija kruċjali biex tipprovdi servizzi u funzjonijiet tal-ekosistemi tal-ħamrija, billi tnaqqas id-degradazzjoni, l-erożjoni u l-kompattazzjoni tal-ħamrija, filwaqt li żżid il-kapaċità ta' buffering, ta' żamma tal-ilma u ta' skambju ta' katjoni tal-ħamrija u tal-karbonju organiku fil-ħamrija, li fl-aħħar mill-aħħar jistgħu jżidu r-rendiment tal-għelejjel. Barra minn hekk, il-materja organika tal-ħamrija taffettwa l-bijodiversità tal-ħamrija b'mod pożittiv u tista' żżid il-karbonju ssekwestrat fil-ħamrija, u b'hekk tikkontribwixxi għall-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima.*** |

**Emenda 8**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 21a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(21a) Ta' spiss ġie osservat li s-sustanzi per- u polifluworoalkilati (PFAS) jikkontaminaw l-ilma ta' taħt l-art, l-ilma tal-wiċċ kif ukoll il-ħamrija. Dawn jistgħu jibdlu l-proprjetajiet u l-istrutturi tal-ħamrija, fejn xi wħud mill-effetti rrapportati jinkludu tnaqqis fir-respirazzjoni tal-ħamrija u aggregati stabbli fl-ilma, u żieda fil-pH tal-ħamrija.*** |

**Emenda 9**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Id-degradazzjoni tal-ħamrija tħalli impatt fuq il-fertilità, ir-rendimenti, ir-reżistenza għall-pesti u l-kwalità tal-ikel nutrittiv. Billi 95 % tal-ikel tagħna huwa prodott direttament jew indirettament fuq il-ħamrija u l-popolazzjoni globali qed tkompli tiżdied, huwa kruċjali li din ir-riżorsa naturali finita tibqa' f'saħħitha biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel fit-tul u jiġu żgurati l-produttività u l-profittabbiltà tal-agrikoltura tal-Unjoni. Il-prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija ***jżommu*** jew itejbu s-saħħa tal-ħamrija u jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza tas-sistema tal-ikel. | (22) Id-degradazzjoni tal-ħamrija tħalli impatt fuq il-fertilità, ir-rendimenti, ir-reżistenza għall-pesti u l-kwalità tal-ikel nutrittiv. Billi 95 % tal-ikel tagħna huwa prodott direttament jew indirettament fuq il-ħamrija u l-popolazzjoni globali qed tkompli tiżdied, huwa kruċjali li din ir-riżorsa naturali finita tibqa' f'saħħitha biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel fit-tul u jiġu żgurati l-produttività u l-profittabbiltà tal-agrikoltura tal-Unjoni. Il-prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija***, inklużi dawk stabbiliti mill-politika agrikola komuni, iżommu*** jew itejbu s-saħħa tal-ħamrija u jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza tas-sistema tal-ikel. ***It-tnaqqis tat-telf tan-nutrijenti u tar-residwi tal-pestiċidi huwa essenzjali f'dan ir-rigward.*** |

**Emenda 10**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) L-objettiv fit-tul tad-Direttiva huwa li tinkiseb ħamrija f'saħħitha sal-2050. Bħala pass intermedju, fid-dawl tal-għarfien limitat dwar il-kundizzjoni tal-ħamrija u dwar l-effettività u l-kostijiet tal-miżuri għar-riġenerazzjoni tas-saħħa tagħha, id-direttiva tieħu approċċ fi stadji. Fl-ewwel stadju, l-enfasi se tkun fuq ***it-twaqqif*** tal-qafas ta' monitoraġġ tal-ħamrija u l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-ħamrija fl-UE kollha. ***Dan jinkludi wkoll rekwiżiti biex jiġu stabbiliti miżuri għall-ġestjoni*** tal-ħamrija ***b'mod sostenibbli u għar-riġenerazzjoni*** ta' ***ħamrija mhux f'saħħitha ladarba tiġi stabbilita l-kundizzjoni tagħha, iżda mingħajr ma jiġi impost obbligu*** li ***tinkiseb ħamrija f'saħħitha sal-2050*** u ***lanqas miri intermedji***. Dan l-approċċ proporzjonat se jippermetti li l-ġestjoni sostenibbli tal- | (23) L-objettiv fit-tul tad-Direttiva huwa li tinkiseb ħamrija f'saħħitha ***fl-Unjoni kollha*** sal-2050. Bħala pass intermedju, fid-dawl tal-għarfien limitat dwar il-kundizzjoni tal-ħamrija u dwar l-effettività u l-kostijiet tal-miżuri għar-riġenerazzjoni tas-saħħa tagħha, id-direttiva tieħu approċċ fi stadji. Fl-ewwel stadju, l-enfasi se tkun fuq ***l-istabbiliment*** tal-qafas ta' monitoraġġ tal-ħamrija u l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-ħamrija fl-UE kollha. ***L-Istati Membri jenħtieġ li jiddefinixxu prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija filwaqt li jqisu l-prinċipji mhux vinkolanti stabbiliti fl-Anness III*** ta' ***din id-Direttiva. L-Istati Membri huma mogħtija l-flessibbiltà li jiddeċiedu dwar il-prattiki konkreti li jridu jiġu implimentati,*** li ***meta xieraq, ikunu jirriflettu l-kundizzjonijiet lokali,*** u ***l-fattibbiltà tagħhom, sabiex jiffaċilitaw il-*** |

ħamrija u r-riġenerazzjoni ta' ħamrija ***mhux*** f'saħħitha jkunu mħejjija, inċentivati u mnedija sewwa. Fit-tieni stadju, hekk kif ikunu disponibbli r-riżultati tal-ewwel valutazzjoni tal-ħamrija u tal-analiżi tax-xejriet, il-Kummissjoni se tqis il-progress lejn ***l-objettiv*** tal-2050 u l-esperjenza tiegħu, u se tipproponi rieżami tad-direttiva jekk ikun meħtieġ biex ***jitħaffef il-progress lejn l-2050***.

***kisba ta' ħamrija b'saħħitha sal-2050***. Dan l-approċċ proporzjonat se jippermetti li l-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija u r-riġenerazzjoni ta' ħamrija ***li mhijiex*** f'saħħitha jkunu mħejjija, inċentivati u mnedija sewwa. Fit-tieni stadju, hekk kif ikunu disponibbli r-riżultati tal-ewwel valutazzjoni tal-ħamrija u tal-analiżi tax-xejriet, il-Kummissjoni se tqis il-progress ***li jkun sar*** lejn ***l-ilħuq tal-objettiv*** tal-2050 u l-esperjenza tiegħu, u se tipproponi rieżami tad-direttiva jekk ikun meħtieġ biex ***tintlaħaq il-mira tal-2050***.

**Emenda 11**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) L-indirizzar tal-pressjonijiet fuq il-ħamrija u l-identifikazzjoni tal-miżuri xierqa biex tinżamm jew tiġi riġenerata s-saħħa tal-ħamrija jirrikjedu li jitqiesu l-varjetà tat-tipi ta' ħamrija, il-kundizzjonijiet lokali u klimatiċi speċifiċi u l-użu tal-art jew il-kopertura tal-art. Għalhekk, ***jixraq*** li l-Istati Membri jistabbilixxu distretti tal-ħamrija. Jenħtieġ li d-distretti tal-ħamrija jikkostitwixxu l-unitajiet bażiċi ta' governanza biex jiġġestixxu l-ħamrija u jieħdu miżuri biex jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija. ***Jenħtieġ li l-għadd, il-firxa ġeografika u l-konfini tad-distretti tal-ħamrija għal kull Stat Membru jiġu ddeterminati sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill+.*** Jenħtieġ li jkun hemm għadd minimu ta' distretti tal-ħamrija f'kull Stat Membru, filwaqt li jitqies id-daqs tal-Istat Membru. Dan l-għadd minimu ta' distretti tal-ħamrija għal kull Stat Membru ***għandu*** jikkorrispondi għall-għadd ta' unitajiet territorjali NUTS 1 stabbiliti fir- | (24) L-indirizzar tal-pressjonijiet fuq il-ħamrija u l-identifikazzjoni tal-miżuri xierqa biex tinżamm jew tiġi riġenerata s-saħħa tal-ħamrija jirrikjedu li jitqiesu l-varjetà tat-tipi ta' ħamrija, il-kundizzjonijiet lokali u klimatiċi speċifiċi u l-użu tal-art jew il-kopertura tal-art. Għalhekk, ***huwa xieraq*** li l-Istati Membri jistabbilixxu distretti tal-ħamrija ***li jkunu kapaċi jirriflettu b'mod adegwat il-kundizzjonijiet pedoklimatiċi u l-varjetà tal-ħamrija fit-territorju kollu tagħhom***. Jenħtieġ li d-distretti tal-ħamrija jikkostitwixxu l-unitajiet bażiċi ta' governanza biex jiġġestixxu l-ħamrija u jieħdu miżuri biex jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati f'din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija. Jenħtieġ li jkun hemm għadd minimu ta' distretti tal-ħamrija f'kull Stat Membru, filwaqt li jitqies id-daqs tal-Istat Membru. Dan l-għadd minimu ta' distretti tal-ħamrija għal kull Stat Membru ***jenħtieġ li*** jikkorrispondi għall-għadd ta' unitajiet territorjali NUTS 1 stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill48. ***L-Istati Membri jistgħu*** |

Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill48.

***jiddeċiedu li jistabbilixxu d-distretti tal-ħamrija tagħhom skont l-għadd tagħhom ta' unitajiet territorjali NUTS 2 sabiex jirriflettu aħjar il-kundizzjonijiet lokali tagħhom u l-kompetenzi tal-awtoritajiet nazzjonali tagħhom.***

***+OP jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju li jinsab fid-dokument COM(2022) 672 final u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.***

[48] Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

[48] Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1).

**Emenda 12**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 24a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(24a) Id-distretti tal-ħamrija huma l-livell l-aktar xieraq għall-adozzjoni ta' programmi ta' miżuri u, meta meħtieġ, miri intermedji, inkluż permezz ta' pjanijiet ta' distretti tal-ħamrija lokali, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet lokali u l-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati lokali, biex jiġi żgurat li l-ħamrija rispettiva ttejjeb il-klassifikazzjoni tagħha. Peress li huwa meħtieġ aktar żmien biex ħamrija degradata b'mod kritiku tiġi rrestawrata, jenħtieġ li tingħata skeda ta' żmien suffiċjenti sa 10 snin biex jiġi żgurat li l-klassifikazzjoni ekoloġika tagħha titjieb. Ħamrija rreġistrata bħala kkontaminata li tkun koperta minn pjanijiet ta' ġestjoni u mitigazzjoni speċifiċi tista' tkun soġġetta għal skeda ta' żmien differenti.*** |

**Emenda 13**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Sabiex tiġi żgurata governanza xierqa dwar il-ħamrija, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jaħtru awtorità kompetenti għal kull distrett tal-ħamrija. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jaħtru kwalunkwe awtorità kompetenti addizzjonali fil-livell xieraq**,** inkluż fil-livell reġjonali ***jew nazzjonali***. | (25) Sabiex tiġi żgurata governanza xierqa dwar il-ħamrija, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jaħtru awtorità kompetenti għal kull distrett tal-ħamrija. Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jaħtru kwalunkwe awtorità kompetenti addizzjonali fil-livell xieraq inkluż fil-livell ***nazzjonali jew*** reġjonali***, inkluż fit-territorji tal-Istati Membri. Sabiex jiġu minimizzati l-kostijiet, l-Istati Membri jenħtieġ li primarjament jaħtru awtoritajiet li diġà jkunu stabbiliti. Awtorità waħda tista' tkun responsabbli għal diversi oqsma, li jaf jgħin biex tittejjeb il-konsistenza fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. F'każ li l-Istati Membri jbiddlu l-allokazzjoni tal-kompetenzi fost l-awtoritajiet kompetenti, jenħtieġ li jikkomunikaw dawk il-bidliet lill-Kummissjoni biex iżommu l-informazzjoni aġġornata.*** |

**Emenda 14**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (27) Sabiex ***tiġi deskritta d-degradazzjoni tal-ħamrija***, ***huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti deskritturi*** tal-ħamrija li ***jistgħu jitkejlu jew jiġu stmati. Anki jekk ikun hemm varjabbiltà sinifikanti bejn it-tipi*** ta' ħamrija***, il-kundizzjonijiet klimatiċi u l-użi tal-art***, ***l-għarfien xjentifiku attwali jippermetti li jiġu stabbiliti kriterji fil-livell tal-Unjoni*** għal ***xi wħud minn dawk id-deskritturi tal-ħamrija. Madankollu***, ***jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jadattaw il-kriterji għal xi wħud minn dawn id-deskritturi tal-ħamrija abbażi ta'*** kundizzjonijiet ***lokali jew nazzjonali*** | (27) Sabiex ***tipprevedi qafas komuni u tippermetti l-komparabbiltà tad-data, jenħtieġ li l-Kummissjoni, permezz ta' atti delegati***, ***tadotta metodoloġija għad-determinazzjoni tal-valuri tal-livelli limitu għad-deskritturi*** tal-ħamrija ***għal kull status ekoloġiku tal-ħamrija. Huwa importanti*** li ***din il-metodoloġija tqis l-aktar evidenza xjentifika reċenti u tipprovdi mezzi biex jitqiesu l-kundizzjonijiet klimatiċi u t-tipi*** ta' ħamrija ***differenti. Bl-użu ta' din il-metodoloġija***, ***l-Istati Membri jenħtieġ li jidentifikaw abbozz tal-valuri tal-livelli*** |

| | |
|---|---|
| ***speċifiċi*** u ***jiddefinixxu l-kriterji għal deskritturi oħrajn tal-ħamrija*** li ***għalihom ma jistgħux*** jiġu ***stabbiliti kriterji komuni fil-livell tal-UE f'dan l-istadju. Għal dawk id-deskritturi*** li ***għalihom issa ma jistgħux jiġu identifikati kriterji ċari*** li ***jiddistingwu bejn kundizzjoni f'saħħitha u mhux f'saħħitha, huma meħtieġa biss monitoraġġ u valutazzjoni***. ***Dan se jiffaċilita l-iżvilupp ta' tali kriterji fil-futur***. | ***limitu għad-deskritturi tal-ħamrija*** għal ***kull status ekoloġiku tal-ħamrija filwaqt li jqisu l-kundizzjonijiet klimatiċi***, ***it-tip ta' ħamrija, it-tip ta' żona tal-art u l-evidenza xjentifika u jippreżentawhom lill-Kummissjoni. Sabiex jiġu żgurati*** kundizzjonijiet ***ekwi fost l-Istati Membri*** u ***biex jiġi evitat li l-Istati Membri jadottaw valuri tal-livelli limitu li jippermettu*** li ***ħamrija simili tiġi kkategorizzata b'mod differenti ħafna, u b'hekk*** jiġu ***affettwati l-isforzi meħtieġa biex jittejjeb l-istatus ekoloġiku tal-ħamrija tagħha, jenħtieġ*** li ***l-Kummissjoni tivvaluta l-abbozz tal-valuri tal-livelli limitu u l-ġustifikazzjoni xjentifika tagħhom. Jenħtieġ*** li ***l-Kummissjoni tkun tista' titlob lill-Istati Membri informazzjoni addizzjonali jew reviżjoni tal-abbozz tal-valuri tal-livelli limitu tagħhom***. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tapprova l-valuri tal-livelli limitu, diment li l-osservazzjonijiet tagħha jkunu tqiesu b'mod adegwat.*** |

**Emenda 15**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 27a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(27a) Hija meħtieġa perspettiva integrata dwar il-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija li tmur lil hinn minn kunsiderazzjoni esklużiva tal-fatturi ta' degradazzjoni u li tipprovdi perkors ċar għat-titjib tagħha. Il-valutazzjoni ġenerali tal-istatus ekoloġiku tal-ħamrija, għalhekk, jenħtieġ li tkun ikkategorizzata skont ħames klassijiet minn "status ekoloġiku għoli tal-ħamrija", "status ekoloġiku tajjeb", "moderat", "ħamrija degradata" sa "ħamrija degradata b'mod kritiku", filwaqt li titqies, fost l-oħrajn, il-preżenza ta' fatturi ta' degradazzjoni u funzjonijiet tal-ħamrija.*** |

**Emenda 16**
**Proposta għal direttiva**

**Premessa 27b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(27b) Biex tiġi rispettata l-awtonomija tal-Istati Membri li jkunu lesti jimplimentaw sistemi ta' monitoraġġ aktar komprensivi, l-Istati Membri jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħżlu minn fost tliet livelli ta' monitoraġġ. Il-Livell 1 jipprovdi sett minimu ta' deskritturi tal-ħamrija. Fil-Livell 2, 20 % tal-punti ta' kampjunar jiġu ddeterminati skont il-programm LUCAS u jsir kampjunar doppju għall-monitoraġġ kontinwu u għall-istabbiliment ta' funzjonijiet ta' trasferiment, filwaqt li t-80 % li jifdal tal-punti ta' kampjunar jiġu ddeterminati mill-Istat Membru, anki għall-monitoraġġ kontinwu u skont il-kriterji stabbiliti fl-annessi ta' din id-Direttiva. Fil-Livelli 1 u 2, 20 % tal-punti ta' kampjunar huma ddedikati għal monitoraġġ immirat, li jippermetti lill-Istati Membri jespandu l-valutazzjonijiet ibbażati fuq ir-riskju, iwettqu investigazzjonijiet, jew jimmiraw oqsma ta' interess partikolari. L-istabbiliment ta' approċċ f'livelli jżid l-għadd ta' deskritturi tal-ħamrija vvalutati iżda wkoll il-livell ta' awtonomija li l-Istati Membri jkollhom fid-determinazzjoni tal-livelli limitu assoċjati mal-istatus ekoloġiku tal-ħamrija. L-għan ewlieni ta' tali approċċ f'diversi livelli huwa li jippermetti lill-Istati Membri kollha jimplimentaw is-sistemi ta' monitoraġġ tagħhom u jieħdu vantaġġ minn kwalunkwe sistema nazzjonali attwali li diġà timmonitorja l-ħamrija. Il-Livell 2 se jippermetti li jimtlew il-lakuni fil-kamp ta' applikazzjoni u fil-firxa tad-deskritturi tal-ħamrija kkunsidrati. Fil-Livell 3, l-għadd ta' deskritturi tal-ħamrija huwa estiż aktar biex jiġu rfinati aspetti partikolari tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-ħamrija.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(28) Sabiex jinħolqu inċentivi, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi biex jirrikonoxxu l-isforzi tas-sidien tal-artijiet u tal-maniġers tal-artijiet biex iżommu l-ħamrija f'kundizzjoni f'saħħitha, inkluż fil-forma ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija komplementari għall-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju, u l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-kriterji ta' sostenibbiltà tal-enerġija rinnovabbli stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50]. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita ċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija billi, inter alia, tiskambja informazzjoni u tippromwovi l-aħjar prattiki, tqajjem kuxjenza u tivvaluta l-fattibbiltà tal-iżvilupp tar-rikonoxximent tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni fil-livell tal-Unjoni. Jenħtieġ li s-sinerġiji bejn skemi ta' ċertifikazzjoni differenti jiġu sfruttati kemm jista' jkun biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għal dawk li japplikaw għaċ-ċertifikazzjonijiet rilevanti.*** | ***imħassar*** |

***[50] Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni) (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).***

**Emenda 18**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Il-ħamrija hija riżorsa limitata soġġetta għal kompetizzjoni dejjem tikber | (30) Il-ħamrija hija riżorsa limitata soġġetta għal kompetizzjoni dejjem tikber |

| | |
|---|---|
| għal użi differenti. It-teħid tal-art huwa proċess li spiss ikun xprunat mill-ħtiġijiet tal-iżvilupp ekonomiku, li jittrasforma żoni naturali u seminaturali (inklużi l-art agrikola u forestali, il-ġonna u l-parks) fi żvilupp ta' art artifiċjali, bl-użu tal-ħamrija bħala pjattaforma għall-kostruzzjonijiet u l-infrastruttura, bħala sors dirett ta' materja prima jew bħala arkivju għall-patrimonju storiku. Din it-trasformazzjoni tista' tikkawża t-telf, spiss irriversibbli, tal-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi servizzi oħrajn ***tal-ekosistema*** (il-provvista ta' ikel u bijomassa, iċ-ċiklaġġ tal-ilma u tan-nutrijenti, il-bażi għall-bijodiversità u l-ħżin tal-karbonju). B'mod partikolari, it-teħid tal-art spiss jaffettwa l-aktar ħamrija agrikola fertili, u jpoġġi s-sigurtà tal-ikel fil-periklu. Il-ħamrija ssiġillata tesponi wkoll l-insedjamenti umani għal livelli ogħla ta' għargħar u għal effetti ta' gżejjer tas-sħana aktar intensi. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu mmonitorjati t-teħid tal-art u l-issiġillar tal-ħamrija u l-effetti tagħhom fuq il-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi servizzi ***tal-ekosistema***. Huwa xieraq ukoll li jiġu stabbiliti ċerti prinċipji biex jittaffew l-impatti tat-teħid tal-art ***bħala parti mill-ġestjoni*** sostenibbli tal-ħamrija. | għal użi differenti. It-teħid tal-art huwa proċess li spiss ikun xprunat mill-ħtiġijiet tal-iżvilupp ekonomiku, li jittrasforma żoni naturali u seminaturali (inklużi l-art agrikola u forestali, il-ġonna u l-parks) fi żvilupp ta' art artifiċjali, bl-użu tal-ħamrija bħala pjattaforma għall-kostruzzjonijiet u l-infrastruttura, bħala sors dirett ta' materja prima jew bħala arkivju għall-patrimonju storiku. Din it-trasformazzjoni tista' tikkawża t-telf, spiss irriversibbli, tal-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi servizzi oħrajn ***tal-ekosistemi*** (il-provvista ta' ikel u bijomassa, iċ-ċiklaġġ tal-ilma u tan-nutrijenti, il-bażi għall-bijodiversità u l-ħżin tal-karbonju). B'mod partikolari, it-teħid tal-art spiss jaffettwa l-aktar ħamrija agrikola fertili, u jpoġġi s-sigurtà tal-ikel fil-periklu. Il-ħamrija ssiġillata tesponi wkoll l-insedjamenti umani għal livelli ogħla ta' għargħar u għal effetti ta' gżejjer tas-sħana aktar intensi. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu mmonitorjati t-teħid tal-art u l-issiġillar tal-ħamrija u l-effetti tagħhom fuq il-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi servizzi ***tal-ekosistemi***. Huwa xieraq ukoll li jiġu stabbiliti ċerti prinċipji biex jittaffew l-impatti tat-teħid tal-art ***filwaqt li tiġi kkomplementata l-ġestjoni*** sostenibbli tal-ħamrija. |

**Emenda 19**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Jenħtieġ li l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija bbażata fuq in-network ta' monitoraġġ tkun akkurata, filwaqt li fl-istess ħin il-kostijiet ta' tali monitoraġġ jinżammu f'livell raġonevoli. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti kriterji għall-punti ta' kampjunar li huma rappreżentattivi tal-kundizzjoni tal-ħamrija taħt tipi differenti ta' ħamrija, kundizzjonijiet klimatiċi u użu tal-art. Jenħtieġ li l-grilja tal-punti ta' kampjunar | (31) Jenħtieġ li l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija bbażata fuq in-network ta' monitoraġġ tkun akkurata, filwaqt li fl-istess ħin il-kostijiet ta' tali monitoraġġ jinżammu f'livell raġonevoli. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti kriterji għall-punti ta' kampjunar li jkunu rappreżentattivi tal-kundizzjoni tal-ħamrija taħt tipi differenti ta' ħamrija, kundizzjonijiet klimatiċi u użu tal-art. Jenħtieġ li l-grilja tal-punti ta' kampjunar |

| | |
|---|---|
| tiġi ddeterminata bl-użu ta' metodi ġeostatistiċi u tkun densa biżżejjed biex tipprovdi stima taż-żona ta' ħamrija f'saħħitha, fil-livell nazzjonali, fi ħdan inċertezza ta' mhux aktar minn 5 %. Dan il-valur jitqies b'mod komuni li jipprovdi stima statistikament tajba u assigurazzjoni raġonevoli li l-objettiv ikun intlaħaq. | tiġi ddeterminata bl-użu ta' metodi ġeostatistiċi u tkun densa biżżejjed biex tipprovdi stima taż-żona ta' ħamrija f'saħħitha, fil-livell nazzjonali, fi ħdan inċertezza ta' mhux aktar minn 5 %. Dan il-valur jitqies b'mod komuni li jipprovdi stima statistikament tajba u aċċertament raġonevoli li l-objettiv ikun intlaħaq. ***Huwa importanti li l-metodoloġija u l-qafas tal-monitoraġġ tal-ħamrija jinkludu kriterji armonizzati ta' kampjunar, inkluża l-profondità tal-kampjunar.*** |

**Emenda 20**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 31a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(31a) L-arkivji tal-ħamrija jippreservaw stampa tal-ħamrija minn ħin u post speċifiċi, li jippermettu lill-Istati Membri jużaw kampjun wieħed għal diversi finijiet u jissimplifikaw l-attivitajiet ta' kampjunar fuq il-post, u b'hekk inaqqsu l-kostijiet fit-tul tal-monitoraġġ in situ. Barra minn hekk, l-arkivji tal-ħamrija jippermettu lir-riċerkaturi jevalwaw mill-ġdid il-ħamrija tal-passat fil-kuntest tal-preżent għal fehim aħjar ta' kif il-ħamrija tinbidel fit-tul, jew għal finijiet oħra ta' riċerka, inkluża riċerka medika. Għalhekk huwa imperattiv li l-Kummissjoni, inklużi s-servizzi bħaċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), flimkien mal-Istati Membri u l-Osservatorju Ewropew tal-Ħamrija, jiżguraw li l-kampjuni, l-estratti tad-DNA u d-data mhux ipproċessata meħuda għall-konformità mal-liġi ambjentali tal-Unjoni u dik nazzjonali jiġu ppreservati tajjeb f'arkivji fiżiċi u li l-kampjuni u d-data mhux ipproċessata ta' dawk l-arkivji jibqgħu disponibbli għal aktar riċerka u innovazzjoni.*** |

**Emenda 21**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) Il-Kummissjoni ***għandha*** tassisti u tappoġġa l-monitoraġġ mill-Istati Membri tas-saħħa tal-ħamrija billi tkompli twettaq u ttejjeb il-kampjunar regolari tal-ħamrija in situ u l-kejl tal-ħamrija relatat (LUCAS dwar il-ħamrija) bħala parti mill-Programm ta' Stħarriġ qafas statistiku tal-Użu tal-Art taż-Żona Koperta. Għal dak il-fini, il-Programm LUCAS ***għandu*** jittejjeb u jiġi mmodernizzat sabiex jiġi allinjat bis-sħiħ mar-rekwiżiti speċifiċi ***ta' kwalità*** li ***għandhom*** jiġu ssodisfati għall-fini ta' din id-Direttiva. Sabiex jittaffa l-piż, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew iqisu d-data dwar is-saħħa tal-ħamrija mistħarrġa ***taħt l-istħarriġ LUCAS imtejjeb*** dwar il-ħamrija. B'hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri appoġġati jagħmlu l-arranġamenti legali meħtieġa biex jiżguraw li l-Kummissjoni tkun tista' twettaq tali kampjunar tal-ħamrija in situ, inkluż fuq għelieqi li ***huma*** proprjetà privata, u f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni applikabbli. | (32) ***Biex tikkomplementa l-inventarji nazzjonali eżistenti,*** il-Kummissjoni ***jenħtieġ li*** tassisti u tappoġġa l-monitoraġġ mill-Istati Membri tas-saħħa tal-ħamrija billi tkompli twettaq u ttejjeb il-kampjunar regolari tal-ħamrija *in situ* u l-kejl tal-ħamrija relatat (LUCAS dwar il-ħamrija) bħala parti mill-Programm ta' Stħarriġ qafas statistiku tal-Użu tal-Art⁄taż-Żona Koperta ***(LUCAS)***. Għal dak il-fini, il-Programm LUCAS ***jenħtieġ li*** jittejjeb u jiġi mmodernizzat sabiex jiġi allinjat bis-sħiħ mar-rekwiżiti speċifiċi ***tal-kwalità u mad-deskritturi kollha*** li ***jridu*** jiġu ssodisfati għall-fini ta' din id-Direttiva. Sabiex jittaffa l-piż, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew iqisu d-data dwar is-saħħa tal-ħamrija mistħarrġa ***fl-ambitu tal-LUCAS dwar il-ħamrija mtejjeb. Fl-ambitu tal-LUCAS dwar il-ħamrija, se jittieħdu kampjuni mill-inqas minn 20 % tad-daqs tal-kampjuni nazzjonali u se jiġu analizzati, u b'hekk dan se jikkontribwixxi għall-monitoraġġ imwettaq mill-Istati Membri. L-analiżi tal-LUCAS hija essenzjali biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jikkalkulaw u jikkalibraw funzjonijiet ta' trasferiment validi sabiex ikunu jistgħu jkomplu jużaw metodu alternattiv ta' monitoraġġ f'konformità mal-Livell 2. Il-Kummissjoni jenħtieġ li, fuq talba ta' Stat Membru, tipprovdi aktar assistenza, sa massimu ta' 50 % tal-kampjunar matul l-ewwel ċiklu ta' monitoraġġ nazzjonali.*** B'hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri appoġġati jagħmlu l-arranġamenti legali meħtieġa biex jiżguraw li l-Kummissjoni tkun tista' twettaq tali kampjunar tal-ħamrija *in situ*, inkluż fuq għelieqi li ***jkunu ta'*** proprjetà privata***, bil-ftehim tas-sidien***, u f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali |

jew tal-Unjoni applikabbli.

**Emenda 22**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) Il-Kummissjoni qed tiżviluppa servizzi ta' telerilevament fil-kuntest ta' Copernicus bħala programm xprunat mill-utenti, u b'hekk qed tappoġġa wkoll lill-Istati Membri. Sabiex jiżdiedu t-tempestività u l-effettività tal-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija, u ***fejn*** rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw data ta' telerilevament, inklużi outputs mis-servizzi ta' Copernicus għall-monitoraġġ tad-deskritturi rilevanti tal-ħamrija u għall-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent jappoġġaw l-esplorazzjoni u l-iżvilupp ta' prodotti ta' telerilevament tal-ħamrija biex jassistu lill-Istati Membri fil-monitoraġġ tad-deskritturi rilevanti tal-ħamrija. | (33) Il-Kummissjoni qed tiżviluppa servizzi ta' telerilevament fil-kuntest ta' Copernicus bħala programm xprunat mill-utenti, u b'hekk qed tappoġġa wkoll lill-Istati Membri. Sabiex jiżdiedu t-tempestività u l-effettività tal-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija, u ***meta*** rilevanti, jenħtieġ li l-Istati Membri jużaw data ta' telerilevament, inklużi outputs mis-servizzi ta' Copernicus għall-monitoraġġ tad-deskritturi rilevanti tal-ħamrija u għall-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija. Jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent jappoġġaw l-esplorazzjoni u l-iżvilupp ta' prodotti ta' telerilevament tal-ħamrija biex jassistu lill-Istati Membri fil-monitoraġġ tad-deskritturi rilevanti tal-ħamrija. ***Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jenħtieġ li jappoġġaw aktar l-użu ta' teknoloġiji diġitali affidabbli u disponibbli, bħal bażijiet tad-data elettroniċi, sistemi ta' informazzjoni ġeografika, identifikazzjoni awtomatizzata tal-immaġnijiet jew e-DNA, biex itejbu l-kondiviżjoni tal-għarfien u t-trasparenza fir-rigward tas-saħħa tal-ħamrija u jnaqqsu l-kostijiet tal-kejl u tal-monitoraġġ tal-ħamrija.*** |

**Emenda 23**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 34**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (34) Filwaqt li tibni ulterjorment u timmodernizza l-osservatorju tal-ħamrija tal-UE eżistenti, jenħtieġ li l-Kummissjoni | (34) Filwaqt li tibni ulterjorment u timmodernizza l-osservatorju tal-ħamrija tal-UE eżistenti, jenħtieġ li l-Kummissjoni |

tistabbilixxi portal diġitali ta' data dwar is-saħħa tal-ħamrija li jenħtieġ li jkun kompatibbli mal-Istrateġija ***tal-UE*** għad-Data[50] u mal-ispazji tad-data tal-UE u li jenħtieġ li jkun ċentru li jipprovdi aċċess għad-data dwar il-ħamrija li ġejja minn diversi sorsi. Jenħtieġ li dak il-portal primarjament jinkludi d-data ***kollha*** miġbura mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni kif meħtieġ minn din id-Direttiva. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li tiġi integrata fil-portal, fuq bażi volontarja, data rilevanti oħra dwar il-ħamrija miġbura mill-Istati Membri jew minn kwalunkwe parti oħra (u b'mod partikolari data li tirriżulta minn proġetti ***taħt*** Orizzont Ewropa u l-Missjoni "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa"), diment li dik id-data tissodisfa ċerti rekwiżiti fir-rigward tal-format u l-ispeċifikazzjonijiet. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jiġu speċifikati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.

tistabbilixxi portal diġitali ta' data dwar is-saħħa tal-ħamrija li jenħtieġ li jkun kompatibbli mal-Istrateġija ***Ewropea*** għad-Data[50] u mal-ispazji tad-data tal-UE u li jenħtieġ li jkun ċentru li jipprovdi aċċess għad-data dwar il-ħamrija li ***tkun*** ġejja minn diversi sorsi. ***Id-data dwar is-saħħa tal-ħamrija jenħtieġ li tkun disponibbli għall-pubbliku f'format li jista' jintuża mill-komunità tar-riċerka, mis-sidien u mill-maniġers tal-artijiet, mill-konsulenti li jaħdmu fi ħdan is-sistema konsultattiva għall-azjendi agrikoli u mill-pubbliku, filwaqt li tiġi żgurata l-konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali.*** Jenħtieġ li dak il-portal primarjament jinkludi d-data ***rilevanti*** miġbura mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni kif meħtieġ minn din id-Direttiva ***u jservi bħala pjattaforma għall-istabbiliment ta' Sett ta' Għodod għall-Ġestjoni Sostenibbli tal-Ħamrija li se tipprovdi informazzjoni aġġornata speċifika għall-kuntest dwar prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija bbażati fuq tipi ta' ħamrija, użu tal-art u kundizzjonijiet klimatiċi differenti***. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li tiġi integrata fil-portal, fuq bażi volontarja, data rilevanti oħra dwar il-ħamrija miġbura mill-Istati Membri jew minn kwalunkwe parti oħra (u b'mod partikolari data li tirriżulta minn proġetti ***fl-ambitu ta'*** Orizzont Ewropa u l-Missjoni "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa"), diment li dik id-data tissodisfa ċerti rekwiżiti fir-rigward tal-format u l-ispeċifikazzjonijiet. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jiġu speċifikati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiżguraw li l-istituti ta' riċerka jkollhom aċċess faċli u mingħajr ħlas għad-data kollha meta jitolbuha.***

[50]Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u

[50] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u

lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija Ewropea għad-data, COM(2020) 66 final. | lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija Ewropea għad-data, COM(2020)66 final.

**Emenda 24**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 35**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (35) Huwa meħtieġ ukoll li tittejjeb l-armonizzazzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-ħamrija użati fl-Istati Membri u li jiġu sfruttati s-sinerġiji bejn is-sistemi ta' monitoraġġ nazzjonali u dawk tal-Unjoni sabiex ikun hemm data aktar komparabbli madwar l-Unjoni. | (35) Huwa meħtieġ ukoll li tittejjeb l-armonizzazzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-ħamrija użati fl-Istati Membri u li jiġu sfruttati s-sinerġiji bejn is-sistemi ta' monitoraġġ nazzjonali u dawk tal-Unjoni ***u jsir użu sħiħ ta' għodod ta' monitoraġġ armonizzati li diġà jeżistu bħal-LUCAS*** sabiex ikun hemm data aktar komparabbli madwar l-Unjoni. ***Barra minn hekk, l-armonizzazzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ fl-Istati Membri tgħin biex jiżdiedu l-investimenti f'tekniki u teknoloġiji avvanzati ta' monitoraġġ tal-ħamrija.*** |

**Emenda 25**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(36) Sabiex isir l-akbar użu possibbli mid-data dwar is-saħħa tal-ħamrija ġġenerata mill-monitoraġġ imwettaq skont din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jiffaċilitaw l-aċċess għal tali data għall-partijiet ikkonċernati rilevanti bħall-bdiewa, il-forestiera, is-sidien tal-artijiet u l-awtoritajiet lokali.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 26**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 37**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (37) Sabiex tinżamm jew tittejjeb is-saħħa tal-ħamrija, il-ħamrija jeħtieġ li tiġi ġestita b'mod sostenibbli. Il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija se tippermetti l-forniment fit-tul ta' servizzi tal-ħamrija, inklużi kwalità mtejba tal-arja u tal-ilma u s-sigurtà tal-ikel. Għalhekk, ***jixraq*** li jiġu stabbiliti prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija biex jiggwidaw il-prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija. | (37) Sabiex tinżamm jew tittejjeb is-saħħa tal-ħamrija, il-ħamrija jeħtieġ li tiġi ġestita b'mod sostenibbli. Il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija se tippermetti l-forniment fit-tul ta' servizzi tal-ħamrija, inklużi kwalità mtejba tal-arja u tal-ilma u s-sigurtà tal-ikel. Għalhekk, ***huwa xieraq*** li jiġu stabbiliti prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija ***mhux vinkolanti*** biex jiggwidaw il-prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija. |

**Emenda 27**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 38**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) L-istrumenti ekonomiċi, inklużi dawk taħt il-Politika Agrikola Komuni (PAK) li jipprovdu appoġġ lill-bdiewa, għandhom rwol kruċjali fit-tranżizzjoni għall-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija agrikola u, ***sa ċertu punt***, tal-ħamrija tal-foresti. Il-PAK għandha l-għan li tappoġġa s-saħħa tal-ħamrija permezz tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità, tal-iskemi ekoloġiċi u tal-miżuri ta' żvilupp rurali. L-appoġġ finanzjarju għall-bdiewa u l-forestiera li japplikaw prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija jista' jiġi ġġenerat ukoll mis-settur privat. It-tikketti volontarji tas-sostenibbiltà fl-industrija tal-ikel, tal-injam, b'bażi bijoloġika u tal-enerġija, pereżempju, stabbiliti minn partijiet ikkonċernati privati, jistgħu jqisu ***l-prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli*** tal-ħamrija ***stabbiliti f'din*** id-Direttiva. Dan jista' jippermetti lill-produtturi tal-ikel, tal-injam u ta' bijomassa oħra li jsegwu dawk il-prinċipji fil-produzzjoni tagħhom biex ***jirriflettu dawn*** fil-valur tal-prodotti tagħhom. Se jiġi pprovdut finanzjament addizzjonali għal network ta' siti tal-ħajja reali għall-ittestjar, għad-dimostrazzjoni u ***għat-titjib*** tas-soluzzjonijiet, inkluż dwar | (38) L-istrumenti ekonomiċi, inklużi dawk taħt il-Politika Agrikola Komuni (PAK) li jipprovdu appoġġ lill-bdiewa, għandhom rwol kruċjali fit-tranżizzjoni għall-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija agrikola u, ***ftit inqas***, tal-ħamrija tal-foresti. Il-PAK għandha l-għan li tappoġġa s-saħħa tal-ħamrija permezz tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità, tal-iskemi ekoloġiċi u tal-miżuri ta' żvilupp rurali. L-appoġġ finanzjarju għall-bdiewa u l-forestiera li japplikaw prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija jista' jiġi ġġenerat ukoll mis-settur privat. It-tikketti volontarji tas-sostenibbiltà fl-industrija tal-ikel, tal-injam, b'bażi bijoloġika u tal-enerġija, pereżempju, stabbiliti minn partijiet ikkonċernati privati, jistgħu jqisu ***l-kontribuzzjonijiet għat-titjib tas-saħħa*** tal-ħamrija ***f'konformità ma'*** din id-Direttiva. Dan jista' jippermetti lill-produtturi tal-ikel, tal-injam u ta' bijomassa oħra li jsegwu dawk il-prinċipji fil-produzzjoni tagħhom biex ***dawn jirriflettuhom*** fil-valur tal-prodotti tagħhom. Se jiġi pprovdut finanzjament addizzjonali għal network ta' siti tal-ħajja reali għall-ittestjar, għad-dimostrazzjoni u ***għall-espansjoni*** tas- |

| | |
|---|---|
| is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, permezz tal-laboratorji ħajjin u ***l-fanali*** tal-Missjoni dwar il-Ħamrija. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu appoġġ u pariri biex jgħinu lis-sidien tal-artijiet u lill-utenti tal-artijiet affettwati mill-azzjoni meħuda skont din id-Direttiva, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet limitati ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. | soluzzjonijiet, inkluż dwar is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, permezz tal-laboratorji ħajjin u ***l-lighthouses*** tal-Missjoni dwar il-Ħamrija. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu appoġġ u pariri biex jgħinu lis-sidien tal-artijiet u lill-utenti tal-artijiet affettwati mill-azzjoni meħuda skont din id-Direttiva, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet limitati ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. |

**Emenda 28**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 39a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(39a) Il-kundizzjonijiet agrikoli u ambjentali tajba (KAAT) 5, 6 u 7 kif stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/2115 jinkludu standards biex tittejjeb il-ġestjoni tal-ħdim tar-raba' li jnaqqas ir-riskju tad-degradazzjoni u l-erożjoni tal-ħamrija, inkluż il-kunsiderazzjoni tal-pendil u l-ġestjoni minima tal-art li tirrifletti kundizzjonijiet speċifiċi għas-siti biex tiġi limitata l-erożjoni, kopertura minima ta' ħamrija biex tiġi evitata ħamrija għerja, protezzjoni tal-ħamrija f'perjodi li huma l-aktar sensittivi kif ukoll newba tal-għelejjel f'raba' li jinħadem. Barra minn hekk, il-KAAT 1 dwar il-protezzjoni ta' bwar permanenti u l-KAAT 2 dwar il-protezzjoni tal-artijiet mistagħdra u tat-torbiera u tal-ħamrija b'livell għoli ta' materja organika, huma rilevanti għall-protezzjoni tal-ħamrija.*** |

**Emenda 29**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 40**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

(40) ***Sabiex jiġi żgurat li jiġu implimentati l-aħjar prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija,*** jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jimmonitorjaw mill-qrib l-impatt tal-prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija u jaġġustaw il-prattiki u r-rakkomandazzjonijiet kif meħtieġ, filwaqt li jqisu għarfien ġdid mir-riċerka u l-innovazzjoni. F'dan ir-rigward, huma mistennija kontribuzzjonijiet siewja mill-Missjoni ta' Orizzont Ewropa "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa" u, b'mod partikolari, il-laboratorji ħajjin tagħha u l-attivitajiet li jappoġġaw il-monitoraġġ tal-ħamrija, l-edukazzjoni dwar il-ħamrija u l-involviment taċ-ċittadini.

(40) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jimmonitorjaw mill-qrib l-impatt tal-prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija u jaġġustaw il-prattiki u r-rakkomandazzjonijiet kif meħtieġ, filwaqt li jqisu għarfien ġdid mir-riċerka u l-innovazzjoni. F'dan ir-rigward, huma mistennija kontribuzzjonijiet siewja mill-Missjoni ta' Orizzont Ewropa "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa" u, b'mod partikolari, il-laboratorji ħajjin tagħha u l-attivitajiet li jappoġġaw il-monitoraġġ tal-ħamrija, l-edukazzjoni dwar il-ħamrija u l-involviment taċ-ċittadini.

**Emenda 30**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 42**

*Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda*

(42) Sabiex jiġu żgurati sinerġiji bejn il-miżuri differenti adottati skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li jista' jkollhom impatt fuq is-saħħa tal-ħamrija, u l-miżuri li ***għandhom*** jiġu stabbiliti għall-ġestjoni u r-riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-prattiki ta' ġestjoni u riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija jkunu koerenti mal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr adottati f'konformità mar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[52]+; il-pjanijiet strateġiċi li ***għandhom*** jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115, il-kodiċijiet ta' prattiki agrikoli tajbin u l-programmi ta' azzjoni għal żoni vulnerabbli ***magħżula*** adottati f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE[53], il-miżuri ta' konservazzjoni u l-qafas ta' azzjoni prijoritizzata stabbilit għas-siti ***ta'*** Natura 2000 f'konformità mad-Direttiva

(42) Sabiex jiġu żgurati sinerġiji bejn il-miżuri differenti adottati skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li jista' jkollhom impatt fuq is-saħħa tal-ħamrija, u l-miżuri li ***jridu*** jiġu stabbiliti għall-ġestjoni u r-riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-prattiki ta' ġestjoni u riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija jkunu koerenti mal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr adottati f'konformità mar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[52]+; ***l-istrateġiji nazzjonali għall-bijodiversità u l-pjanijiet ta' azzjoni stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Diversità Bijoloġika,*** il-pjanijiet strateġiċi li ***jridu*** jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115, il-kodiċijiet ta' prattiki agrikoli tajbin u l-programmi ta' azzjoni għal żoni

tal-Kunsill 92/43/KEE[54], il-miżuri għall-kisba ta' ***status*** ekoloġiku u kimiku tajjeb tal-korpi tal-ilma inklużi fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar imħejjija f'konformità mad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[55], il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju ta' għargħar stabbiliti f'konformità mad-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[56], il-pjanijiet ta' ġestjoni tan-nixfa promossi fl-Istrateġija tal-Unjoni dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima[57], il-programmi ta' azzjoni nazzjonali stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, il-miri stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[58] u r-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill59, il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60], il-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja mħejjija skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[61] , il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-ippjanar għall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri stabbiliti f'konformità mad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[62], u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali stabbiliti f'konformità ***mar-Regolament (UE) …/…*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[63] +. Il-prattiki ta' ġestjoni u riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija jenħtieġ li jkunu, kemm jista' jkun, integrati fi ħdan dawn il-programmi, il-pjanijiet u l-miżuri sa fejn jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi tagħhom. Konsegwentement, l-indikaturi u d-data rilevanti, bħall-indikaturi tar-riżultati relatati mal-ħamrija skont ir-Regolament tal-PAK u d-data statistika dwar l-input u l-output agrikoli rrapportati skont ir-Regolament (UE) 2022/2379 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[64], jenħtieġ li jkunu aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti

vulnerabbli ***nnominati*** adottati f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE[53], il-miżuri ta' konservazzjoni u l-qafas ta' azzjoni prijoritizzata stabbilit għas-siti Natura 2000 f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[54], il-miżuri għall-kisba ta' ***stat*** ekoloġiku u kimiku tajjeb tal-korpi tal-ilma inklużi fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar imħejjija f'konformità mad-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[55], il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju ta' għargħar stabbiliti f'konformità mad-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[56], il-pjanijiet ta' ġestjoni tan-nixfa promossi fl-Istrateġija tal-Unjoni dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima[57], il-programmi ta' azzjoni nazzjonali stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, il-miri stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[58] u r-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill59, il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60], il-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja mħejjija skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[61] , il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-ippjanar għall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri stabbiliti f'konformità mad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[62], u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali stabbiliti f'konformità ***mad-Direttiva 2009/128/KE*** tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[63] +. Il-prattiki ta' ġestjoni u riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija jenħtieġ li jkunu, kemm jista' jkun, integrati fi ħdan dawn il-programmi, il-pjanijiet u l-miżuri sa fejn jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi tagħhom. Konsegwentement, l-indikaturi u d-data rilevanti, bħall-indikaturi tar-riżultati relatati mal-ħamrija skont ir-Regolament

responsabbli għall-prattiki ta' ġestjoni u riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija u għall-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija sabiex ***dawn*** id-data u l-indikaturi jiġu interkonnessi u, b'hekk, tkun tista' ssir l-aktar valutazzjoni akkurata possibbli tal-effettività tal-miżuri magħżula.

tal-PAK u d-data statistika dwar l-input u l-output agrikoli rrapportati skont ir-Regolament (UE) 2022/2379 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[64], jenħtieġ li jkunu aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-prattiki ta' ġestjoni u riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija u għall-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija sabiex ***din*** id-data u ***dawn*** l-indikaturi jiġu interkonnessi u, b'hekk, tkun tista' ssir l-aktar valutazzjoni akkurata possibbli tal-effettività tal-miżuri magħżula.

---

[52] OP : jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament dwar ir-restawr tan-natura li jinsab fid-dokument COM(2022) 304 u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restawr tan-natura

[53] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

[54] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

[55] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, ***pp***. 1-73).

[56] Id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar (ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27).

[57] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-

---

[52] OP : jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament dwar ir-restawr tan-natura li jinsab fid-dokument COM(2022) 304 u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restawr tan-natura

[53] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

[54] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

[55] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, ***p***. 1-73).

[56] Id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar (ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27).

[57] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-

| | |
|---|---|
| Klima, COM(2021) 82 final. | Klima, COM(2021)82 final. |
| [58] Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1). | [58] Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1). |
| [59] Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26). | [59] Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26). |
| [60] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1). | [60] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1). |
| [61] Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1). | [61] Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1). |
| [62] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal- | [62] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal- |

| | |
|---|---|
| Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924). | Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924). |
| [63] ***+ OP: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 li jinsab fid-dokument COM(2022) 305 u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna*** | |
| [64] Ir-Regolament (UE) 2022/2379 dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli. | [64] Ir-Regolament (UE) 2022/2379 dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli. |

**Emenda 31**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 43**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (43) Is-siti kkontaminati huma l-legat ta' għexieren ta' snin ta' attività industrijali fl-UE u jistgħu jwasslu għal riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent issa u fil-futur. ***Għalhekk***, huwa meħtieġ li l-ewwel jiġu identifikati u investigati s-siti potenzjalment ikkontaminati u mbagħad, f'każ ta' kontaminazzjoni kkonfermata, jiġu vvalutati r-riskji u jittieħdu miżuri biex jiġu indirizzati ***riskji inaċċettabbli***. L-investigazzjoni tal-ħamrija tista' turi li sit potenzjalment ikkontaminat fil-fatt ***ma huwiex*** ikkontaminat. F'dak il-każ, jenħtieġ li s-sit ma jibqax jiġi ttikkettat mill-Istat Membru bħala potenzjalment ikkontaminat, sakemm ma tkunx issuspettata kontaminazzjoni abbażi ta' evidenza ġdida. | (43) Is-siti kkontaminati huma l-legat ta' għexieren ta' snin ta' attività industrijali fl-UE u jistgħu jwasslu għal riskji għas-saħħa tal-bniedem u ***tal-annimali u*** għall-ambjent issa u fil-futur. ***Billi nibnu fuq l-għarfien eżistenti***, huwa ***għalhekk*** meħtieġ li l-ewwel jiġu identifikati u investigati s-siti potenzjalment ikkontaminati u mbagħad, f'każ ta' kontaminazzjoni kkonfermata, jiġu vvalutati r-riskji u jittieħdu miżuri biex ***dawn*** jiġu indirizzati. L-investigazzjoni tal-ħamrija tista' turi li sit potenzjalment ikkontaminat fil-fatt ***mhuwiex*** ikkontaminat. F'dak il-każ, jenħtieġ li s-sit ma jibqax jiġi ttikkettat mill-Istat Membru bħala potenzjalment ikkontaminat, sakemm ma tkunx issuspettata kontaminazzjoni abbażi ta' evidenza ġdida. |

**Emenda 32**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 44**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

(44) Sabiex jiġu identifikati siti potenzjalment ikkontaminati, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġbru evidenza, fost l-oħrajn, permezz ta' riċerka storika, inċidenti u aċċidenti industrijali tal-passat, permessi ambjentali u notifiki mill-pubbliku jew mill-awtoritajiet.

(44) Sabiex jiġu identifikati siti potenzjalment ikkontaminati, jenħtieġ li l-Istati Membri jiġbru evidenza, fost l-oħrajn, permezz ta' riċerka storika, inċidenti u aċċidenti industrijali tal-passat, permessi ambjentali***, stħarriġiet tas-saħħa*** u notifiki mill-pubbliku jew mill-awtoritajiet.

**Emenda 33**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 45**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (45) Sabiex jiġi żgurat li l-investigazzjonijiet tal-ħamrija dwar siti potenzjalment ikkontaminati jitwettqu fil-ħin u b'mod effettiv, jenħtieġ li l-Istati Membri, minbarra l-obbligu li jistabbilixxu l-iskadenza sa meta jenħtieġ li jitwettqu dawk l-investigazzjonijiet, ikunu meħtieġa jistabbilixxu eventi speċifiċi li jiskattaw ukoll tali investigazzjoni. Tali eventi skattaturi jistgħu jinkludu t-talba jew ir-rieżami ta' permess ambjentali jew tal-bini jew awtorizzazzjoni meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-attivitajiet ta' tħaffir tal-ħamrija, il-bidliet fl-użu tal-art jew it-tranżazzjonijiet ***tal-art*** jew ***tal-proprjetà*** immobbli. L-investigazzjonijiet tal-ħamrija jistgħu jsegwu stadji differenti, bħal studju ***mhux*** fuq il-post, żjara fuq il-post, investigazzjoni preliminari jew esploratorja, investigazzjoni aktar dettaljata jew deskrittiva, u ttestjar fuq il-post jew fil-laboratorju. Ir-rapporti ta' bażi u l-miżuri ta' monitoraġġ implimentati f'konformità mad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[65] jistgħu jikkwalifikaw ukoll bħala investigazzjoni tal-ħamrija, ***fejn*** xieraq. | (45) Sabiex jiġi żgurat li l-investigazzjonijiet tal-ħamrija dwar siti potenzjalment ikkontaminati jitwettqu fil-ħin u b'mod effettiv, ***kif mitlub fir-riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2021 dwar il-protezzjoni tal-ħamrija,*** jenħtieġ li l-Istati Membri, minbarra l-obbligu li jistabbilixxu l-iskadenza sa meta jenħtieġ li jitwettqu dawk l-investigazzjonijiet, ikunu meħtieġa jistabbilixxu eventi speċifiċi li jiskattaw ukoll tali investigazzjoni. Tali eventi skattaturi jistgħu jinkludu t-talba jew ir-rieżami ta' permess ambjentali jew tal-bini jew awtorizzazzjoni meħtieġa skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew il-leġiżlazzjoni nazzjonali, l-attivitajiet ta' tħaffir tal-ħamrija, il-bidliet fl-użu tal-art jew it-tranżazzjonijiet ***b'rabta ma' art*** jew ***proprjetà*** immobbli. L-investigazzjonijiet tal-ħamrija jistgħu jsegwu stadji differenti, bħal studju ***li ma jsirx*** fuq il-post, żjara fuq il-post, investigazzjoni preliminari jew esploratorja, investigazzjoni aktar dettaljata jew deskrittiva, u ttestjar fuq il-post jew fil-laboratorju. Ir-rapporti ta' bażi u l-miżuri ta' monitoraġġ implimentati f'konformità mad-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[65] jistgħu jikkwalifikaw ukoll bħala investigazzjoni tal-ħamrija, ***meta*** xieraq. |

[65] Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

[65] Id-Direttiva 2010/75/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar l-emissjonijiet industrijali (ĠU L 334, 17.12.2010, p. 17).

**Emenda 34**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 46**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (46) Hija meħtieġa flessibbiltà għall-ġestjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati u ta' siti kkontaminati biex jitqiesu l-kostijiet, il-benefiċċji u l-ispeċifiċitajiet lokali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri ***mill-inqas*** jadottaw approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-ġestjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati u ta' siti kkontaminati, filwaqt li jqisu d-differenza bejn dawn iż-żewġ kategoriji, u li jippermettilhom jallokaw ir-riżorsi, filwaqt li jqisu l-kuntest ambjentali, ekonomiku u soċjali speċifiku. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet jittieħdu abbażi tan-natura u tal-firxa tar-riskji potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent li jirriżultaw mill-esponiment għall-kontaminanti tal-ħamrija (eż. l-esponiment ta' popolazzjonijiet vulnerabbli bħan-nisa tqal, il-persuni b'diżabilità, l-anzjani u t-tfal). Jenħtieġ li l-analiżi ***kost-benefiċċji tar-rimedju tal-impriżi*** tkun ***pożittiva***. Jenħtieġ li ***l-aħjar*** soluzzjoni ta' ***rimedju*** tkun sostenibbli u ***magħżula*** permezz ta' proċess bilanċjat ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jqis l-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali. Jenħtieġ li l-ġestjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati u ta' siti kkontaminati tirrispetta l-prinċipji ta' min iniġġes iħallas, ta' prekawzjoni u ta' proporzjonalità. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-metodoloġija speċifika għad-determinazzjoni tar-riskji speċifiċi għas-sit ta' siti kkontaminati. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddefinixxu wkoll x'jikkostitwixxi riskju inaċċettabbli minn sit ikkontaminat abbażi tal-għarfien | (46) Hija meħtieġa flessibbiltà għall-ġestjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati u ta' siti kkontaminati biex jitqiesu l-kostijiet, il-benefiċċji u l-ispeċifiċitajiet lokali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jadottaw approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-ġestjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati u ta' siti kkontaminati, filwaqt li jqisu d-differenza bejn dawn iż-żewġ kategoriji, u li jippermettilhom jallokaw ir-riżorsi, filwaqt li jqisu l-kuntest ambjentali, ekonomiku u soċjali speċifiku. Jenħtieġ li d-deċiżjonijiet jittieħdu ***f'kooperazzjoni mal-prattikanti tas-saħħa lokali, mal-awtoritajiet tas-saħħa u mal-komunità xjentifika,*** abbażi tan-natura u tal-firxa tar-riskji potenzjali għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent li jirriżultaw mill-esponiment għall-kontaminanti tal-ħamrija (eż. l-esponiment ta' popolazzjonijiet vulnerabbli bħan-nisa tqal, il-persuni b'diżabilità, l-anzjani u t-tfal)***, inkluż l-esponiment, u l-effetti kumulattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, l-ekosistemi tal-ħamrija u s-servizzi tal-ekosistemi assoċjati***. Jenħtieġ li l-analiżi ***tal-kostijiet u tal-benefiċċji li titwettaq rimedjazzjoni*** tkun ***bilanċjata, filwaqt li tqis il-vantaġġi għall-ġenerazzjonijiet futuri***. Jenħtieġ li ***l-aqwa*** soluzzjoni ta' ***rimedjazzjoni*** tkun sostenibbli u ***tintgħażel*** permezz ta' proċess bilanċjat ta' teħid ta' deċiżjonijiet li jqis l-impatti ambjentali, ekonomiċi u soċjali. Jenħtieġ li l-ġestjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati u ta' siti kkontaminati tirrispetta l-prinċipji ta' min iniġġes iħallas, ta' prekawzjoni u ta' |

xjentifiku, il-prinċipju ta' prekawzjoni, ***l-ispeċifiċitajiet lokali*** u l-użu attwali u futur tal-art. Sabiex ir-riskji ta' siti kkontaminati jitnaqqsu għal livell aċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri adegwati ta' tnaqqis tar-riskji, ***inkluż rimedju***. Jenħtieġ li jkun possibbli li l-miżuri meħuda skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni jiġu kkwalifikati bħala miżuri ta' tnaqqis tar-riskji skont din id-Direttiva meta dawk il-miżuri effettivament inaqqsu r-riskji ***maħluqa*** minn siti kkontaminati.

proporzjonalità. Jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu l-metodoloġija speċifika għad-determinazzjoni tar-riskji speċifiċi għas-sit ta' siti kkontaminati. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiddefinixxu wkoll x'jikkostitwixxi riskju inaċċettabbli minn sit ikkontaminat abbażi tal-għarfien xjentifiku, il-prinċipju ta' prekawzjoni, ***l-opinjoni tal-awtoritajiet u tal-prattikanti tas-saħħa,*** u l-użu attwali u futur tal-art. Sabiex ir-riskji ta' siti kkontaminati jitnaqqsu għal livell aċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u ***tal-annimali u*** għall-ambjent, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu miżuri adegwati ta' tnaqqis tar-riskji, ***filwaqt li jipprijoritizzaw in situ jew ex situ inkluża rimedjazzjoni***. Jenħtieġ li jkun possibbli li l-miżuri meħuda skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni jiġu kkwalifikati bħala miżuri ta' tnaqqis tar-riskji skont din id-Direttiva meta dawk il-miżuri effettivament inaqqsu r-riskji ***ppreżentati*** minn siti kkontaminati.

**Emenda 35**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 46a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(46a) Il-prinċipji ta' mitigazzjoni tat-teħid tal-art jenħtieġ li jiffaċilitaw is-sigurtà tal-ikel tal-Unjoni filwaqt li jqisu akkomodazzjoni sostenibbli, infrastruttura essenzjali u proġetti tal-enerġija rinnovabbli.*** |

**Emenda 36**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 47**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (47) Jenħtieġ li l-miżuri meħuda skont din id-Direttiva jqisu wkoll objettivi ta' ***politika*** oħrajn tal-UE***, bħall-objettivi*** | (47) Jenħtieġ li l-miżuri meħuda skont din id-Direttiva jqisu wkoll objettivi ta' ***politiki*** oħrajn tal-UE. |

***segwiti minn [ir-Regolament (UE) xxxx/xxxx+] li għandhom l-għan li jiżguraw il-provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika għall-industrija tal-Ewropa****.*

[66] *+ OP: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament li jistabbilixxi qafas biex tiġi żgurata provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika u li jemenda r-Regolamenti (UE) 168/2013, (UE) 2018/858, 2018/1724 u (UE) 2019/1020 li jinsabu fid-dokument COM(2023) 160 u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.*

**Emenda 37**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 48a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(48a) Sabiex il-ħamrija tiġi protetta mit-tniġġis minn sustanzi kimiċi emerġenti li għandhom il-potenzjal li jikkawżaw riskji sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem u tal-annimali u li jikkontaminaw l-arja tal-madwar, l-ilmijiet tal-wiċċ, l-ilma ta' taħt l-art, u sussegwentement l-oċeani, jenħtieġ li jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' politiki biex jiġu individwati u vvalutati tali sustanzi ta' tħassib emerġenti. F'dak ir-rigward, approċċ li jippermetti monitoraġġ u analiżi ta' dawk is-sustanzi jew gruppi ta' sustanzi permezz ta' listi ta' sorveljanza, kif diġà huwa l-każ għall-ilma tal-wiċċ u għall-ilma ta' taħt l-art, jenħtieġ li jiġi żviluppat għall-kontaminazzjoni tal-ħamrija. Is-sustanzi jew il-gruppi ta' sustanzi li jridu jiġu inklużi fil-lista ta' sorveljanza jenħtieġ li jintgħażlu minn fost dawk is-sustanzi li għalihom l-informazzjoni disponibbli tindika li jistgħu jippreżentaw riskju sinifikanti fil-livell tal-Unjoni għall-ambjent tal-ħamrija, jew permezz tiegħu,*** |

| | |
|---|---|
| | ***u li għalihom id-data ta' monitoraġġ hija insuffiċjenti. Jenħtieġ li l-għadd ta' tali sustanzi jew gruppi ta' sustanzi li jridu jiġu mmonitorjati u analizzati taħt il-listi ta' sorveljanza ma jkunx limitat.*** |

**Emenda 38**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 48b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(48b) Sustanzi bħal sustanzi niġġiesa organiċi persistenti, materjali u partikoli, inklużi mikroplastiks jew nanoplastiks, jippreżentaw riskju ċar għas-saħħa tal-ħamrija, iżda wkoll għal attivitajiet essenzjali bħall-iżvilupp tal-agrikoltura. Il-preżenza tagħhom fil-ħamrija jista' jkollha implikazzjonijiet għall-fertilità tal-ħamrija, u b'hekk tikkompromettí s-saħħa u l-iżvilupp b'saħħtu tal-għelejjel. Għalhekk huwa essenzjali li din id-Direttiva tipprevedi qafas kemm għas-sustanzi kif ukoll għall-materjali li jridu jiġu inklużi fil-monitoraġġ tal-kontaminanti tal-ħamrija, u għall-istabbiliment ta' standards ta' kwalità ambjentali u sett ta' miżuri biex jipprevjenu u jirrimedjaw il-kontaminazzjoni tal-ħamrija minn theddid magħruf u emerġenti, meta xieraq.*** |

**Emenda 39**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 50**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (50) Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[68] tordna r-rilaxx ta' data tas-settur pubbliku f'formati liberi u miftuħa. L-objettiv ġenerali huwa li jitkompla t-tisħiħ tal-ekonomija tad-data tal-UE billi jiżdied l-ammont ta' data tas-settur pubbliku | (50) Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[68] tordna r-rilaxx ta' data tas-settur pubbliku f'formati liberi u miftuħa. L-objettiv ġenerali huwa li jitkompla t-tisħiħ tal-ekonomija tad-data tal-UE billi jiżdied l-ammont ta' data ***interoperabbli*** tas-settur |

disponibbli għall-użu mill-ġdid, jiġu żgurati kompetizzjoni ġusta u aċċess faċli għall-informazzjoni tas-settur pubbliku, u tissaħħaħ l-innovazzjoni transfruntiera bbażata fuq id-data***. Il-prinċipju ewlieni huwa li jenħtieġ li d-data tal-gvern tkun miftuħa b'mod awtomatiku u mid-disinn.*** Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[69] għandha l-għan li tiggarantixxi d-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni ambjentali fl-Istati Membri f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Il-Konvenzjoni ta' Aarhus u d-Direttiva 2003/4/KE jinkludu obbligi ġenerali relatati kemm mat-tqegħid ta' informazzjoni ambjentali disponibbli fuq talba, kif ukoll mat-tixrid attiv ta' tali informazzjoni. Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[70] għandha wkoll kamp ta' applikazzjoni wiesa', li jkopri l-kondiviżjoni ta' informazzjoni ġeografika, inklużi settijiet ta' data dwar suġġetti ambjentali differenti. Huwa importanti li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva relatati mal-aċċess għall-informazzjoni u l-arranġamenti ta' kondiviżjoni tad-data jikkomplementaw dawk id-Direttivi u ma joħolqux reġim legali separat. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva rigward l-informazzjoni lill-pubbliku u l-informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni jkunu mingħajr preġudizzju għad-Direttivi (UE) 2019/1024, 2003/4/KE u 2007/2/KE.

pubbliku disponibbli għall-użu mill-ġdid, jiġu żgurati kompetizzjoni ġusta u aċċess faċli għall-informazzjoni tas-settur pubbliku, u tissaħħaħ l-innovazzjoni transfruntiera bbażata fuq id-data. Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[69] għandha l-għan li tiggarantixxi d-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni ambjentali fl-Istati Membri f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Il-Konvenzjoni ta' Aarhus u d-Direttiva 2003/4/KE jinkludu obbligi ġenerali relatati kemm mat-tqegħid ta' informazzjoni ambjentali disponibbli fuq talba, kif ukoll mat-tixrid attiv ta' tali informazzjoni. Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[70] għandha wkoll kamp ta' applikazzjoni wiesa', li jkopri l-kondiviżjoni ta' informazzjoni ġeografika, inklużi settijiet ta' data dwar suġġetti ambjentali differenti. Huwa importanti li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva relatati mal-aċċess għall-informazzjoni u l-arranġamenti ta' kondiviżjoni tad-data jikkomplementaw dawk id-Direttivi u ma joħolqux reġim legali separat. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva rigward l-informazzjoni lill-pubbliku u l-informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni jkunu mingħajr preġudizzju għad-Direttivi (UE) 2019/1024, 2003/4/KE u 2007/2/KE.

---

[68] Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

[69] Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

[68] Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56).

[69] Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).

[70] Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

[70] Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta’ Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

**Emenda 40**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 51**

*Test propost mill-Kummissjoni*

(51) Sabiex jiġi żgurat l-adattament meħtieġ tar-regoli dwar il-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija, ***il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija*** u l-ġestjoni ta’ siti kkontaminati, ***is-setgħa ta’ adozzjoni ta’*** atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ***jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni*** fir-rigward tal-emendar ta’ din id-Direttiva ***sabiex il-metodoloġiji għall-monitoraġġ tas-saħħa*** tal-ħamrija***, il-lista ta’ prinċipji ta’ ġestjoni sostenibbli*** tal-ħamrija, il-lista indikattiva ta’ miżuri ta’ tnaqqis tar-riskji, il-fażijiet u r-rekwiżiti għall-valutazzjoni tar-riskji speċifiċi għas-sit u ***l-kontenut tar-reġistru*** ta’ ***siti kkontaminati*** u ***ta’ siti potenzjalment ikkontaminati*** jiġu adattati għall-progress tekniku u xjentifiku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ***il-ħidma preparatorja tagħha***, ***inkluż*** fil-livell ta’ esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet ***jitwettqu*** f’konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta’ April 2016[71]. B’mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta’ atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-

*Emenda*

(51) Sabiex jiġi żgurat l-adattament meħtieġ tar-regoli dwar il-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija, ***il-valutazzjoni*** u l-ġestjoni ta’ siti kkontaminati, ***jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta*** atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-emendar ***jew is-supplimentar*** ta’ din id-Direttiva ***biex tiġi adottata metodoloġija għad-determinazzjoni tal-valuri tal-livelli limitu għad-deskritturi*** tal-ħamrija ***li jridu jiġu stabbiliti mill-Istati Membri, u biex il-metodoloġiji għall-monitoraġġ tas-saħħa*** tal-ħamrija, il-lista indikattiva ta’ miżuri ta’ tnaqqis tar-riskji, il-fażijiet u r-rekwiżiti għall-valutazzjoni tar-riskji speċifiċi għas-sit u ***l-istabbiliment tal-valuri minimi tollerabbli b’rabta mad-definizzjoni*** ta’ ***riskju inaċċettabbli għas-saħħa*** u ***għall-ambjent li jirriżulta minn siti kkontaminati*** jiġu adattati għall-progress tekniku u xjentifiku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ***ix-xogħol tagħha ta’ tħejjija***, ***ukoll*** fil-livell ta’ esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet ***jiġu mwettqa*** f’konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta’ April 2016[71]. B’mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta’ atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-

| | |
|---|---|
| tħejjija ta’ atti delegati. | esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta’ atti delegati. |
| [71] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta’ April 2016 (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1). | [71] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta’ April 2016 (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1). |

**Emenda 41**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 53**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (53) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni bbażata fuq l-evidenza u, ***fejn*** rilevanti, reviżjoni ta’ din id-Direttiva, ***6*** snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija. Jenħtieġ li ***l-evalwazzjoni*** tivvaluta b’mod partikolari ***l-ħtieġa li jiġu stabbiliti rekwiżiti aktar speċifiċi biex jiġi żgurat li l-ħamrija mhux f’saħħitha tiġi riġenerata*** u ***li jintlaħaq l-objettiv li*** tinkiseb ħamrija ***f’saħħitha*** sal-2050. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tivvaluta wkoll il-ħtieġa li d-definizzjoni ta’ ħamrija f’saħħitha tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku billi jiżdiedu dispożizzjonijiet dwar ċerti deskritturi jew kriterji bbażati fuq evidenza xjentifika ġdida relatata mal-protezzjoni tal-ħamrija jew abbażi ta’ problema speċifika għal Stat Membru li tinħoloq minn ċirkostanzi ambjentali jew klimatiċi ġodda. Skont il-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, jenħtieġ li dik l-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq il-kriterji ta’ effiċjenza, effettività, rilevanza, koerenza u valur miżjud tal-UE u jenħtieġ li tipprovdi l-bażi għal valutazzjonijiet tal-impatt ta’ miżuri ulterjuri possibbli. | (53) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni bbażata fuq l-evidenza u, ***meta*** rilevanti, reviżjoni ta’ din id-Direttiva, ***sitt*** snin wara d-dħul fis-seħħ tagħha abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija. ***L-evalwazzjoni*** jenħtieġ li tivvaluta b’mod partikolari ***l-lakuni*** u ***l-miżuri meħtieġa biex*** tinkiseb ħamrija ***b’saħħitha*** sal-2050. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tivvaluta wkoll il-ħtieġa li d-definizzjoni ta’ ħamrija f’saħħitha tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku billi jiżdiedu dispożizzjonijiet dwar ċerti deskritturi jew kriterji bbażati fuq evidenza xjentifika ġdida relatata mal-protezzjoni tal-ħamrija jew abbażi ta’ problema speċifika għal Stat Membru li tinħoloq minn ċirkostanzi ambjentali jew klimatiċi ġodda. Skont il-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, jenħtieġ li dik l-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq il-kriterji ta’ effiċjenza, effettività, rilevanza, koerenza u valur miżjud tal-UE u jenħtieġ li tipprovdi l-bażi għal valutazzjonijiet tal-impatt ta’ miżuri ulterjuri possibbli. |

**Emenda 42**
**Proposta għal direttiva**
**Premessa 55a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(55a) Din id-Direttiva għandha l-għan li tilħaq l-objettiv fit-tul ta' ħamrija f'saħħitha fl-Unjoni sal-2050 abbażi ta' qafas koerenti għall-monitoraġġ tal-ħamrija u t-titjib tas-saħħa tagħha. Minħabba n-natura tagħha bħala direttiva, f'konformità mal-Artikolu 288 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, din id-Direttiva hija vinkolanti fir-rigward tar-riżultat li jrid jinkiseb fl-Istati Membri li lilhom hija indirizzata, filwaqt li tħalli lill-awtoritajiet nazzjonali s-setgħa li jagħżlu l-forma u l-metodi biex jinkiseb ir-riżultat. Għalhekk se jkun f'idejn l-Istati Membri li jfasslu l-liġijiet tagħhom stess dwar kif jistgħu jilħqu l-għanijiet stipulati f'din id-Direttiva. L-istrument propost li huwa direttiva jħalli ħafna flessibbiltà lill-Istati Membri biex jidentifikaw l-aħjar miżuri għalihom u biex jadattaw l-approċċ għall-kundizzjonijiet lokali. Dan huwa kruċjali biex jitqiesu l-ispeċifiċitajiet reġjonali u lokali fir-rigward tal-varjabbiltà tal-ħamrija, l-użu tal-art, il-kundizzjonijiet klimatoloġiċi u l-aspetti soċjoekonomiċi. In-natura tal-istrument timplika li l-prinċipji stipulati f'din id-Direttiva ma jinvolvux obbligi diretti fuq individwi.*** |

**Emenda 43**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-objettiv tad-Direttiva huwa li jiġi stabbilit qafas ***ta' monitoraġġ*** tal-ħamrija solidu u ***koerenti*** għall-ħamrija kollha madwar l-UE ***u li*** tittejjeb kontinwament is-saħħa tal-ħamrija fl-Unjoni bil-ħsieb li tinkiseb ħamrija f'saħħitha sal-2050 u li l- | 1. L-objettiv tad-Direttiva huwa li jiġi stabbilit qafas ***għall-monitoraġġ u għall-valutazzjoni*** tal-ħamrija ***ċar,*** solidu***, koerenti*** u ***flessibbli*** għall-ħamrija kollha madwar l-UE ***sabiex*** tittejjeb kontinwament is-saħħa tal-ħamrija fl- |

| | |
|---|---|
| ħamrija tinżamm f'kundizzjoni f'saħħitha, sabiex ikunu jistgħu jiġu pprovduti servizzi ***tal-ekosistema*** multipli fuq skala suffiċjenti biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ambjentali, soċjetali u ekonomiċi, jiġu evitati u jittaffew l-impatti tat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità, tiżdied ir-reżiljenza kontra d-diżastri naturali u għas-sigurtà tal-ikel u li l-kontaminazzjoni tal-ħamrija titnaqqas għal livelli li ma ***għadhomx*** meqjusa ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. | Unjoni bil-ħsieb li tinkiseb ħamrija f'saħħitha sal-2050 u li l-ħamrija tinżamm f'kundizzjoni f'saħħitha ***u jiġi evitat id-deterjorament tagħha***, sabiex ikunu jistgħu jiġu pprovduti servizzi ***tal-ekosistemi*** multipli fuq skala suffiċjenti biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ambjentali, soċjetali u ekonomiċi, jiġu evitati u jittaffew l-impatti tat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità, tiżdied ir-reżiljenza kontra d-diżastri naturali u għas-sigurtà tal-ikel u li l-kontaminazzjoni tal-ħamrija titnaqqas għal livelli li ma ***jibqgħux*** meqjusa ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent.<br><br>***Din id-Direttiva, għalhekk, tistabbilixxi qafas li fih l-Istati Membri huma meħtieġa jistabbilixxu miżuri li jkunu teknikament fattibbli u bbażati fuq analiżi tal-kostijiet u tal-benefiċċji, bil-ħsieb li tinkiseb ħamrija f'saħħitha sal-2050.*** |

**Emenda 44**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Din id-Direttiva tikkontribwixxi għat-twettiq tal-impenji, tal-objettivi u tal-miri internazzjonali u ta' dawk fil-livell tal-Unjoni, inklużi dawk:***<br><br>***(a) fil-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal;***<br><br>***(b) fil-Ftehim ta' Pariġi;***<br><br>***(c) fil-Konvenzjoni tan-NU dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni (UNCCD);***<br><br>***(d) fis-Seba' Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE (id-Deċiżjoni Nru 1386/2013/UE);***<br><br>***(e) fit-Tmien Programm ta' Azzjoni Ambjentali tal-UE (id-Deċiżjoni (UE) 2022/591);***<br><br>***(f) fil-Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'Użu Effiċjenti tar-Riżorsi*** |

***(COM/2011/0571).***

**Emenda 45**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija; | (a) il-monitoraġġ***, iż-żamma, it-titjib, ir-riabilitazzjoni*** u l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija***, abbażi tal-istatus ekoloġiku tagħha***; |

**Emenda 46**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1a) "status ekoloġiku tal-ħamrija" tfisser il-kwalità ekoloġika ta' ħamrija evalwata skont id-diversità tal-ħamrija, l-attività bijoloġika u funzjonali, il-ħabitat u l-preżenza ta' fatturi ta' degradazzjoni, u ddeterminata skont il-klassifikazzjoni li ġejja:*** <br> ***(a) "status ekoloġiku għoli tal-ħamrija" tirreferi għal ħamrija b'attività bijoloġika u funzjonali għolja;*** <br> ***(b) "status ekoloġiku tajjeb" tirreferi għal ħamrija bi status ekoloġiku ġenerali tajjeb iżda li turi evidenza ta' impatti kemm kemm avversi minn fattur ta' degradazzjoni wieħed jew aktar;*** <br> ***(c) "status ekoloġiku moderat" tirreferi għal ħamrija b'evidenza ta' impatti kemm kemm avversi minn fatturi ta' degradazzjoni;*** <br> ***(d) "ħamrija degradata" tirreferi għal ħamrija b'evidenza ċara ta' impatti avversi minn fattur ta' degradazzjoni wieħed; u*** <br> ***(e) "ħamrija degradata b'mod kritiku" tirreferi għal ħamrija b'evidenza ċara ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***impatti avversi minn aktar minn fattur ta' degradazzjoni wieħed;*** |

**Emenda 47**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(1b) "funzjonijiet ekoloġiċi tal-ħamrija" tfisser is-sett ta' proċessi u interazzjonijiet interkonnessi fl-ekosistema tal-ħamrija li jsostnu l-ħajja, jappoġġaw il-bijodiversità tal-ħamrija u huma r-riżultat tagħha u jżommu s-saħħa u l-produttività ġenerali tal-ambjenti terrestri, bħaċ-ċiklaġġ tan-nutrijenti, id-dekompożizzjoni tal-materja organika, il-formazzjoni tal-istruttura tal-ħamrija, il-filtrazzjoni u l-purifikazzjoni tal-ilma, is-sekwestru tal-karbonju, u jipprovdu ħabitats u riżorsi għal firxa varjata ta' organiżmi;*** |

**Emenda 48**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) "servizzi ***tal-ekosistema"*** tfisser ***il-kontribuzzjonijiet*** indiretti tal-ekosistemi ***għall-benefiċċji*** ekonomiċi, soċjali, kulturali ***u oħrajn*** li n-nies ***jieħdu*** minn dawk l-ekosistemi; | (3) "servizzi ***tal-ekosistemi"*** tfisser ***kontribuzzjonijiet diretti u*** indiretti tal-ekosistemi ***għall-benesseri ġenerali tas-soċjetà kollha kemm hi, u benefiċċji*** ekonomiċi, soċjali, kulturali***, ambjentali kif ukoll benefiċċji oħra*** li n-nies ***jidderivaw*** minn dawk l-ekosistemi; |

**Emenda 49**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(3a) "bijodiversità tal-ħamrija" tfisser*** |

| | |
|---|---|
| | ***il-varjazzjoni fil-ħajja tal-ħamrija, mill-ġeni għall-komunitajiet, u l-kumplessi ekoloġiċi li huma parti minnhom, jiġifieri kumplessi li jvarjaw minn mikroħabitats tal-ħamrija għal pajsaġġi;*** |

**Emenda 50**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) "saħħa tal-ħamrija" tfisser il-kundizzjoni fiżika, kimika u bijoloġika tal-ħamrija li tiddetermina l-kapaċità tagħha li tiffunzjona bħala sistema ***vitali ta' għajxien*** u li tipprovdi servizzi ***tal-ekosistema***; | (4) "saħħa tal-ħamrija" tfisser il-kundizzjoni fiżika, kimika***, funzjonali*** u bijoloġika tal-ħamrija li tiddetermina l-kapaċità tagħha li tiffunzjona bħala sistema ***ħajja vitali*** u li tipprovdi servizzi ***tal-ekosistemi, filwaqt li jitqies l-użu tal-art***; |

**Emenda 51**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (5) "ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija" tfisser prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija li jżommu jew itejbu s-servizzi ***tal-ekosistema*** pprovduti mill-ħamrija mingħajr ma jfixklu l-funzjonijiet li jippermettu dawk is-servizzi, jew ***li*** jkunu ta' detriment għal proprjetajiet ***oħrajn*** tal-ambjent; | (5) "ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija" tfisser prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija ***u tal-art*** li jżommu jew itejbu ***l-produttività tal-ħamrija, il-bijodiversità tal-ħamrija u*** s-servizzi ***tal-ekosistemi*** pprovduti mill-ħamrija mingħajr ma jfixklu l-funzjonijiet li jippermettu dawk is-servizzi, jew ***ma*** jkunu ta' detriment għal proprjetajiet ***oħra*** tal-ambjent; |

**Emenda 52**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) "distrett tal-ħamrija" tfisser il-parti tat-territorju ta' Stat Membru, kif delimitata minn dak l-Istat Membru f'konformità ma' din id-Direttiva; | (8) "distrett tal-ħamrija" tfisser il-parti tat-territorju ta' Stat Membru ***jew ta' diversi Stati Membri***, kif delimitata minn dak l-Istat Membru ***jew dawk l-Istati*** |

| | |
|---|---|
| | ***Membri*** f'konformità ma' din id-Direttiva; |

**Emenda 53**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) "sit ikkontaminat" tfisser żona delineata ta' roqgħa waħda jew aktar bi preżenza kkonfermata ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija kkawżata ***minn attivitajiet antropoġeniċi minn sors lokalizzat***; | (10) "sit ikkontaminat" tfisser żona delineata ta' roqgħa waħda jew aktar bi preżenza kkonfermata ta' kontaminazzjoni tal-ħamrija kkawżata ***mill-preżenza ta' sustanza jew materjal fil-ħamrija f'konċentrazzjoni li tista' tkun ta' ħsara għas-saħħa jew għall-ambjent***; |

**Emenda 54**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 17a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17a) "ssiġillar tal-ħamrija" tfisser meta art tiġi mgħottija b'materjal impermeabbli, b'mod partikolari fil-kuntest tal-użu tal-art bħala pjattaforma għall-bini u għall-infrastruttura;*** |

**Emenda 55**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 17b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(17b) "desiġillar tal-ħamrija" tfisser il-konverżjoni mill-ġdid ta' art li ma tkunx għadha qed twettaq il-funzjonijiet tal-ħamrija naturali tagħha, bħal infiltrazzjoni, perkolazzjoni u funzjonalità idroloġika, f'ħamrija funzjonali;*** |

**Emenda 56**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) ***“membri tal-pubbliku kkonċernati”*** tfisser ***il-membri tal-pubbliku affettwati*** jew li x’aktarx ***jiġu affettwati*** mid-degradazzjoni tal-ħamrija, jew li ***għandhom*** interess fil-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-obbligi skont din id-Direttiva, inklużi ***s-sidien tal-artijiet*** u l-utenti tal-artijiet, kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali. | (19) ***“il-pubbliku kkonċernat”*** tfisser ***il-pubbliku affettwat*** jew li x’aktarx ***jiġi affettwat*** mid-degradazzjoni tal-ħamrija, jew li ***jkollu*** interess fil-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-obbligi skont din id-Direttiva, inklużi ***ċ-ċittadini, is-sidien, il-maniġers*** u l-utenti tal-artijiet, kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem ***jew tal-annimali*** jew tal-ambjent u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali. |

**Emenda 57**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(19a) “il-pubbliku” tfisser persuna fiżika jew ġuridika waħda jew aktar, u, f’konformità mal-liġi jew mal-prassi nazzjonali, assoċjazzjonijiet, organizzazzjonijiet jew gruppi li jinkludu tali persuni;*** |

**Emenda 58**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) “kontaminazzjoni tal-ħamrija” tfisser il-preżenza ta’ sustanza ***kimika*** jew ***sustanza*** fil-ħamrija f’konċentrazzjoni li tista’ ***tkun*** ta’ ħsara ***għas-saħħa*** tal-bniedem jew ***għall-ambjent***; | (20) “kontaminazzjoni tal-ħamrija” tfisser il-preżenza ta’ sustanza jew ***materjal*** fil-ħamrija f’konċentrazzjoni li tista’ ***twassal, direttament jew indirettament, għal effetti*** ta’ ħsara ***fuq is-saħħa*** tal-bniedem jew ***tal-annimali jew l-ambjent***; |

**Emenda 59**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) "riskju" tfisser il-possibbiltà ta' effetti ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent li jirriżultaw ***mill-esponiment għall-kontaminazzjoni*** tal-ħamrija; | (23) "riskju" tfisser il-possibbiltà ta' effetti ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem jew ***tal-annimali jew*** għall-ambjent li jirriżultaw ***minn esponiment għal kontaminazzjoni*** tal-ħamrija; |

**Emenda 60**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) ***"rimedju*** tal-ħamrija" tfisser azzjoni ta' riġenerazzjoni li tnaqqas, tiżola jew ***timmobilizza*** l-konċentrazzjonijiet ***ta' kontaminanti*** fil-ħamrija. | (26) ***"rimedjazzjoni*** tal-ħamrija" tfisser azzjoni ta' riġenerazzjoni li tnaqqas, tiżola jew ***timmobbilizza*** l-konċentrazzjonijiet ***tal-kontaminanti*** fil-ħamrija ***taħt livell limitu ta' tossiċità li għalih jistgħu jiġu esklużi perikli sinifikanti għall-organiżmi f'kuntatt ma' dik il-ħamrija, bl-għan li jittejjeb l-istatus ekoloġiku***. |

**Emenda 61**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ***d-distretti*** tal-ħamrija fit-territorju kollu tagħhom. | L-Istati Membri għandhom***, f'konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali, reġjonali u transreġjonali,*** jistabbilixxu ***distretti*** tal-ħamrija***, ibbażati, meta xieraq, fuq unitajiet amministrattivi eżistenti li jinsabu*** fit-territorju kollu tagħhom ***stess u f'territorji transfruntiera flimkien ma' Stati Membri ġirien***. |

**Emenda 62**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| L-għadd ta' distretti tal-ħamrija għal kull Stat Membru għandu bħala minimu jikkorrispondi ***għan-numru*** ta' unitajiet territorjali ta' NUTS 1 stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003. | L-għadd ta' distretti tal-ħamrija għal kull Stat Membru***, inklużi d-distretti transfruntiera tal-ħamrija bejn Stati Membri ġirien msemmija fl-ewwel subparagrafu,*** għandu bħala minimu jikkorrispondi ***għall-għadd*** ta' unitajiet territorjali ta' NUTS 1 stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003. |

**Emenda 63**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. Meta jistabbilixxu l-firxa ġeografika tad-distretti tal-ħamrija, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-unitajiet amministrattivi eżistenti u għandhom ***ifittxu omoġeneità*** f'kull distrett tal-ħamrija fir-rigward tal-parametri li ġejjin: | 2. Meta jistabbilixxu l-firxa ġeografika tad-distretti tal-ħamrija, l-Istati Membri jistgħu jqisu ***l-użu tal-art, l-istrutturi ta' governanza u*** l-unitajiet amministrattivi eżistenti u għandhom ***jipprijoritizzaw l-omoġeneità*** f'kull distrett tal-ħamrija fir-rigward tal-parametri li ġejjin: |

**Emenda 64**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(da) id-distretti tal-baċini tax-xmara skont id-Direttiva 2000/60/KE u l-korpi tal-ilma użati għall-astrazzjoni ta' ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem kif definit fid-Direttiva (UE) 2020/2184.*** |

**Emenda 65**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(2a) L-Istati Membri għandhom, meta*** |

***xieraq, jiżguraw li d-distretti tal-ħamrija ta' Stati Membri ġirien li fihom ikun hemm effetti transkonfinali fuq il-ħamrija, użu komparabbli tal-art bejn il-fruntieri jew valuri simili għall-parametri msemmija fil-paragrafu 2, il-punti (a) sa (d), jikkooperaw ma' xulxin biex jiskambjaw l-aħjar prattiki. L-Istati Membri għandhom jiżguraw ukoll li d-distretti tal-ħamrija jieħdu approċċ koerenti minn naħa għall-oħra tal-fruntieri.***

**Emenda 66**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2b) Il-Kummissjoni għandha tappoġġa lill-Istati Membri biex jiżguraw li d-distretti tal-ħamrija tagħhom jikkooperaw fuq bażi transfruntiera u għandha tiffaċilita l-armonizzazzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ, tal-funzjonijiet ta' trasferiment, tad-disinn tal-monitoraġġ u tal-klassifikazzjoni tal-istatus ekoloġiku fil-livell tad-deskritturi tal-ħamrija elenkati fl-Anness I.*** |

**Emenda 67**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 - paragrafu 2c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(2c) L-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom, jekk iqisu li dan ikun meħtieġ, ifasslu pjanijiet tad-distrett tal-ħamrija, filwaqt li jqisu bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet l-oħra stabbiliti f'din id-Direttiva, u jistabbilixxu miri intermedji biex jinkiseb titjib li jista' jitkejjel tas-saħħa tal-ħamrija.*** |
| | ***L-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jiżguraw li l-proċess tat-tfassil tal-pjanijiet tad-distrett tal-ħamrija jkun*** |

| | |
|---|---|
| | ***miftuħ, inklużiv u effettiv u li l-pubbliku kkonċernat, inklużi l-popolazzjoni tad-distrett tal-ħamrija rilevanti, is-sidien tal-art, il-maniġers tal-artijiet, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u r-riċerkaturi jingħataw opportunitajiet bikrija u effettivi biex jipparteċipaw. Il-pjanijiet tad-distrett tal-ħamrija għandhom isiru disponibbli online mill-awtorità kompetenti rispettiva. Il-Kummissjoni għandha toħroġ linji gwida dwar il-pjanijiet tad-distrett tal-ħamrija sa ... [daħħal id-data = sena mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].*** |

**Emenda 68**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti responsabbli f'livell xieraq għat-twettiq tad-dmirijiet stipulati f'din id-Direttiva. | L-Istati Membri għandhom jaħtru l-awtoritajiet kompetenti responsabbli f'livell xieraq għat-twettiq tad-dmirijiet stipulati f'din id-Direttiva***, filwaqt li jqisu r-responsabbiltajiet u d-diviżjonijiet amministrattivi eżistenti, inkluż fil-każ ta' distretti transfruntiera tal-ħamrija***. |

**Emenda 69**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda għal kull distrett ta' ħamrija stabbilit f'konformità mal-Artikolu 4. | L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità kompetenti waħda għal kull distrett tal-ħamrija stabbilit f'konformità mal-Artikolu 4. ***L-Istati Membri jistgħu jaħtru awtorità kompetenti waħda għal diversi distretti tal-ħamrija.*** |

**Emenda 70**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 2a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-lista tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu f'konformità mal-Artikolu 18(3), il-punt (b). Il-Kummissjoni għandha żżomm lista aġġornata tal-awtoritajiet kompetenti fuq is-sit web tagħha.*** |

**Emenda 71**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas ta' monitoraġġ ibbażat fuq id-distretti tal-ħamrija stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 4(1), biex jiżguraw li jitwettaq monitoraġġ regolari u akkurat tas-saħħa tal-ħamrija f'konformità ma' dan l-Artikolu u mal-Annessi I u II. | 1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas ta' monitoraġġ ibbażat fuq id-distretti tal-ħamrija stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 4(1), biex jiżguraw li jitwettaq monitoraġġ regolari u akkurat tas-saħħa tal-ħamrija f'konformità ma' dan l-Artikolu u mal-Annessi I u II***, u jkun komplementari għall-approċċ ta' valutazzjoni stabbilit bid-Direttiva 2000/60/KE***. |

**Emenda 72**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw is-saħħa tal-ħamrija u t-teħid tal-art f'kull distrett tal-ħamrija. | 2. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw is-saħħa tal-ħamrija u t-teħid tal-art f'kull distrett tal-ħamrija. ***L-Istati Membri għandhom jagħmlu użu mill-għarfien espert tal-istituti nazzjonali tar-riċerka, is-sistemi ta' monitoraġġ nazzjonali eżistenti u d-data disponibbli. L-attivitajiet ta' monitoraġġ imwettqa mill-Istati Membri ma għandhomx jirriżultaw f'piż finanzjarju għall-maniġers tal-artijiet.*** |

**Emenda 73**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 3– punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) il-punti ta' kampjunar tal-ħamrija li għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 8(2); | (b) il-punti ta' kampjunar tal-ħamrija ***u l-fond ta' kampjunar*** li għandhom jiġu ddeterminati f'konformità mal-Artikolu 8(2); |

**Emenda 74**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) id-data u l-prodotti ta' telerilevament msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, jekk ikun hemm; | (d) id-data u l-prodotti ta' telerilevament ***xjentifikament robusti*** msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, jekk ikun hemm; |

**Emenda 75**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Il-Kummissjoni għandha, ***soġġetta għal ftehim mill-Istati*** Membri ***kkonċernati***, twettaq kejl regolari tal-ħamrija fuq kampjuni tal-ħamrija meħuda *in situ*, abbażi tad-deskritturi u l-metodoloġiji rilevanti msemmija fl-Artikoli 7 u 8, biex tappoġġa l-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija mill-Istati Membri. ***Meta Stat Membru jipprovdi ftehim f'konformità ma' dan il-paragrafu***, ***huwa għandu jiżgura*** li l-Kummissjoni tkun tista' twettaq tali kampjunar tal-ħamrija in situ. | 4. Il-Kummissjoni għandha, ***f'kooperazzjoni mal-Istati*** Membri, twettaq kejl regolari tal-ħamrija fuq kampjuni tal-ħamrija meħuda *in situ* ***mill-inqas kull tliet snin***, abbażi tad-deskritturi u l-metodoloġiji rilevanti msemmija fl-Artikoli 7 u 8, biex tappoġġa l-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija mill-Istati Membri. ***L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-appoġġ meħtieġ lill-Kummissjoni, inkluż billi jitolbu l-permess tas-sidien tal-art u tal-maniġers tal-artijiet, meta dan ikun applikabbli***, ***sabiex jiġi żgurat*** li l-Kummissjoni tkun tista' twettaq tali kampjunar tal-ħamrija *in situ*. |

**Emenda 76**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-ewwel kejl tal-ħamrija msemmi fil-paragrafu 4 jitwettaq sa ... [OP: daħħal id-data = tliet snin mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva].*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha tikkontribwixxi għall-monitoraġġ imwettaq mill-Istati Membri billi tipprovdi kampjunar u analiżi ta' mill-inqas 20 % tad-daqs tal-kampjuni nazzjonali.*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha, fuq talba ta' Stat Membru, tipprovdi assistenza ulterjuri sa 50 % tal-kampjunar matul l-ewwel ċiklu ta' monitoraġġ nazzjonali.*** |

**Emenda 77**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 6 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-Kummissjoni u l-EEA għandhom, abbażi tad-data eżistenti u fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jistabbilixxu portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija li għandu jipprovdi aċċess f'format spazjali ġeoreferenzjat għal mill-inqas id-data disponibbli dwar is-saħħa tal-ħamrija li tirriżulta minn: | 6. Il-Kummissjoni u l-EEA għandhom, abbażi tad-data eżistenti u fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jistabbilixxu portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija li għandu jipprovdi aċċess f'format spazjali ġeoreferenzjat***, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[1a]***,*** għal mill-inqas id-data disponibbli dwar is-saħħa tal-ħamrija li tirriżulta minn: |
| | ______________ |
| | [1a] ***Ir-Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-Istatistika Ewropea u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-*** |

*kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej (ĠU L 087, 31.3.2009, p. 164).***

**Emenda 78**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 6a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***6a. Il-qafas ta' monitoraġġ tal-ħamrija msemmi fil-paragrafi 3 sa 6 għandu jibni fuq l-oqfsa ta' monitoraġġ eżistenti fil-livell tal-Unjoni u dak nazzjonali, inkluża d-data mill-Osservatorju tal-Ħamrija LUCAS.*** |

**Emenda 79**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 7a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***7a. Il-portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija għandu jinkludi s-Sett ta' Għodod għall-Ġestjoni Sostenibbli tal-Ħamrija msemmi fl-Artikolu 10a.*** |

**Emenda 80**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 8**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi formati jew metodi għall-kondiviżjoni jew il-ġbir tad-data msemmija fil-paragrafu 7 jew għall-integrazzjoni ta' dik id-data fil-portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni | 8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi formati jew metodi għall-kondiviżjoni jew il-ġbir tad-data msemmija fil-paragrafu 7 jew għall-integrazzjoni ta' dik id-data fil-portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija***, filwaqt li tiżgura l-konformità*** |

għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21.

***mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali***. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21.

**Emenda 81**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 8a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***8a. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi lill-Istati Membri s-servizzi meħtieġa ta' konsulenza, assistenza u bini tal-kapaċità u tappoġġa l-metodi, l-arkivji, l-armonizzazzjoni multilaterali tar-regolamenti u l-inizjattivi ta' monitoraġġ tagħhom, u b'hekk tagħlaq il-lakuni eżistenti fid-data u telimina l-konġestjonijiet fil-flussi tax-xogħol billi tikkondividi għarfien espert komuni. Għal dak l-għan, il-Kummissjoni għandha tibni fuq il-mekkaniżmi eżistenti, inkluża l-inizjattiva Soil BON.*** |

**Emenda 82**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 6a*** |
| | ***Użu effiċjenti u preservazzjoni tal-kampjuni tal-ħamrija*** |
| | ***1. Il-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri u l-Osservatorju Ewropew tal-Ħamrija, għandhom jistabbilixxu miżuri biex jiżguraw li l-arkivji fiżiċi tal-ħamrija, l-estratti tad-DNA u l-arkivju diġitali tad-data mhux ipproċessata, kemm fil-livell tal-Unjoni kif ukoll f'dak nazzjonali, jibqgħu disponibbli għal aktar riċerka u innovazzjoni. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-kampjuni*** |

| | |
|---|---|
| | ***jinħażnu b'mod xieraq għall-użu sostenibbli tagħhom fit-tul.*** |
| | ***2. Sa ... [OP: daħħal id-data = 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] il-Kummissjoni għandha tipprovdi linji gwida bi protokolli ta' referenza biex il-kampjuni tal-ħamrija jintużaw bl-aktar mod kosteffiċjenti.*** |

**Emenda 83**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Deskritturi tal-ħamrija, kriterji ***għall-kundizzjoni f'saħħitha*** tal-ħamrija, u indikaturi tat-teħid tal-art u tal-issiġillar tal-ħamrija | Deskritturi tal-ħamrija, kriterji ***għall-istatus ekoloġiku*** tal-ħamrija, u indikaturi tat-teħid tal-art u tal-issiġillar tal-ħamrija |

**Emenda 84**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Meta jimmonitorjaw u jivvalutaw is-saħħa tal-ħamrija, l-Istati Membri għandhom japplikaw id-deskritturi tal-ħamrija u l-kriterji tas-saħħa tal-ħamrija elenkati fl-Anness ***I***. | 1. Meta jimmonitorjaw u jivvalutaw is-saħħa tal-ħamrija, l-Istati Membri għandhom japplikaw id-deskritturi tal-ħamrija u l-kriterji tas-saħħa tal-ħamrija elenkati fl-Anness I ***skont il-Livell rispettiv (Livell 1, Livell 2 jew Livell 3) għad-disinn tal-monitoraġġ tal-ħamrija***. |

**Emenda 85**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri ***jistgħu jadattaw id-deskritturi tal-ħamrija u l-kriterji tas-saħħa*** tal-ħamrija ***msemmija fil-parti A*** tal-Anness I, ***f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fit-tieni u t-*** | 2. L-Istati Membri ***għandhom jagħżlu l-livell adegwat għad-disinn tal-monitoraġġ*** tal-ħamrija ***li għalih jikkwalifikaw f'konformità mal-kundizzjonijiet*** tal-Anness I, ***u għandhom*** |

| | |
|---|---|
| ***tielet kolonni*** fil-parti A tal-Anness I. | ***jiżguraw li jinkludu mill-inqas id-deskritturi kollha tal-ħamrija*** fil-Parti A tal-Anness I. |

**Emenda 86**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-kontaminanti organiċi għad-deskrittur tal-ħamrija relatat mal-kontaminazzjoni tal-ħamrija msemmija fil-parti ***B*** tal-Anness I. | 3. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-kontaminanti organiċi għad-deskrittur tal-ħamrija relatat mal-kontaminazzjoni tal-ħamrija msemmija fil-parti ***A*** tal-Anness I. |

**Emenda 87**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kriterji tas-saħħa tal-ħamrija għad-deskritturi tal-ħamrija elenkati fil-parti B tal-Anness I f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-tielet kolonna fil-parti B tal-Anness I.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 88**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu deskritturi addizzjonali tal-ħamrija u indikaturi tat-teħid tal-art, inklużi iżda mhux limitati għad-deskritturi u l-indikaturi ***fakultattivi*** elenkati fil-partijiet ***C u*** D tal-Anness I, għal finijiet ta' monitoraġġ ***("deskritturi addizzjonali tal-ħamrija" u "indikaturi addizzjonali tat-teħid tal-art")***. | 5. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu deskritturi addizzjonali tal-ħamrija u indikaturi tat-teħid tal-art, inklużi iżda mhux limitati għad-deskritturi u l-indikaturi elenkati fil-parti D tal-Anness I, għal finijiet ta' monitoraġġ. |

**Emenda 89**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni meta jiġu stabbiliti jew adattati deskritturi tal-ħamrija, indikaturi tat-teħid tal-art u kriterji tas-saħħa tal-ħamrija f'konformità mal-paragrafi minn 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu. | 6. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni meta jiġu stabbiliti jew adattati deskritturi tal-ħamrija, indikaturi tat-teħid tal-art u kriterji tas-saħħa tal-ħamrija f'konformità mal-paragrafi minn 2 sa 5 ta' dan l-Artikolu ***u mal-Artikolu 9***. |

**Emenda 90**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-punti ta' kampjunar billi japplikaw il-metodoloġija stabbilita ***fil-parti A tal-Anness II***. | 1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-punti ta' kampjunar billi japplikaw il-metodoloġija stabbilita ***fl-Anness I skont il-livell magħżul għad-disinn tal-monitoraġġ tal-ħamrija, filwaqt li jqisu valutazzjonijiet tar-riskju bbażati fuq sistemi ta' monitoraġġ eżistenti***. |

**Emenda 91**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-valuri tad-deskritturi tal-ħamrija kif stabbiliti fl-Anness I; | (a) il-valuri tad-deskritturi tal-ħamrija ***skont il-livell magħżul għad-disinn tal-monitoraġġ tal-ħamrija*** kif stabbiliti fl-Anness I; |

**Emenda 92**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| (a) il-metodoloġiji għad-determinazzjoni jew l-istima tal-valuri tad-deskritturi tal-ħamrija stabbiliti ***fil-parti B tal-Anness*** II; | (a) il-metodoloġiji għad-determinazzjoni jew l-istima tal-valuri tad-deskritturi tal-ħamrija stabbiliti ***fl-Anness*** II; |

**Emenda 93**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jistgħu japplikaw metodoloġiji oħrajn għajr dawk elenkati fil-punti (a) u (b) tal-ewwel subparagrafu, diment li jkunu disponibbli funzjonijiet ta' trasferiment ivvalidati, kif meħtieġ fir-raba' kolonna tal-parti B tal-Anness II. | L-Istati Membri jistgħu japplikaw metodoloġiji oħrajn għajr dawk elenkati fl-ewwel subparagrafu, il-punti (a) u (b), diment li jkunu disponibbli funzjonijiet ta' trasferiment ivvalidati ***jew jistgħu jiġu stmati billi titqabbel data meħuda fil-livell nazzjonali ma' monitoraġġ in situ kkoordinat mill-Kummissjoni***, kif meħtieġ fl-Anness II, il-parti B, ir-raba' kolonna. |

**Emenda 94**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ewwel kejl tal-ħamrija jsir sa mhux aktar tard minn… (OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***4*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva). | 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ewwel kejl tal-ħamrija jsir sa mhux aktar tard minn… [OP: daħħal id-data = ***3*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva]. |

**Emenda 95**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir kejl ġdid tal-ħamrija mill-inqas kull ***5*** snin. | 5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir kejl ġdid tal-ħamrija mill-inqas kull ***6*** snin ***jew qabel, kull meta tiġi suspettata modifika tal-istatus tal-ħamrija***. ***L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw ukoll il-monitoraġġ tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***ħamrija biex isir f'intervalli iqsar biex jiffaċilitaw il-monitoraġġ in situ tal-ħamrija kkoordinat mill-Kummissjoni.*** |
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valuri tal-indikaturi tat-teħid tal-art u tal-issiġillar tal-ħamrija jiġu aġġornati mill-inqas kull ***sena***. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valuri tal-indikaturi tat-teħid tal-art u tal-issiġillar tal-ħamrija jiġu aġġornati mill-inqas kull ***sentejn***. |

**Emenda 96**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness II sabiex tadatta l-metodoloġiji ta' referenza msemmija fih għall-progress tekniku u xjentifiku***, b'mod partikolari meta l-valuri tad-deskritturi tal-ħamrija jkunu jistgħu jiġu ddeterminati permezz tat-telerilevament imsemmi fl-Artikolu 6(5)***. | 6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness II sabiex tadatta l-metodoloġiji ta' referenza msemmija fih għall-progress tekniku u xjentifiku. |

**Emenda 97**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jivvalutaw is-saħħa tal-ħamrija fid-distretti kollha tal-ħamrija tagħhom abbażi tad-data miġbura fil-kuntest tal-monitoraġġ imsemmi fl-Artikoli 6, 7 u 8 għal kull wieħed mid-deskritturi tal-ħamrija msemmija ***fil-Partijiet A u B tal-Anness I***. | L-Istati Membri għandhom jivvalutaw is-saħħa tal-ħamrija fid-distretti kollha tal-ħamrija tagħhom abbażi tad-data miġbura fil-kuntest tal-monitoraġġ imsemmi fl-Artikoli 6, 7 u 8 għal kull wieħed mid-deskritturi tal-ħamrija msemmija ***fl-Anness I skont il-livell magħżul għad-disinn tal-monitoraġġ tal-ħamrija, filwaqt li jqisu ċ-ċirkostanzi storiċi u naturali tal-ħamrija***. |

**Emenda 98**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom iqisu wkoll id-data miġbura fil-kuntest tal-investigazzjonijiet tal-ħamrija msemmija fl-Artikolu 14. | ***Għall-valutazzjoni tal-istatus ekoloġiku tal-ħamrija,*** l-Istati Membri għandhom iqisu wkoll id-data miġbura fil-kuntest tal-investigazzjonijiet tal-ħamrija msemmija fl-Artikolu 14. |

**Emenda 99**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valutazzjonijiet ***tas-saħħa*** tal-ħamrija jsiru mill-inqas kull ***5*** snin u li l-ewwel valutazzjoni ***tas-saħħa tal-ħamrija*** ssir sa … (OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva). | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valutazzjonijiet ***tal-istatus ekoloġiku*** tal-ħamrija jsiru mill-inqas kull ***6*** snin u li l-ewwel valutazzjoni ssir sa … [OP: daħħal id-data = 5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva]***, akkumpanjata minn rapporti dwar it-titjib, ix-xejriet, il-progress jew ir-rigressjoni relattivi***. |

**Emenda 100**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Ħamrija titqies f'saħħitha f'konformità ma' din id-Direttiva meta ***jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:*** | Ħamrija titqies f'saħħitha f'konformità ma' din id-Direttiva meta ***l-ħamrija tkun ikklassifikata bi status ekoloġiku tajjeb jew għoli.*** |
| ***(a) il-valuri għad-deskritturi kollha tal-ħamrija elenkati fil-parti A tal-Anness I jissodisfaw il-kriterji stipulati hemmhekk u, fejn applikabbli, adattati f'konformità mal-Artikolu 7;*** | |
| ***(b) il-valuri għad-deskritturi kollha tal-ħamrija elenkati fil-parti B tal-Anness I jissodisfaw il-kriterji stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 7 ("ħamrija f'saħħitha").*** | |

**Emenda 101**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-valutazzjoni tal-ħamrija f'żona tal-art elenkata fir-raba' kolonna tal-Anness I ma għandhiex tqis il-valuri stabbiliti fit-tielet kolonna għal dik iż-żona tal-art.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 102**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-ħamrija ma tkunx f'saħħitha meta mill-inqas wieħed mill-kriterji msemmija fis-subparagrafu 1 ma jiġix issodisfat ("ħamrija mhux f'saħħitha").*** | ***imħassar*** |

**Emenda 103**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 3 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom janalizzaw il-valuri għad-deskritturi tal-ħamrija elenkati ***fil-parti*** C tal-Anness I u jivvalutaw jekk hemmx telf kritiku tas-servizzi tal-ekosistema, filwaqt li jqisu d-data rilevanti u l-għarfien xjentifiku disponibbli. | L-Istati Membri għandhom janalizzaw il-valuri għad-deskritturi tal-ħamrija elenkati ***fil-partijiet A, B u*** C tal-Anness I***, skont il-livell magħżul għad-disinn tal-monitoraġġ tal-ħamrija,*** u jivvalutaw jekk hemmx telf kritiku ***tal-bijodiversità tal-ħamrija u*** tas-servizzi tal-ekosistemi, filwaqt li jqisu d-data rilevanti u l-għarfien xjentifiku disponibbli. |

**Emenda 104**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Abbażi tal-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija mwettqa f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti għandha, fejn rilevanti b'koordinazzjoni mal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, tidentifika, f'kull distrett tal-ħamrija, iż-żoni li ***jippreżentaw ħamrija mhux f'saħħitha***, u tinforma lill-pubbliku f'konformità mal-Artikolu 19. | 4. Abbażi tal-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija mwettqa f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti għandha, meta dan ikun rilevanti b'koordinazzjoni mal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, tidentifika, f'kull distrett tal-ħamrija, iż-żoni ***tal-ħamrija*** li ***ma jkunux ta' status ekoloġiku għoli jew tajjeb tal-ħamrija***, u tinforma lill-pubbliku f'konformità mal-Artikolu 19. |

**Emenda 105**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti delegati sal-31 ta' Diċembru 2026 f'konformità mal-Artikolu 20 biex tissupplimenta dan ir-Regolament billi tistabbilixxi metodoloġija għad-determinazzjoni tal-valuri tal-livelli limitu għad-deskritturi tal-ħamrija fl-Anness I għal kull status ekoloġiku tal-ħamrija. Il-metodoloġija għandha tqis l-aktar evidenza xjentifika reċenti kif ukoll il-kundizzjonijiet klimatiċi u t-tip ta' ħamrija differenti.*** |

**Emenda 106**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 4b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4b. Sat-30 ta' Ġunju 2028, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni abbozz tal-valuri tal-livelli limitu għad-deskritturi tal-ħamrija fl-Anness I, filwaqt li jqisu l-kundizzjonijiet klimatiċi, it-tip ta' ħamrija u t-tip ta' żona tal-art, flimkien mal-ġustifikazzjoni xjentifika u l-evidenza li fuqhom ikunu*** |

***bbażaw l-għażliet tagħhom.***

**Emenda 107**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 - paragrafu 4c (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4c. Fi żmien 6 xhur mid-data tal-preżentazzjoni tal-abbozz tal-valuri tal-livelli limitu msemmija fil-paragrafu 4b, il-Kummissjoni għandha tagħmel osservazzjonijiet dwar l-abbozz tal-valuri tal-livelli limitu, filwaqt li tivvaluta l-ġustifikazzjoni xjentifika u tiżgura kundizzjonijiet ekwi fis-suq intern. Fuq talba mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni l-informazzjoni addizzjonali kollha meħtieġa u, meta jkun xieraq, jirrevedu l-valuri tal-livelli limitu proposti.*** |

**Emenda 108**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 4d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4d. Diment li kwalunkwe osservazzjoni magħmula mill-Kummissjoni f'konformità mal-paragrafu 4c tkun ġiet ikkunsidrata b'mod adegwat, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tapprova l-valuri tal-livelli limitu sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2029.*** |

**Emenda 109**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 4e (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4e. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istatus ekoloġiku tal-ħamrija*** |

| | |
|---|---|
| | ***fid-distretti tal-ħamrija rispettivi jittejjeb kif ġej:*** |
| | ***(a) minn ħamrija degradata b'mod kritiku għal ħamrija degradata fi żmien 10 snin;*** |
| | ***(b) minn ħamrija degradata għal status ekoloġiku moderat u minn status ekoloġiku moderat għal status ekoloġiku tajjeb fi żmien 6 snin.*** |
| | ***B'deroga mill-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, l-Istati Membri jistgħu japplikaw perjodi differenti għal siti rreġistrati bħala kkontaminati, skont l-Artikoli 15 u 16, bil-kundizzjoni li jkunu fis-seħħ pjanijiet ta' ġestjoni u mitigazzjoni bi skedi ta' żmien u miri predefiniti.*** |

**Emenda 110**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 - paragrafu 4f (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4f. Meta japplikaw Livell 2 għad-disinn tal-monitoraġġ tal-ħamrija, l-Istati Membri jistgħu jibbenefikaw minn varjazzjoni sa 20 % meta mqabbla mal-valuri tal-livelli limitu stabbiliti skont il-paragrafu 4d.*** |

**Emenda 111**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu għal ċertifikazzjoni volontarja tas-saħħa tal-ħamrija għas-sidien u l-maniġers tal-artijiet skont il-kundizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 112**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tarmonizza l-format taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 113**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw id-data u l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija msemmija fl-Artikoli minn 6 sa 9 lis-sidien u l-maniġers tal-artijiet rilevanti ***fuq talba tagħhom***, b'mod partikolari biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-parir imsemmi fl-Artikolu 10(3). | 6. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw id-data u l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija msemmija fl-Artikoli minn 6 sa 9 lis-sidien u l-maniġers tal-artijiet rilevanti ***u jagħmluhom disponibbli mingħajr ħlas***, b'mod partikolari biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-parir imsemmi fl-Artikolu 10(3). ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet tar-riċerka jkollhom aċċess faċli u kontinwu għal kampjuni, estratti tad-DNA u data mhux ipproċessata mingħajr ħlas.*** |

**Emenda 114**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Minn (OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva), l-Istati Membri għandhom jieħdu ***mill-inqas*** il-miżuri li ġejjin, filwaqt li jqisu t-tip, l-użu u l-kundizzjoni tal-ħamrija: | 1. Minn [OP: daħħal id-data = 4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva], l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri li ġejjin, filwaqt li jqisu ***d-differenzi ġeografiċi u klimatiċi,*** it-tip, ***il-funzjoni maħsuba,*** l-użu ***tal-art*** u l-kundizzjoni tal-ħamrija: |

**Emenda 115**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jiddefinixxu l-prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija ***li jirrispettaw*** il-prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija elenkati fl-Anness III li għandhom jiġu implimentati gradwalment fuq il-ħamrija ***kollha*** ġestita u, abbażi tal-eżitu tal-valutazzjonijiet tal-ħamrija mwettqa f'konformità mal-Artikolu 9***, il-prattiki ta' riġenerazzjoni li għandhom jiġu implimentati gradwalment fuq il-ħamrija mhux f'saħħitha fl-Istati Membri***; | (a) jiddefinixxu l-prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija ***filwaqt li jqisu*** l-prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija ***mhux vinkolanti*** elenkati fl-Anness III li għandhom jiġu implimentati gradwalment fuq il-ħamrija ġestita***, meta dan ikun xieraq***, abbażi tal-eżitu tal-valutazzjonijiet tal-ħamrija mwettqa f'konformità mal-Artikolu 9; |

**Emenda 116**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jiddefinixxu l-prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija u prattiki oħrajn li ***jaffettwaw b'mod negattiv*** is-saħħa tal-ħamrija li għandhom jiġu evitati mill-maniġers tal-ħamrija. | (b) jiddefinixxu l-prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija u prattiki oħrajn li ***għandhom effetti negattivi sinifikanti fuq*** is-saħħa tal-ħamrija li għandhom jiġu evitati mill-maniġers tal-ħamrija. |

**Emenda 117**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta jiddefinixxu l-prattiki u l-miżuri msemmija f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom iqisu ***l-programmi***, il-pjanijiet, il-miri u l-miżuri elenkati fl-Anness IV***,*** kif ukoll l-aħħar għarfien xjentifiku eżistenti, inklużi r-riżultati li joħorġu mill-Missjoni ta' Orizzont Ewropa "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa". | Meta jiddefinixxu l-prattiki u l-miżuri msemmija f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom iqisu ***l-lista indikattiva tal-programmi***, il-pjanijiet, il-miri u l-miżuri elenkati fl-Anness IV kif ukoll l-aħħar għarfien xjentifiku eżistenti, inklużi r-riżultati li joħorġu mill-Missjoni ta' Orizzont Ewropa "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa"***, b'mod partikolari l-attivitajiet tal-Laboratorji Ħajjin ta' din il-*** |

*Missjoni*.

**Emenda 118**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prattiki msemmija f'dan il-paragrafu jkunu teknikament fattibbli u jqisu kif xieraq l-impatti soċjoekonomiċi.*** |

**Emenda 119**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1 – subparagrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċess ta' elaborazzjoni tal-prattiki msemmija fl-ewwel subparagrafu jkun miftuħ, inklużiv u effettiv u li ***l-membri tal-pubbliku kkonċernati***, b'mod partikolari ***s-sidien*** tal-artijiet u l-maniġers, ***ikunu involuti*** u ***jingħataw*** opportunitajiet bikrija u effettivi biex ***jipparteċipaw*** fl-elaborazzjoni tagħhom. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċess ta' elaborazzjoni tal-prattiki msemmija fl-ewwel subparagrafu jkun miftuħ, inklużiv u effettiv u li ***l-pubbliku kkonċernat***, b'mod partikolari ***l-esperti, is-sidien*** tal-artijiet u l-maniġers, ***ikun involut*** u ***jingħata*** opportunitajiet bikrija u effettivi biex ***jipparteċipa*** fl-elaborazzjoni tagħhom. |

**Emenda 120**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess faċli għal parir imparzjali u indipendenti dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija, l-attivitajiet ta' taħriġ u l-bini tal-kapaċità maniġerjali tal-ħamrija, għas-sidien tal-artijiet u għall-awtoritajiet rilevanti. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess faċli ***u ugwali*** għal parir imparzjali u indipendenti dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija, l-attivitajiet ta' taħriġ u l-bini tal-kapaċità maniġerjali tal-ħamrija, għas-sidien tal-artijiet u għall-awtoritajiet rilevanti***, fid-distretti kollha tal-ħamrija tagħhom***. |

**Emenda 121**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jippromwovu r-riċerka u l-implimentazzjoni ta' kunċetti ***olistiċi*** ta' ġestjoni tal-ħamrija; | (b) jippromwovu r-riċerka u ***x-xjenza taċ-ċittadini u jħeġġu*** l-implimentazzjoni ta' kunċetti ta' ġestjoni ***sostenibbli*** tal-ħamrija; |

**Emenda 122**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) jagħmlu disponibbli mmappjar aġġornat regolarment tal-istrumenti u l-attivitajiet ta' finanzjament disponibbli biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija. | (c) jagħmlu disponibbli mmappjar aġġornat regolarment tal-istrumenti u l-attivitajiet ta' finanzjament disponibbli biex jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija***, u attivitajiet oħra biex jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, inklużi r-riċerka u x-xjenza taċ-ċittadini***. |

**Emenda 123**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness III sabiex tadatta l-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija biex jitqies il-progress tekniku u xjentifiku.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 124**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***4a. Il-Kummissjoni għandha, fuq talba, tassisti u tipprovdi gwida lill-Istati Membri rigward l-iżvilupp ta' miżuri speċifiċi marbuta mal-prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija elenkati fl-Anness III.*** |

**Emenda 125**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 10a*** |
| | ***Sett ta' Għodod għall-Ġestjoni Sostenibbli tal-Ħamrija*** |
| | ***1. Sabiex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi sett ta' għodod għall-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija li jipprovdi lill-maniġers tal-ħamrija informazzjoni prattika dwar l-użu ta' prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija, inkluża l-informazzjoni pprovduta mill-Istati Membri.*** |
| | ***2. Is-sett ta' għodod għandu jkun fih:*** |
| | ***(a) rakkomandazzjonijiet u eżempji tal-aħjar prattiki mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jimmonitorjaw l-impatt tal-prattiki tal-ġestjoni tal-ħamrija, u informazzjoni dwar l-impatt ta' tali prattiki fuq diversi servizzi tal-ekosistemi u theddid għall-ħamrija;*** |
| | ***(b) l-informazzjoni speċifika għall-kuntest relatata ma' kombinazzjonijiet ta' tip ta' ħamrija, użu tal-art u kundizzjonijiet klimatiċi;*** |
| | ***(c) għarfien ġdid mir-riċerka u l-innovazzjoni, inkluż mill-missjoni Orizzont Ewropa "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa";*** |
| | ***(d) informazzjoni rilevanti oħra miġbura mill-Kummissjoni jew ipprovduta lill-Kummissjoni mill-Istati Membri.*** |

| | |
|---|---|
| | ***3. Is-sett ta' għodod għandu jkun disponibbli pubblikament mingħajr ħlas, u għandu jkun inkluż fil-portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija stabbilit f'konformità mal-Artikolu 6(6).*** <br> ***Il-Kummissjoni għandha, b'mod attiv, taġġorna u tieħu l-miżuri xierqa kollha biex tippromwovi l-kontenut tas-sett ta' għodod lill-maniġers tal-artijiet.*** |

**Emenda 126**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Prinċipji ta'*** mitigazzjoni tat-teħid tal-art | Mitigazzjoni tat-teħid tal-art |

**Emenda 127**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom ***jiżguraw li l-prinċipji*** li ġejjin ***jiġu rrispettati f'każ ta' teħid tal-art***: | ***Fil-każ tat-teħid tal-art,*** l-Istati Membri għandhom ***jikkunsidraw l-azzjonijiet*** li ġejjin***, filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet lokali u l-impatti soċjoekonomiċi***: |

**Emenda 128**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jiġi evitat jew imnaqqas kemm jista' jkun teknikament u ekonomikament it-telf tal-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi ***diversi*** servizzi ***tal-ekosistema***, ***inkluża l-produzzjoni*** tal-ikel***,*** billi: | (a) jiġi evitat jew imnaqqas kemm jista' jkun teknikament u ekonomikament it-telf tal-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi ***ekosistema multipla u*** servizzi ***oħra***, ***inklużi l-agrikoltura, il-produzzjoni*** tal-ikel ***u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti*** billi: |

**Emenda 129**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) titnaqqas kemm jista' jkun iż-żona affettwata mit-teħid tal-art ***u*** | (i) titnaqqas kemm jista' jkun iż-żona affettwata mit-teħid tal-art***;*** |

**Emenda 130**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) ***jintgħażlu*** żoni fejn it-telf tas-servizzi tal-ekosistema jiġi minimizzat ***u*** | (ii) ***jiġu prijoritizzati*** żoni fejn it-telf tas-servizzi tal-ekosistemi jiġi minimizzat***;*** |

**Emenda 131**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) it-teħid tal-art isir b'mod li ***jimminimizza l-impatt negattiv fuq il-ħamrija***; | (iii) it-teħid tal-art isir b'mod li ***jkun allinjat mal-iżvilupp sostenibbli, inklużi l-preservazzjoni tal-fertilità tal-ħamrija, il-bijodiversità, il-permeabbiltà tal-ilma, il-filtrazzjoni u ż-żamma sa fejn dan ikun possibbli***; |

**Emenda 132**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jiġi kkumpensat kemm jista' jkun it-telf tal-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi diversi servizzi tal-ekosistema. | (b) ***jekk ikun possibbli*** jiġi kkumpensat kemm jista' jkun it-telf tal-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi diversi servizzi tal-ekosistemi. ***Tali kumpens, meta jkun applikabbli, jista' jsir fuq livell aggregat jew b'mod transfruntier bejn l-Istati Membri jekk id-distrett tal-ħamrija jkollu l-istess karatteristiċi bħal distrett tal-ħamrija biswit fi Stat Membru ġar jew*** |

| | |
|---|---|
| | ***f'distrett transfruntier tal-ħamrija.*** |

**Emenda 133**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) l-adozzjoni ta' miżuri biex jiġi żgurat kumpens ġust lis-sidien tal-art f'każ ta' teħid tal-art;*** |

**Emenda 134**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(bb) l-istabbiliment ta' miżuri għall-prevenzjoni jew il-limitazzjoni tat-teħid tal-art, inkluż l-immappjar ta' art mitluqa u siti industrijali abbandunati u inċentivi għar-restawr u l-użu mill-ġdid ta' żoni abbandunati b'ħamrija ssiġillata.*** |

**Emenda 135**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiġġestixxu r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent ta' siti potenzjalment ikkontaminati u ta' siti kkontaminati, u jżommuhom f'livelli aċċettabbli, filwaqt li jqisu l-impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-miżuri ta' tnaqqis tar-riskju meħuda skont il-paragrafu 4 tal-Artikolu 15. | 1. L-Istati Membri għandhom jiġġestixxu ***u jnaqqsu*** r-riskji għas-saħħa tal-bniedem ***u tal-annimali*** u għall-ambjent ta' siti potenzjalment ikkontaminati u ta' siti kkontaminati, u jżommuhom f'livelli aċċettabbli ***meta jitqies l-użu maħsub tal-ħamrija***, filwaqt li jqisu l-impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-miżuri ta' tnaqqis tar-riskju meħuda skont l-Artikolu 15, il-paragrafu 4. |

**Emenda 136**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 4 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. ***Il-membri tal-pubbliku kkonċernati għandhom jingħataw*** opportunitajiet bikrija u effettivi: | 4. ***Il-pubbliku għandu jingħata*** opportunitajiet bikrija u effettivi: |

**Emenda 137**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 4 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) biex jipparteċipaw fl-istabbiliment u l-applikazzjoni konkreta tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju kif definit f'dan l-Artikolu; | (a) biex jipparteċipaw fl-istabbiliment u l-applikazzjoni konkreta tal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju kif definit f'dan l-Artikolu***, l-identifikazzjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati f'konformità mal-Artikolu 13, l-investigazzjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati f'konformità mal-Artikolu 14 u l-valutazzjoni u l-ġestjoni ta' siti kkontaminati f'konformità mal-Artikolu 15, meta l-għażliet kollha jkunu għadhom disponibbli***; |

**Emenda 138**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 4 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) biex jipprovdu informazzjoni ***rilevanti għall-identifikazzjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati f'konformità mal-Artikolu 13, l-investigazzjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati f'konformità mal-Artikolu 14 u l-ġestjoni*** ta' ***siti kkontaminati f'konformità mal-Artikolu 15***; | (b) biex jipprovdu informazzjoni ***u evidenza rilevanti għall-attivitajiet imsemmija fil-punt (a) fi kwalunkwe ħin, bħall-bijomonitoraġġ uman jew id-data*** ta' ***monitoraġġ ambjentali***; |

**Emenda 139**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 - paragrafu 4a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***4a. Għall-finijiet tal-paragrafu 4, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-pubbliku jkun infurmat fil-ħin, u b'mod adegwat u effettiv, inkluż permezz ta' avviżi pubbliċi u media elettronika, dwar l-informazzjoni rilevanti kollha.*** |

**Emenda 140**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 4b (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***4b. L-Istati Membri għandhom iqisu kif xieraq l-informazzjoni sottomessa f'konformità mal-paragrafu 4 meta jimplimentaw id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu u fir-rigward tad-deskritturi tal-ħamrija għall-kontaminazzjoni tal-ħamrija elenkati fl-Anness I.*** |

**Emenda 141**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 - paragrafu 4c (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***4c. Meta l-evidenza turi tniġġis mifrux tal-ħamrija jew esponiment għas-sustanza jew it-taħlita kkonċernata permezz tal-ħamrija, l-awtorità kompetenti għandha tibda proċess ta' ġestjoni tar-riskju. Meta l-evidenza turi nuqqas ta' informazzjoni dwar ir-riskju għas-saħħa tal-bniedem jew tal-annimali jew għall-ambjent ikkawżat minn sustanza jew taħlita perikoluża preżenti fil-ħamrija, l-awtorità kompetenti għandha tinvestiga aktar bil-ħsieb li tieħu miżuri ta' ġestjoni tar-riskju f'konformità mal-prinċipju ta' prekawzjoni, meta dan ikun meħtieġ.*** |

**Emenda 142**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 4d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4d. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw minnufih lill-pubbliku bi kwalunkwe deċiżjoni jew miżura meħuda skont il-paragrafi 4 u 4c u bir-raġunijiet u l-kunsiderazzjonijiet li fuqhom tkun ibbażata d-deċiżjoni jew il-miżura, inkluża spjegazzjoni ta' kif tqieset l-informazzjoni.*** |

**Emenda 143**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw b'mod sistematiku u attiv is-siti kollha fejn tiġi suspettata kontaminazzjoni tal-ħamrija abbażi tal-evidenza miġbura permezz tal-mezzi kollha ***disponibbli*** ("siti potenzjalment ikkontaminati"). | 1. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw b'mod sistematiku u attiv is-siti kollha meta tiġi suspettata kontaminazzjoni tal-ħamrija abbażi tal-evidenza miġbura permezz tal-mezzi ***xierqa*** kollha***, inkluż il-kontribut taċ-ċittadini, u jistabbilixxu l-proċeduri*** ("siti potenzjalment ikkontaminati"). |

**Emenda 144**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(d) l-operat ta' attività msemmija fl-Anness III tad-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[77];*** | ***imħassar*** |

***[77] Id-Direttiva 2004/35/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-responsabbiltà ambjentali f'dak li għandu x'jaqsam mal-prevenzjoni u r-rimedju għal danni ambjentali (ĠU L 143, 30.4.2004, p. 56)***

**Emenda 145**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt fa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(fa) kwalunkwe żona użata għall-estrazzjoni tal-ilma tax-xorb;*** |

**Emenda 146**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt ga (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ga) okkorrenza ta' kwalunkwe marda li tkun preżunta li hija marbuta mal-esponiment għall-kontaminazzjoni permezz tal-ħamrija;*** |

**Emenda 147**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 – punt gb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(gb) kwalunkwe informazzjoni pprovduta mill-pubbliku jew mill-awtoritajiet tal-Istati Membri.*** |

**Emenda 148**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-siti kollha potenzjalment ikkontaminati identifikati f'konformità mal-Artikolu 13 ikunu soġġetti għal investigazzjoni tal-ħamrija. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-siti kollha potenzjalment ikkontaminati identifikati f'konformità mal-Artikolu 13 ikunu soġġetti għal investigazzjoni tal-ħamrija ***skont l-ordni ta' prijorità***. |

**Emenda 149**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar l-iskadenza, il-kontenut, il-forma u l-prijoritizzazzjoni tal-investigazzjonijiet tal-ħamrija. Dawk ir-regoli għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju msemmi fl-Artikolu 12 u l-lista ta' attivitajiet ta' riskju potenzjalment kontaminanti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(2). | L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar l-iskadenza, il-kontenut, il-forma u l-prijoritizzazzjoni tal-investigazzjonijiet tal-ħamrija***, filwaqt li jqisu l-aspetti ambjentali, soċjali u ekonomiċi***. Dawk ir-regoli għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju msemmi fl-Artikolu 12 u l-lista ta' attivitajiet ta' riskju potenzjalment kontaminanti msemmija fl-Artikolu 13(2), it-tieni subparagrafu. |

**Emenda 150**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 2 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Is-siti potenzjalment ikkontaminati li jinsabu f'żoni użati għall-estrazzjoni tal-ilma għall-konsum mill-bniedem għandhom jingħataw prijorità għall-investigazzjoni tal-ħamrija.*** |

**Emenda 151**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu x'jikkostitwixxi riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent li jirriżulta minn siti kkontaminati billi jqisu l-għarfien xjentifiku eżistenti, il-prinċipju ta' prekawzjoni, l-ispeċifiċitajiet lokali, u l-użu attwali u futur tal-art. | 2. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu x'jikkostitwixxi riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u ***tal-annimali u*** għall-ambjent li jirriżulta minn siti kkontaminati billi jqisu l-għarfien xjentifiku eżistenti***, l-opinjoni tal-professjonisti tas-saħħa u l-awtoritajiet tas-saħħa***, il-prinċipju ta' prekawzjoni, l-ispeċifiċitajiet lokali, u l-użu attwali u futur tal-art. |

**Emenda 152**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Għal kull sit ikkontaminat identifikat skont l-Artikolu 14 jew bi kwalunkwe mezz ieħor, l-awtorità kompetenti responsabbli għandha twettaq valutazzjoni speċifika għas-sit għall-użi attwali u ppjanati tal-art biex tiddetermina jekk is-sit ikkontaminat jippreżentax riskji inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. | 3. Għal kull sit ikkontaminat identifikat skont l-Artikolu 14 jew bi kwalunkwe mezz ieħor, l-awtorità kompetenti responsabbli għandha twettaq valutazzjoni speċifika għas-sit għall-użi attwali u ppjanati tal-art biex tiddetermina jekk is-sit ikkontaminat jippreżentax riskji inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem ***u tal-annimali*** jew għall-ambjent. |

**Emenda 153**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Meta jkun xieraq, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-valutazzjonijiet li jkunu ġew implimentati f'konformità mad-Direttivi 2010/75/UE, 2011/92/UE jew 2012/18/UE bħala suffiċjenti.*** |

**Emenda 154**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Abbażi tal-eżitu tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, l-awtorità kompetenti responsabbli għandha ***tieħu*** l-miżuri xierqa biex iġġib ir-riskji għal livell aċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent ("miżuri ta' tnaqqis tar-riskji"). | 4. Abbażi tal-eżitu tal-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 3, l-awtorità kompetenti responsabbli għandha ***tiżgura li jittieħdu*** l-miżuri xierqa biex iġġib ir-riskji għal livell aċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent ("miżuri ta' tnaqqis tar-riskji"). |

**Emenda 155**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Il-miżuri ta' tnaqqis tar-riskji ***jistgħu jikkonsistu mill-miżuri*** msemmija fl-Anness V. Meta tiddeċiedi dwar il-miżuri xierqa ta' tnaqqis tar-riskji, l-awtorità kompetenti għandha tqis il-kostijiet, il-benefiċċji, l-effettività, id-durabbiltà u l-fattibbiltà teknika tal-miżuri disponibbli ta' tnaqqis tar-riskji. | Il-miżuri ta' tnaqqis tar-riskji ***għandhom ikunu bbażati fuq il-miżuri*** msemmija fl-Anness V. Meta tiddeċiedi dwar il-miżuri xierqa ta' tnaqqis tar-riskji, l-awtorità kompetenti għandha tqis il-kostijiet, il-benefiċċji, l-effettività, id-durabbiltà u l-fattibbiltà teknika tal-miżuri disponibbli ta' tnaqqis tar-riskji ***fuq terminu qasir u fit-tul. L-Istati Membri għandhom dejjem jimmiraw għall-prevenzjoni u d-dekontaminazzjoni tal-ħamrija.*** |

**Emenda 156**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju li jaffettwaw il-korpi tal-ilma tal-madwar użati għall-astrazzjoni tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem għandhom jikkonformaw mal-istandards tar-riskju aċċettabbli stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2020/2184.*** |

**Emenda 157**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 20 biex tissupplimenta din id-Direttiva billi tistabbilixxi valuri massimi tollerabbli fir-rigward tad-definizzjoni ta' riskju inaċċettabbli għas-saħħa u għall-ambjent li jirriżulta minn siti kkontaminati kif imsemmi fil-paragrafu 2.*** |

**Emenda 158**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 4 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jippubblikaw ir-reġistru u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2. Id-divulgazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni tista' tiġi rrifjutata jew ristretta mill-awtorità kompetenti meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[78]. | L-Istati Membri għandhom jippubblikaw***, jagħmlu aċċessibbli b'mod faċli għall-utent u mingħajr ħlas*** ir-reġistru u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2. Id-divulgazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni tista' tiġi rrifjutata jew ristretta mill-awtorità kompetenti meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[78]. ***Ir-reġistru għandu jkun disponibbli f'bażi ta' data spazjali ġeoreferenzjata online.*** |
| [78] Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26). | [78] Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26). |

**Emenda 159**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format tar-reġistru. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21. | 5. Il-Kummissjoni għandha ***sa ... [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: daħħal id-data = sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]*** tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format tar-reġistru. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21. |

**Emenda 160**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Finanzjament mill-Unjoni | Finanzjament mill-Unjoni ***u mill-Istati Membri*** |

**Emenda 161**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Minħabba l-prijorità marbuta b'mod inerenti mal-istabbiliment tal-monitoraġġ tal-ħamrija u l-ġestjoni sostenibbli u r-riġenerazzjoni tal-ħamrija, ***l-implimentazzjoni*** ta' din ***id-Direttiva*** għandha ***tiġi appoġġata mill-programmi finanzjarji eżistenti tal-Unjoni f'konformità mar-regoli u l-kundizzjonijiet applikabbli tagħhom***. | Minħabba l-prijorità marbuta b'mod inerenti mal-istabbiliment tal-monitoraġġ tal-ħamrija u l-ġestjoni sostenibbli u r-riġenerazzjoni tal-ħamrija, ***sa ... [OP: daħħal id-data = 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ*** ta' din ***id-Direttiva], il-Kummissjoni*** għandha ***tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jevalwa r-riżorsi finanzjarji disponibbli fil-livell tal-Unjoni għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva***. |

**Emenda 162**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Il-Kummissjoni għandha tivvaluta kwalunkwe diskrepanza bejn il-finanzjament disponibbli tal-Unjoni u l-ħtiġijiet ta' finanzjament għall-appoġġ tal-Istati Membri fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, filwaqt li tagħti attenzjoni speċifika lill-ħtiġijiet ta' monitoraġġ ambjentali, inkluż LUCAS dwar il-ħamrija.*** |

**Emenda 163**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1 – subparagrafu 1b (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Għandhom jiġu stabbiliti riżorsi finanzjarji addizzjonali għall-perjodu ta' wara l-2027 sabiex tiġi promossa l-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija, ir-riġenerazzjoni permanenti u l-attivitajiet ta' monitoraġġ tagħha.*** |

**Emenda 164**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***1a. Meta jimplimentaw din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jagħmlu użu minn riżorsi finanzjarji minn sorsi xierqa, inklużi fondi tal-Unjoni, nazzjonali, reġjonali u lokali, biex jiffinanzjaw azzjonijiet b'enfasi fuq il-protezzjoni, il-ġestjoni sostenibbli u r-riġenerazzjoni tal-ħamrija.*** |

**Emenda 165**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1b (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***1b. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja l-kapaċità tal-Istati Membri biex jassorbu fondi tal-Unjoni relatati mal-protezzjoni, il-ġestjoni sostenibbli u r-riġenerazzjoni tal-ħamrija. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi taħriġ u appoġġ tekniku biex iżżid il-kapaċità ta' assorbiment tal-Istati Membri.*** |

**Emenda 166**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 - paragrafu 1c (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***1c. L-Istati Membri u l-Kummissjoni, b'kollaborazzjoni mal-Bank Ewropew tal-Investiment, għandhom itejbu u jiffaċilitaw l-użu ta' mekkaniżmi ta' finanzjament innovattivi u jippromovu l-mobilizzazzjoni ta' kapital privat għal azzjonijiet meħtieġa biex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva.*** |

**Emenda 167**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1d. L-Istati Membri u l-Kummissjoni għandhom josservaw il-prinċipju ta' "la tagħmilx ħsara sinifikanti" fis-sens tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.*** |

**Emenda 168**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jirrapportaw b'mod elettroniku d-data u l-informazzjoni li ġejjin lill-Kummissjoni u lill-EEA kull ***5*** snin: | L-Istati Membri għandhom jirrapportaw b'mod elettroniku d-data u l-informazzjoni li ġejjin lill-Kummissjoni u lill-EEA ***mill-inqas*** kull ***6*** snin: |

**Emenda 169**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) analiżi tax-xejriet tas-saħħa tal-ħamrija għad-deskritturi elenkati fil-partijiet A, B u C tal-Anness I u għall-indikaturi tat-teħid tal-art u tal-issiġillar tal-ħamrija elenkati fil-parti D tal-Anness I f'konformità mal-Artikolu 9; | (b) ***id-data ta' sostenn, il-metadata u*** analiżi tax-xejriet tas-saħħa tal-ħamrija għad-deskritturi elenkati fil-partijiet A, B u C tal-Anness I***, skont il-livell magħżul għad-disinn tal-monitoraġġ tal-ħamrija*** u għall-indikaturi tat-teħid tal-art u tal- |

| | |
|---|---|
| | issiġillar tal-ħamrija elenkati fil-Parti D tal-Anness I f'konformità mal-Artikolu 9***, inklużi d-deskritturi estiżi indikati minn Stati Membri individwali***; |

**Emenda 170**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1– subparagrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) id-data u l-informazzjoni li jinsabu fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 16. | (d) id-data u l-informazzjoni li jinsabu fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 16. |

**Emenda 171**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-ewwel rapporti għandhom jiġu sottomessi sa … (OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***5*** snin ***u 6 xhur*** wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva). | L-ewwel rapporti għandhom jiġu sottomessi sa … [OP: daħħal id-data = ***6*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva]. |

**Emenda 172**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) lista aġġornata u data spazjali tad-distretti tal-ħamrija tagħhom imsemmija fl-Artikolu 4 sa … (OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***sentejn u 3 xhur*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva); | (a) lista aġġornata u data spazjali tad-distretti tal-ħamrija tagħhom imsemmija fl-Artikolu 4 sa … [OP: daħħal id-data = ***12-il xahar*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva] ***u, meta jkunu disponibbli, il-pjanijiet tad-distrett tal-ħamrija rispettivi tagħhom***; |

**Emenda 173**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 3– punt b**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (b) lista aġġornata tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5 sa … (OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***sentejn u 3 xhur*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva); | (b) lista aġġornata tal-awtoritajiet kompetenti msemmija fl-Artikolu 5 sa … [OP: daħħal id-data = ***12-il xahar*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva]; |

**Emenda 174**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ca) il-kejl tad-deskritturi tal-ħamrija fil-livell tal-punt ta' kampjunar.*** |

**Emenda 175**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom ***jippubblikaw id-data*** ġġenerata mill-monitoraġġ imwettaq skont l-Artikolu 8 ***u l-valutazzjoni mwettqa*** skont l-Artikolu 9 ta' din id-Direttiva aċċessibbli għall-pubbliku, f'konformità mad-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[79] għal data esplicita | 1. L-Istati Membri għandhom ***jagħmlu d-data*** ġġenerata mill-monitoraġġ imwettaq skont l-Artikolu 8***u l-valutazzjonijiet imwettqa*** skont l-Artikolu 9 ***u l-Artikolu 10(3)*** ta' din id-Direttiva aċċessibbli għall-pubbliku, f'konformità mad-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[79] għal data ġeografikament esplicita u l-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2019/1024 għal data oħra. |
| [79] Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1). | [79] Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1). |

**Emenda 176**
**Proposta għal direttiva**

**Artikolu 19 - paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. L-Istati Membri għandhom jadottaw miżuri biex jiżguraw li l-informazzjoni relatata mal-ħamrija miġbura permezz tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva tkun disponibbli għax-xerrej potenzjali jew il-kerrej potenzjali tar-roqgħa art rilevanti.*** |

**Emenda 177**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 8, ***10, 15*** u ***16*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. | 2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 8, ***9*** u ***15*** għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. |

**Emenda 178**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 8, ***10, 15*** u ***16*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ. | 3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 8, ***9*** u ***15*** tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ. |

**Emenda 179**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 8, ***10, 15*** u ***16*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. | 6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 8, ***9*** u ***15*** għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. |

**Emenda 180**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 22 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw x'jikkostitwixxi interess suffiċjenti u indeboliment ta' dritt, b'mod konsistenti mal-objettiv li l-pubbliku jingħata aċċess wiesa' għall-ġustizzja***. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, kwalunkwe organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-ħarsien tal-ambjent u li tissodisfa kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali għandha titqies li għandha drittijiet li jistgħu jiġu indeboliti u l-interess tagħhom għandu jitqies suffiċjenti***. | L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw x'jikkostitwixxi interess suffiċjenti u indeboliment ta' dritt, b'mod konsistenti mal-objettiv li l-pubbliku jingħata aċċess wiesa' għall-ġustizzja ***f'konformità mal-Artikolu 9 tal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Ir-rikonoxximent tal-locus standi ma għandux ikun kundizzjonali għall-membru tal-pubbliku kkonċernat li jkun wettaq rwol matul fażi parteċipattiva tal-proċeduri tat-teħid ta' deċiżjonijiet skont din id-Direttiva***. |

**Emenda 181**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-penali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu multi proporzjonati għall-fatturat tal-persuna ġuridika jew | *(Ma taffettwax il-verżjoni Maltija.)* |

għall-introjtu tal-persuna fiżika li tkun wettqet il-ksur. Il-livell tal-multi għandu jiġi kkalkolat b'tali mod li jiġi żgurat li effettivament iċaħħdu lill-persuna responsabbli għall-ksur tal-benefiċċji ekonomiċi derivati minn dak il-ksur. Fil-każ ta' ksur imwettaq minn persuna ġuridika, tali multi għandhom ikunu proporzjonati għall-fatturat annwali tal-persuna ġuridika fl-Istat Membru kkonċernat, filwaqt li jitqiesu, inter alia, l-ispeċifiċitajiet tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs).

**Emenda 182**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-penali stabbiliti skont dan l-Artikolu jqisu kif xieraq dawn li ġejjin, kif applikabbli: | 3. L-Istati Membri għandhom***, f'konformità mal-liġi nazzjonali,*** jiżguraw li l-penali stabbiliti skont dan l-Artikolu jqisu kif xieraq dawn li ġejjin, kif applikabbli: |

**Emenda 183**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) il-popolazzjoni jew l-ambjent affettwati mill-ksur, filwaqt li jitqies l-impatt tal-ksur fuq l-objettiv li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent. | (c) il-popolazzjoni jew l-ambjent affettwati mill-ksur, filwaqt li jitqies l-impatt tal-ksur fuq l-objettiv li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent ***u fuq il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas***. |

**Emenda 184**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 – paragrafu 3 – punt ca (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| | ***(ca) kwalunkwe ksur preċedenti mill-persuna fiżika jew ġuridika responsabbli għall-ksur.*** |

**Emenda 185**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23 - paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Mingħajr preġudizzju għall-penali stabbiliti f'konformità ma' dan l-Artikolu u l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-TFUE, l-Istati Membri jistgħu jużaw inċentivi sabiex jiggarantixxu l-konformità ta' persuni fiżiċi u ġuridiċi mal-obbligi stabbiliti f'din id-Direttiva.*** |

**Emenda 186**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sa (OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva), il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva biex tivvaluta l-progress lejn l-objettivi tagħha u l-ħtieġa li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet tagħha sabiex jiġu ***stabbiliti rekwiżiti aktar speċifiċi*** biex jiġi żgurat ***li l-ħamrija mhux f'saħħitha tiġi riġenerata u*** li ***l-ħamrija kollha*** tkun f'saħħitha sal-2050. Din l-evalwazzjoni għandha tqis, inter alia, l-elementi li ġejjin: | 1. Sa (OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva), il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva biex tivvaluta l-progress lejn l-objettivi tagħha u l-ħtieġa li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet tagħha sabiex jiġu ***adattati r-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva*** biex jiġi żgurat ***il-progress kontinwu lejn il-ħamrija kollha*** li tkun f'saħħitha sal-2050. Din l-evalwazzjoni għandha tqis, *inter alia*, l-elementi li ġejjin: |

**Emenda 187**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) id-data xjentifika u analitika rilevanti, inklużi r-riżultati minn proġetti | (c) id-data xjentifika u analitika rilevanti, inklużi r-riżultati minn proġetti |

| | |
|---|---|
| ta' riċerka ffinanzjati mill-Unjoni; | ta' riċerka ffinanzjati mill-Unjoni ***u mill-Istati Membri***; |

**Emenda 188**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) analiżi tad-distakk ***lejn il-kisba ta'*** ħamrija f'saħħitha sal-2050; | (d) analiżi tad-distakk ***u l-miżuri meħtieġa biex tinkiseb*** ħamrija f'saħħitha sal-2050; |

**Emenda 189**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt e – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) l-istabbiliment ta' kriterji għad-deskritturi tal-ħamrija elenkati ***fil-parti C tal-Anness*** I; | (ii) l-istabbiliment ta' kriterji għad-deskritturi tal-ħamrija elenkati ***fl-Anness*** I; |

**Emenda 190**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt e – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (iii) iż-żieda ta' deskritturi ġodda tal-ħamrija għal finijiet ta' monitoraġġ**.** | (iii) iż-żieda ta' deskritturi ġodda tal-ħamrija għal finijiet ta' monitoraġġ ***jew l-aġġustament ta' deskritturi tal-ħamrija u kriterji eżistenti fl-Anness I;*** |

**Emenda 191**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) analiżi tad-disinji ta' monitoraġġ previsti u valuri tal-livelli limitu stabbiliti mill-Istati Membri taħt din id-Direttiva.*** |

**Emenda 192**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt eb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(eb) l-impatt soċjoekonomiku ta' din id-Direttiva.*** |

**Emenda 193**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni. | 2. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar is-sejbiet ewlenin tal-evalwazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, u lill-Kumitat tar-Reġjuni***, akkumpanjati, fejn xieraq, minn proposta leġiżlattiva***. |

**Emenda 194**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Minn ... [OP :jekk jogħġbok daħħal id-data = tmien snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva] u kull ħames snin wara din, il-Kummissjoni għandha tirrapporta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, inklużi l-miżuri meħtieġa biex ikun hemm konformità ma' din id-Direttiva meħuda mill-Istati Membri. Ir-rapport għandu jinkludi valutazzjoni ġenerali tal-progress li sar lejn il-ksib ta' ħamrija f'saħħitha.*** |

**Emenda 195**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – paragrafu 2b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2b. Sa ... [OP :jekk jogħġbok daħħal id-data = 6 snin mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tivvaluta, bħala parti mill-valutazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, l-informazzjoni miġbura fl-Istati Membri rigward l-okkorrenza, it-tixrid u l-valuri ta' kontaminanti tal-ħamrija, bil-ħsieb li tiġi stabbilita lista ta' sustanzi prijoritarji, segwita minn lista ta' sorveljanza dwar kontaminanti tal-ħamrija, fejn xieraq.*** |

**Emenda 196**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 24a*** |
| | ***Forum tal-Osservatorju tal-Ħamrija tal-Unjoni Ewropea (EUSO)*** |
| | ***Il-Kummissjoni għandha, permezz tal-Forum tal-EUSO, tiffaċilita l-kooperazzjoni f'intervalli regolari bejn il-partijiet ikkonċernati, inklużi l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fil-livelli rilevanti kollha, l-industrija, is-soċjetà ċivili, u l-komunità xjentifika. Il-Forum tal-EUSO għandu jiffaċilita l-implimentazzjoni koordinata tal-liġi u l-politiki tal-Unjoni relatati mal-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija u t-titjib tas-saħħa tal-ħamrija, fost l-oħrajn permezz ta' skambju ta' esperjenza u prattiki tajbin, inkluż dwar prattiki ta' ġestjoni u riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija, kif ukoll l-iskambju ta' esperjenza dwar prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija li għandhom jiġu evitati.*** |

**Emenda 197**
**Proposta għal direttiva**

**Anness I – Titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| DESKRITTURI TAL-ĦAMRIJA, KRITERJI ***GĦAL KUNDIZZJONI TA' ĦAMRIJA F'SAĦĦITHA***, U INDIKATURI TAT-TEĦID TAL-ART U TAL-ISSIĠILLAR TAL-ĦAMRIJA | DESKRITTURI TAL-ĦAMRIJA, KRITERJI ***U METODI GĦAD-DETERMINAZZJONI TAL-ISTAT EKOLOĠIKU TAL-ĦAMRIJA***, U INDIKATURI TAT-TEĦID TAL-ART U TAL-ISSIĠILLAR TAL-ĦAMRIJA |

**Emenda 198**
**Proposta għal direttiva**
**Anness I – tabella – Parti A**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| Parti A: deskritturi tal-ħamrija bi kriterji għal kundizzjoni ta' ħamrija f'saħħitha stabbiliti fil-livell tal-Unjoni | | | |
|---|---|---|---|
| ***Is-salinizzazzjoni*** | ***Konduttività Elettrika (deċi-Siemens għal kull metru)*** | ***< 4 dS $m^{-1}$ meta jintuża metodu ta' kejl tal-estratt saturat tal-pejst tal-ħamrija (eEC), jew kriterju ekwivalenti jekk jintuża metodu ieħor ta' kejl*** | ***Żoni tal-art salina b'mod naturali; Żoni tal-art affettwati direttament miż-żieda fil-livell tal-baħar*** |
| ***Erożjoni tal-ħamrija*** | ***Rata ta' erożjoni tal-ħamrija (tunnellati għal kull ettaru fis-sena)*** | ***≤ 2 t $ha^{-1}$ $y^{-1}$*** | ***Artijiet b'erożjoni sinifikanti u żoni ta' art naturali oħrajn mhux ġestiti, ħlief jekk jirrappreżentaw riskju sinifikanti ta' diżastri*** |
| ***Telf tal-karbonju organiku fil-ħamrija*** | ***Konċentrazzjoni tal-Karbonju Organiku fil-Ħamrija (SOC) (g għal kull kg)*** | ***- Għall-ħamrija organika: għandhom jiġu rrispettati l-miri stabbiliti għal tali ħamrija fil-livell nazzjonali f'konformità mal-Artikoli 4.1, 4.2, 9.4 tar-Regolament (UE) …/…+*** | ***Ebda esklużjoni*** |
| | | ***- Għall-ħamrija minerali: Proporzjon SOC/Tafal > 1/13; L-Istati Membri jistgħu japplikaw fattur korrettiv fejn tipi speċifiċi ta' ħamrija jew kundizzjonijiet klimatiċi jiġġustifikaw dan, filwaqt li jqisu l-kontenut effettiv tas-SOC fil-bwar permanenti.*** | ***Ħamrija mhux ġestita f'żoni tal-art naturali*** |

<table>
<tr>
<td>Kompattazzjoni tas-sottoswol</td>
<td>Densità tal-massa fis-sottoswol (il-parti ta' fuq tal-orizzont B jew E[1]); L-Istati Membri jistgħu jissostitwixxu dan id-deskrittur b'parametru ekwivalenti (g għal kull $cm^3$)</td>
<td>
<table>
<tr><td>Konsistenza tal-ħamrija[2]</td><td>medda</td></tr>
<tr><td>ramel, trab ramli ġulġlieni, trab ġulġlieni ramli, trab ġulġlieni</td><td><1.80</td></tr>
<tr><td>Trab ġulġlieni ramli u tafli, trab ġulġlieni, trab ġulġlieni tafli, ramal, trab ġulġlieni xaħxi</td><td><1.75</td></tr>
<tr><td>trab ġulġlieni xaħxi, trab ġulġlieni xaħxi u tafli</td><td><1.65</td></tr>
<tr><td>Trab tafli ramli, trab tafli xaħxi, trab ġulġlieni tafli b'35-45 % tafal</td><td><1.58</td></tr>
<tr><td>Tafal</td><td><1.47</td></tr>
</table>
F'każ li Stat Membru jissostitwixxi d-deskrittur tal-ħamrija "densità tal-massa fis-sottoswol" b'parametru ekwivalenti, għandu jadotta kriterju għal kundizzjoni ta' ħamrija f'saħħitha għad-deskrittur tal-ħamrija magħżul li jkun ekwivalenti għall-kriterju stabbilit għad-"densità tal-massa fis-sottoswol".
</td>
<td>Ħamrija mhux ġestita f'żoni tal-art naturali</td>
</tr>
<tr><td colspan="4">__________________</td></tr>
<tr><td colspan="4">+ OP : jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament dwar ir-restawr tan-natura li jinsab fid-dokument COM(2022) 304</td></tr>
<tr><td colspan="4">[1] Kif definit fil-Linji Gwida tal-FAO għad-Deskrizzjoni tal-Ħamrija, il-Kapitolu 5 (https://www.fao.org/3/a0541e/a0541e.pdf )</td></tr>
<tr><td colspan="4">[2] Kif definit f'Arshad, M.A., B. Lowery, u B. Grossman. 1996. Testijiet fiżiċi għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-ħamrija p. 123-142. Fi: J.W. Doran u A.J. Jones (eds.) Methods for assessing soil quality. Soil Sci. Soc. Am. Spec. Publ. 49. SSSA, Madison, WI.</td></tr>
</table>

[2] Kif definit f'Arshad, M.A., B. Lowery, u B. Grossman. 1996. Testijiet fiżiċi għall-monitoraġġ tal-kwalità tal-ħamrija p. 123-142. Fi: J.W. Doran u A.J. Jones (eds.) Methods for assessing soil quality. Soil Sci. Soc. Am. Spec. Publ. 49. SSSA, Madison, WI.

*Emenda*

| **Parti A: Id-disinn tal-monitoraġġ tal-ħamrija tal-Livell 1**<br><br>**Stat Membru jikkwalifika għad-disinn tal-monitoraġġ tal-ħamrija tal-Livell 1 jekk jissodisfa l-kriterji kollha definiti fit-tieni kolonna u jinkludi d-deskritturi kollha tal-ħamrija.** | | | |
|---|---|---|---|
| ***Disinn tal-kampjunar*** | | | |
| ***Metodoloġija ta' referenza*** | ***Kriterji li jridu jintlaħqu*** | ***Eċċezzjonijiet*** | ***Noti*** |
| ***L-istħarriġ kampjunarju għandu jitfassal minn qafas tal-kampjun komplut li jkun fih l-aħjar informazzjoni disponibbli dwar id-distribuzzjoni tal-proprjetajiet tal-ħamrija, inkluż iżda mhux limitat għal informazzjoni li tirriżulta minn kejl nazzjonali preċedenti u minn kejl taħt il-programm LUCAS.***<br><br>***L-iskema ta' kampjunar għandha tkun ta' kampjunar aleatorju stratifikat.***<br><br>***Id-daqs tal-kampjun nazzjonali għandu jissodisfa r-rekwiżit ta' errur perċentwali massimu (jew Koeffiċjent ta' Varjazzjoni) ta' 5 % għall-istima taż-żona li jkollha ħamrija f'saħħitha.***<br><br>***Il-kampjun tal-Kummissjoni għall-istħarriġ stabbilit skont l-Artikolu 6(4) jista' jikkontribwixxi għal massimu ta' 20 % tad-daqs tal-kampjuni nazzjonali.***<br><br>***L-allokazzjoni u d-daqs tal-kampjun għandhom jiġu ddeterminati billi jiġi applikat l-algoritmu ta' Bethel (Bethel, 1989) li jirrappreżenta l-errur massimu ta' stima meħtieġ.*** | ***a) Kampjunar aleatorju stratifikat ibbażat fuq it-tip ta' art; Stratifikaturi jistgħu jinkludu kundizzjonijiet klimatiċi, tip ta' ħamrija, tip ta' art, u reġjuni amministrattivi skont l-Artikolu 4***<br><br>***b) L-istima tal-għadd ta' kampjuni għandha tkun konformi mal-użu tal-algoritmu ta' Bethel li jirrappreżenta l-errur massimu ta' stima meħtieġ.***<br><br>***c) Perċentwal (sa 20 % u mhux inqas minn 10 %) tas-siti ta' kampjunar ikun jista' jiġi ddedikat għal kampjunar immirat relatat ma' investigazzjonijiet jew valutazzjoni tar-riskju.*** | ***F'każ li, fil-livell ta' Stat Membru, ikun hemm disinn ta' kampjunar li jissodisfa l-kriterji stabbiliti għal-Livell 1, il-metodoloġija ta' referenza tista' tiġi adattata jew approċċi oħra ta' disinn proposti lill-Kummissjoni, diment li d-disinn ta' monitoraġġ implimentat jipprovdi kopertura suffiċjenti lill-Istat Membru f'konformità mal-metodoloġija ta' referenza (inklużi kampjuni nazzjonali u tal-istħarriġ LUCAS). Meta jadattaw il-metodoloġija ta' referenza, l-Istati Membri jeħtiġilhom madankollu jikkonformaw mad-disinn in-situ tal-KE.*** | |
| ***Fatturi ta' degradazzjoni*** | | | |
| ***Fattur ta' degradazzjoni*** | ***Deskrittur tal-ħamrija*** | ***Eċċezzjonijiet*** | ***Noti*** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Erożjoni tal-ħamrija* | • ***Rata ta' erożjoni tal-ħamrija (tunnellati ta' ħamrija mitlufa għal kull ettaru fis-sena (t $ha^{-1}$ $sena^{-1}$))*** | *-* | |
| ***Telf tal-karbonju organiku fil-ħamrija*** | • ***Konċentrazzjoni tal-Karbonju Organiku fil-Ħamrija (SOC) (g ta' Karbonju għal kull kg (g $kg^{-1}$))*** | *-* | ***Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm)*** |
| ***Kompattazzjoni tal-ħamrija*** | • ***Densità tal-massa fil-ħamrija tal-wiċċ (g $cm^{-3}$)*** | *-* | ***Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm (fakultattiv))*** |
| ***Kontenut żejjed ta' nutrijenti fil-ħamrija*** | • ***Fosforu disponibbli (mg $kg^{-1}$)***<br>• ***Total tan-nitroġenu fil-ħamrija (mg $g^{-1}$)*** | *-* | ***Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm)*** |
| ***Kontaminazzjoni tal-ħamrija*** | • ***Konċentrazzjoni ta' metalli tqal fil-ħamrija: As, Sb, Cd, Co, Cr (total), Cr (VI), Cu, Hg, Pb, Ni, Tl, V, Zn (µg għal kull kg)***<br>• ***Il-konċentrazzjoni ta' għażla ta' kontaminanti organiċi stabbilita mill-Istati Membri u filwaqt li jitqiesu l-kontaminanti koperti mir-Regolament (UE) 2019/1021 u l-limiti ta' konċentrazzjoni eżistenti eż. għall-kwalità tal-ilma u għall-emissjonijiet fl-arja fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni speċjalment is-sustanzi prijoritarji skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u l-*** | *-* | ***Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm (fakultattiv))*** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | *Istandards tal-Kwalità Ambjentali relatati (id-Direttiva 2008/105/KE) u d-Direttivi dwar l-Ilma ta' Taħt l-Art (id-Direttiva 2006/118/KE)*<br>• *Prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti kandidati għas-sostituzzjoni u sustanzi awtorizzati taħt reġim ta' emerġenza, u residwi tal-bijoċidi*<br>• *Sustanzi perfluworoalkilati u polifluworoalkilati (PFAS) totali jew is-somma totali tal-PFAS* | | |
| *Tnaqqis taż-żamma tal-ilma* | • *Kapaċità taż-żamma tal-ilma fil-ħamrija tal-kampjun tal-ħamrija (% tal-volum tal-ilma)*<br>• *Volum ta' ħamrija saturata* | *-* | *Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm (fakultattiv))* |
| *Aċidifikazzjoni* | • *Aċidità tal-ħamrija (pH $H_2O$)* | *-* | *Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm (fakultattiv))* |
| *Funzjonijiet ekoloġiċi tal-ħamrija* | | | |
| *Funzjoni ekoloġika* | *Deskrittur tal-ħamrija* | *Eċċezzjonijiet* | *Noti* |
| *Aggregazzjoni tal-ħamrija* | • *Aggregati stabbli fl-ilma (%)* | *-* | *Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm (fakultattiv))* |
| *Respirazzjoni tal-ħamrija* | • *Respirazzjoni tal-bażi mikrobika tal-ħamrija (µl $O_2$ $h^{-1}$ $g^{-1}$ piż xott tal-ħamrija)* | *-* | *Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | ***10 cm, 10-30 cm (fakultattiv))*** |
| ***Bijomassa tal-ħamrija*** | • ***Karbonju tal-bijomassa mikrobika tal-ħamrija (µg C $g^{-1}$ piż xott tal-ħamrija)*** | ***-*** | ***Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm (fakultattiv))*** |
| ***Bijodiversità tal-ħamrija*** | | | |
| ***Karatteristika tal-bijodiversità tal-ħamrija*** | ***Deskrittur tal-ħamrija*** | ***Eċċezzjonijiet*** | ***Noti*** |
| ***Diversità tassonomika*** | • ***Id-diversità tal-organiżmi tal-ħamrija (għadd ta' preżenzi għal kull grupp tassonomiku) ibbażata fuq il-metabarkodifikazzjoni mmirata lejn is-sekwenza tal-ġeni 16S u 18S rRNA u bl-użu tas-sekwenza tal-Ispazjatur intern traskritt (ITS) b'mod partikolari għal Fungi (barra minn hekk, jistgħu jiġu kkunsidrati markaturi oħra bħas-COI għall-fawna tal-ħamrija)*** | ***-*** | ***Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm (fakultattiv))*** |
| ***Abbundanza tal-popolazzjoni*** | • ***Abbundanzi totali ta' batterji u arkea (bl-użu ta' kopji tas-sekwenza tal-ġeni 16S rRNA)***<br>• ***Abbundanzi totali ta' fungi (bl-użu ta' kopji tas-sekwenza tal-ġeni 18S rRNA)***<br>• ***Għadd totali u proporzjon ta' fungi patoġeniċi***<br>• ***Abbundanza totali ta' nematodi għal kull grupp funzjonali abbażi tal-morfoloġija (alimentaturi tal-batterji, alimentaturi fungali, alimentaturi*** | ***-*** | ***Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm (fakultattiv))*** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | ***tal-għeruq, omnivori, predaturi)*** | | |
| ***Ħabitat tal-ħamrija*** | | | |
| ***Karatteristika tal-ħabitat tal-ħamrija*** | ***Deskrittur tal-ħamrija*** | ***Eċċezzjonijiet*** | |
| ***Struttura tal-ħamrija*** | • ***Proporzjonijiet tal-klassi tad-daqs (ramel, ħama, tafal)***<br>• ***Proporzjon ta' materjali ħoxnin (>2mm)*** | ***-*** | ***Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm)*** |

**Emenda 199**
**Proposta għal direttiva**
**Anness I – tabella – Parti B**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| *Parti B: deskritturi tal-ħamrija bi kriterji għal kundizzjoni ta' ħamrija f'saħħitha stabbiliti fil-livell tal-Istati Membri* | | |
|---|---|---|
| ***Kontenut eċċessiv ta' nutrijenti fil-ħamrija*** | ***Fosforu li jista' jiġi estratt (mg għal kull kg)*** | ***Il-"valur massimu" għandu jiġi stabbilit mill-Istat Membru fil-medda ta' 30-50 mg kg$^{-1}$*** |
| ***Kontaminazzjoni tal-ħamrija*** | ***konċentrazzjoni ta' metalli tqal fil-ħamrija: As, Sb, Cd, Co, Cr (total), Cr (VI), Cu, Hg, Pb, Ni, Tl, V, Zn (µg għal kull kg)*** <br> ***- konċentrazzjoni ta' għażla ta' kontaminanti organiċi stabbiliti mill-Istati Membri u filwaqt li jitqiesu l-limiti ta' konċentrazzjoni eżistenti eż. għall-kwalità tal-ilma u għall-emissjonijiet fl-arja fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni*** | ***Assigurazzjoni raġonevoli, miksuba mill-kampjunar, mill-identifikazzjoni u mill-investigazzjoni tal-punti tal-ħamrija ta' siti kkontaminati u kwalunkwe informazzjoni rilevanti oħra, li ma jeżisti l-ebda riskju inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent mill-kontaminazzjoni tal-ħamrija. Il-ħabitats b'konċentrazzjoni naturali għolja ta' metalli tqal li huma inklużi fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[3] għandhom jibqgħu protetti.*** |
| ***Tnaqqis tal-kapaċità tal-ħamrija li żżomm l-ilma*** | ***Kapaċità taż-żamma tal-ilma fil-ħamrija tal-kampjun tal-ħamrija (% tal-volum tal-ilma / volum ta' ħamrija saturata)*** | ***Il-valur stmat għall-kapaċità totali taż-żamma tal-ilma ta' distrett tal-ħamrija skont il-baċir idrografiku jew is-sottobaċir huwa ogħla mil-livell limitu minimu. Il-livell limitu minimu għandu jiġi stabbilit (f'tunnellati) mill-Istat Membru fil-livell tad-distrett tal-ħamrija u tal-baċir idrografiku jew tas-sottobaċir f'tali valur li l-impatti tal-għargħar wara li jiġu mmitigati avvenimenti intensi ta' xita jew ta' perjodi ta' ndewwa baxxa fil-ħamrija minħabba avvenimenti ta' nixfa.*** |
| ______________ | | |
| ***[3] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).*** | | |

*Emenda*

| *Parti B: Id-disinn tal-monitoraġġ tal-ħamrija tal-Livell 2*<br>*Stat Membru jikkwalifika għad-disinn tal-monitoraġġ tal-ħamrija tal-Livell 2 jekk:*<br>*- jinkludi b'mod kumulattiv id-deskritturi kollha tal-ħamrija għal-Livell 1 u l-kriterji definiti fil-kolonna 2 għad-disinn tal-kampjunar fil-Parti B u jinkludi mill-inqas 50 % tad-deskritturi tal-ħamrija fil-Parti B, jew,*<br>*- jissodisfa b'mod kumulattiv il-kriterji għad-disinn tal-kampjunar tal-ħamrija tal-Livell 1 u jinkludi d-deskritturi kollha tal-ħamrija fil-Parti A u B.* | | | |
|---|---|---|---|
| *Disinn tal-kampjunar* | | | |
| *Metodoloġija ta' referenza* | *Kriterji li jridu jintlaħqu* | *Eċċezzjonijiet* | *Noti* |
| *Kampjunar sistematiku stratifikat bl-użu ta' grilja spazjali biex tiġi żgurata kopertura omoġenja tat-territorju tal-Istat Membru għat-tipi kollha ta' art. Informazzjoni awżiljarja bħal żoni ambjentali jew tipi ta' ħamrija tista' tintuża wkoll biex tirfina aktar id-disinn tal-kampjunar.*<br>*Meta disponibbli, l-Istati Membri għandhom jikkoordinaw l-allokazzjoni ta' punti ta' kampjunar ma' programmi oħra ta' monitoraġġ eżistenti bħal inventarji nazzjonali tal-veġetazzjoni u tal-foresti. L-istess japplika għal tipi oħra ta' ċensimenti, bħaċ-ċensiment agrikolu, biex ikun hemm ġbir aħjar ta' data dwar prattiki ta' ġestjoni u ottimizzazzjoni tal-ispejjeż.*<br>*L-allokazzjoni u d-daqs tal-kampjun għandhom jiġu ddeterminati b'metodi stabbiliti xjentifikament għad-disinn tal-kampjunar applikat, bħal dawk li hemm referenza għalihom f'Bethel (1989) għal kampjunar aleatorju stratifikat.* | *a) Tiġi żgurata l-kopertura omoġenja tat-territorju tal-Istat Membru għat-tipi kollha tal-art (eż. billi jiġi implimentat stratifikatur sistematiku (eż. grilja kontinwa) bħala parti mid-disinn tal-kampjunar.*<br>*b) Kampjunar aleatorju stratifikat ibbażat fuq it-tip ta' art; stratifikaturi jistgħu jinkludu kundizzjonijiet klimatiċi, tip ta' ħamrija, tip ta' art, u reġjuni amministrattivi skont l-Artikolu 4*<br>*c) L-istima tal-għadd minimu kumplessiv ta' kampjuni għandha ssegwi l-proċedura fil-Livell 1.*<br>*d) 20 % tas-siti ta' kampjunar ikun jista' jiġi ddedikat għal kampjunar immirat relatat ma' investigazzjonijiet jew valutazzjoni tar-riskju.* | - | *Huwa rrakkomandat li t-tfassil u l-implimentazzjoni tas-sistema ta' monitoraġġ tal-ħamrija jinkludu diversi partijiet ikkonċernati u, meta meħtieġ, ftehimiet internazzjonali dwar il-fruntieri, biex jiġi żgurat li jiġu kkunsidrati miżuri kosteffettivi u li jitqies l-għarfien espert disponibbli.* |
| *Fatturi ta' degradazzjoni* | | | |
| *Fattur ta' degradazzjoni* | *Deskrittur tal-ħamrija* | *Eċċezzjonijiet* | *Noti* |
| *Salinizzazzjoni* | • *Konduttività Elettrika (Siemens għal kull metru (S $m^{-1}$))* | - | *Għandu jitwettaq għall-* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | *ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm (fakultattiv))* |
| *Teħid tal-art* | • *Issiġillar tal-ħamrija (bħala perċentwal ta' art issiġillata minn kwalunkwe tip ta' infrastruttura magħmula mill-bniedem għal kull 100 m²)* | *-* | *Bħala referenza, is-sit tal-kampjunar għandu jitqies bħala ċ-ċentru ta' din il-valutazzjoni.* |
| *Kontaminazzjoni tal-ħamrija* | • *Prodotti farmaċewtiċi u veterinarji* | *-* | |
| *Kompattazzjoni tal-ħamrija* | • *Densità tal-massa fis-sottoswol; l-Istati Membri jistgħu jissostitwixxu dan id-deskrittur b'parametru ekwivalenti (g għal kull $cm^3$)* | *Ħamrija mhux ġestita f'żoni tal-art naturali* | *Għandu jitwettaq għas-sottoswol (30-50 cm, 50-100 cm)* |
| *Funzjonijiet ekoloġiċi tal-ħamrija* | | | |
| *Funzjoni ekoloġika* | *Deskrittur tal-ħamrija* | *Eċċezzjonijiet* | |
| *Iċ-ċiklaġġ tan-nutrijenti* | • *mineralizzazzjoni tan-nitroġenu,*<br>• *disponibbiltà tan-nitroġenu* | *-* | *Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm (fakultattiv))* |
| *Aggregazzjoni tal-ħamrija* | • *Frazzjoni ta' materja ħoxna stabbli fl-ilma* | *-* | *Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm (fakultattiv))* |
| *Attività enzimatika* | • *Potenzjal ta' attività enzimatika għall-fosfatażi aċiduża (EC 3.13.2)*<br>• *Potenzjal ta' attività enzimatika għal N-aċetilglukożaminidażi (EC 3.2.1.50)*<br>• *Potenzjal ta' attività enzimatika għal ksilosidażi (EC 3.2.1.37)*<br>• *Potenzjal ta' attività enzimatika għal* | *-* | *Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm (fakultattiv))* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | *ċellobijoidrolażi (EC 3.2.1.91)*<br>• *Potenzjal ta' attività enzimatika għal β-glukosidażi (EC 3.2.1.21)* | | |
| *Bijomassa tal-ħamrija* | • *Bijomassa mikrobjali kif indikata minn aċidi grassi markaturi (bijomassa għal kull grupp funzjonali mikrobiku; ng FAME $g^{-1}$ piż xott tal-ħamrija)* | *-* | *Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm (fakultattiv))* |
| *Bijodiversità tal-ħamrija* | | | |
| *Karatteristika tal-bijodiversità tal-ħamrija* | *Deskrittur tal-ħamrija* | *Eċċezzjonijiet* | *Noti* |
| *Diversità tassonomika* | • *Diversità (rikkezza) ta' annimali tal-ħamrija għal kull grupp ibbażata fuq metodi morfoloġiċi u tista' tinkludi wkoll identifikazzjoni tal-immaġni (Nematodi (għan-nematodi, il-klassifikazzjoni għandha ssir mill-inqas sal-livell tal-familja) u Ħniex (għall-ħniex, il-klassifikazzjoni għandha ssir sal-livell tal-ispeċijiet))*<br>• *Għadd tassonomiku tal-bijodiversità tal-ħamrija bbażati fuq il-metaġenoma għal kull grupp tassonomiku* | *-* | *Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm (fakultattiv))* |
| *Abbundanza tal-popolazzjoni* | • *Abbundanzi totali ta' fungi (bl-użu tas-sekwenza tal-Ispazjatur intern traskritt (ITS))* | *-* | *Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm (fakultattiv))* |
| *Ħabitat tal-ħamrija* | | | |
| *Karatteristika tal-ħabitat tal-ħamrija* | *Deskrittur tal-ħamrija* | *Eċċezzjonijiet* | *Noti* |

**Emenda 200**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – tabella – Parti C**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| *Parti C: deskritturi tal-ħamrija mingħajr kriterji* | |
|---|---|
| *Aspett tad-degradazzjoni tal-ħamrija* | *Deskrittur tal-ħamrija* |
| *Kontenut eċċessiv ta' nutrijenti fil-ħamrija* | *Nitroġenu fil-ħamrija (mg $g^{-1}$)* |
| *Aċidifikazzjoni* | *Aċidità tal-ħamrija (pH)* |
| *Kompattazzjoni tal-ħamrija tal-wiċċ* | *Densità tal-massa fil-"ħamrija tal-wiċċ" (orizzont A[4]) (g $cm^{-3}$)* |
| *Telf tal-bijodiversità tal-ħamrija* | *Respirazzjoni tal-bażi tal-ħamrija ($mm^3$ $O_2$ $g^{-1}$ $hr^{-1}$) f'ħamrija xotta*<br>*L-Istati Membri jistgħu jagħżlu wkoll deskritturi fakultattivi oħra tal-ħamrija għall-bijodiversità bħal:*<br>*- metabarcoding ta' batterji, fungi, protisti u annimali;*<br>*- abbundanza u diversità ta' nematodi;*<br>*- bijomassa mikrobika;*<br>*- abbundanza u diversità ta' ħniex (fl-art tal-għelejjel);*<br>*- speċijiet aljeni invażivi u pesti tal-pjanti* |
| | |
| *4*<br>*Kif definit fil-Linji Gwida tal-FAO għad-Deskrizzjoni tal-Ħamrija, il-Kapitolu 5 (https://www.fao.org/3/a0541e/a0541e.pdf )* | |

*Emenda*

| ***Parti C: Id-disinn tal-monitoraġġ tal-ħamrija tal-Livell 3***<br>***Stat Membru jikkwalifika għad-disinn tal-monitoraġġ tal-ħamrija tal-Livell 3 jekk jissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Livell 2 u jinkludi mill-inqas 50 % tad-deskritturi tal-ħamrija fil-Parti C.*** | | | |
|---|---|---|---|
| ***Fatturi ta' degradazzjoni*** | | | |
| ***Fattur ta' degradazzjoni*** | ***Deskrittur tal-ħamrija*** | ***Eċċezzjonijiet*** | ***Noti*** |
| ***Kontaminazzjoni tal-ħamrija*** | • ***Konċentrazzjoni ta' mikroplastiks u nanoplastiks*** | ***-*** | ***Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm (fakultattiv))*** |
| ***Funzjonijiet ekoloġiċi tal-ħamrija*** | | | |
| ***Funzjoni ekoloġika*** | ***Deskrittur tal-ħamrija*** | ***Eċċezzjonijiet*** | ***Noti*** |
| ***Bijomassa tal-ħamrija*** | • ***Bijomassa tal-annimali tal-ħamrija (għal kull grupp tassonomiku*** | ***-*** | ***Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-*** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | *(Nematodi u Ħniex); mg piż frisk (għan-Nematodi)/xott (għall-Ħniex) għal kull g ta' ħamrija niexfa)*<br>• *Bijomassa tal-għeruq (mg piż xott għal kull g-1 piż niexef tal-ħamrija)* | | *30 cm (fakultattiv))* |
| *Karatteristiċi tal-komunità tal-għeruq* | • *Nitroġenu totali preżenti fl-għeruq*<br>• *Densità tat-tul tal-għeruq*<br>• *Dijametru medju tal-għeruq*<br>• *Varjazzjoni fid-dijametru tal-għeruq*<br>• *Kontenut ta' materja xotta tal-għeruq* | *-* | *Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm (fakultattiv))* |
| *Bijodiversità tal-ħamrija* | | | |
| *Karatteristika tal-bijodiversità tal-ħamrija* | *Deskrittur tal-ħamrija* | *Eċċezzjonijiet* | *Noti* |
| *Diversità tassonomika* | • *Diversità (rikkezza) tal-annimali tal-ħamrija għal kull grupp (Collembola u akari)*<br>• *Preżenza ta' speċi aljeni invażivi*<br>• *Diversità ta' viruses li jużaw approċċi metaġenomiċi* | *-* | *Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm (fakultattiv))* |
| *Abbundanza tal-popolazzjoni* | • *Abbundanza totali tal-annimali tal-ħamrija għal kull grupp tassonomiku (għan-Nematodi u l-Ħniex)* | *-* | *Għandu jitwettaq għall-ħamrija tal-wiċċ (0-10 cm, 10-30 cm (fakultattiv))* |
| *Ħabitat tal-ħamrija* | | | |
| *Karatteristika tal-ħabitat tal-ħamrija* | *Deskrittur tal-ħamrija* | *Eċċezzjonijiet* | *Noti* |

**Emenda 201**
**Proposta għal direttiva**
**Anness II – tabella – Parti A**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Parti A: Metodoloġija għad-determinazzjoni tal-punti ta' kampjunar***

| *Attività* | *Kriterji minimi għall-metodoloġija* |
|---|---|
| ***Determinazzjoni tal-punti ta' kampjunar tal-ħamrija (stħarriġ kampjunarju)*** | ***L-istħarriġ kampjunarju għandu jitfassal minn qafas tal-kampjun komplut li jkun fih l-aħjar informazzjoni disponibbli dwar id-distribuzzjoni tal-proprjetajiet tal-ħamrija, inkluż iżda mhux limitat għal informazzjoni li tirriżulta minn kejl nazzjonali preċedenti u minn kejl taħt il-programm LUCAS.*** <br> ***L-iskema ta' kampjunar għandha tkun kampjunar aleatorju stratifikat ottimizzat fuq id-deskritturi tas-saħħa tal-ħamrija.*** <br> ***Id-daqs tal-kampjun nazzjonali għandu jissodisfa r-rekwiżit ta' errur perċentwali massimu (jew Koeffiċjent ta' Varjazzjoni) ta' 5 % għall-istima taż-żona li jkollha ħamrija f'saħħitha.*** <br> ***Il-kampjun tal-Kummissjoni għall-istħarriġ stabbilit skont l-Artikolu 6(4) jista' jikkontribwixxi għal massimu ta' 20 % tad-daqs tal-kampjuni nazzjonali.*** <br> ***L-allokazzjoni u d-daqs tal-kampjun għandhom jiġu ddeterminati billi jiġi applikat l-algoritmu ta' Bethel (Bethel, 1989)[5] li jirrappreżenta l-errur massimu ta' stima meħtieġ.*** |
| | |
| ***[5] Bethel, J. 1989. "Sample Allocation in Multivariate Surveys." Survey Methodology 15: 47–57.*** | |

*Emenda*

***Parti A: Metodi ġenerali għall-kampjunar tal-bijodiversità tal-ħamrija u l-funzjonijiet ekoloġiċi tal-ħamrija***

| *Attività* | *Kriterji ta' referenza għall-metodoloġija* |
|---|---|
| ***Monitoraġġ ekoloġiku tal-ħamrija*** | ***L-għan għandu jkun li jintuża protokoll sempliċi ta' kampjunar tal-ħamrija li jista' jistandardizza l-kampjunar ekoloġiku tal-ħamrija fl-Istati Membri u li jkun applikabbli għad-deskritturi ekoloġiċi kollha tal-ħamrija tal-Livell 1 u l-Livell 2 (funzjonijiet ekoloġiċi tal-ħamrija, bijodiversità tal-ħamrija u deskritturi tal-ħabitat tal-ħamrija) bl-eċċezzjoni tad-deskritturi tal-fawna tal-ħamrija.*** <br> ***Wara l-protokoll tal-kampjunar adottat għal SoilBON, billi titqies żona kwadrata omoġenja ta' 30x30 metru, stabbilixxi disa' subkampjuni li jaqblu mal-kantunieri tal-kwadri, iċ-ċentru tagħha, u l-punti intermedji. Bl-użu ta' strument tal-metall għall-kampjunar tal-ħamrija jew simili, iġbor il-ħamrija b'volum ta' dijametru ta' 5 ċm u fond ta' 10 ċm. Il-fond tal-ħamrija jista' jiżdied għal 30 ċm, iżda l-ewwel (sa 10 ċm) u t-tieni saff għandhom ikunu separati.*** |
| ***Monitoraġġ tal-fawna tal-ħamrija*** | ***Għall-ħniex: issortjar bl-idejn bl-użu ta' protokolli konformi mal-protokoll ta' kampjunar stipulat fi Briones et al. 2020.*** <br> ***Għan-nematodi: skont il-kriterji stabbiliti fil-protokoll standard*** |

| | |
|---|---|
| | *ta' kampjunar ta' SoilBON.*<br>*Għal Collembola u akari: skont il-protokolli stabbiliti f'Potapov et al. 2022.* |
| *Deskritturi oħra tal-ħamrija bbażati fuq il-punti* | *L-Istati Membri għandhom jużaw il-Metodoloġija ta' LUCAS dwar il-ħamrija bħala referenza għall-kampjunar tal-ħamrija.* |

**Emenda 202**
**Proposta għal direttiva**
**Anness II – tabella – Parti B**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| *Deskrittur tal-ħamrija* | *Metodoloġija ta' referenza* | *Kriterji metodoloġiċi minimi* | *Funzjoni ta' trasferiment ivvalidata meħtieġa (jekk tintuża metodoloġija differenti mill-metodoloġija ta' referenza[6])?* |
|---|---|---|---|
| *Konsistenza tal-ħamrija (kontenut ta' tafal, ta' xaħx u ta' ramel – meħtieġa għad-determinazzjoni ta' deskritturi oħrajn u ta' meded relatati)* | *Metodu ppreferut: ISO 11277:1998 Determinazzjoni tad-distribuzzjoni tad-daqs tal-partikoli fil-materjal minerali tal-ħamrija – Metodu permezz ta' tgħarbil u sedimentazzjoni Metodu alternattiv: ISO13320:2009 Analiżi tad-daqs tal-partikoli – Metodi ta' difrazzjoni bil-laser* | | *IVA* |
| *Konduttività Elettrika* | *Għażla 1: metodu ta' kejl tal-estratt saturat tal-pejst tal-ħamrija (eEC) (SOP tal-FAO: GLOSOLAN-SOP-08[7]) Għażla 2: ISO 11265:1994* | | *IVA* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | ***Determinazzjoni tal-Konduttività Elettrika Speċifika;*** | | |
| ***Rata ta' erożjoni tal-ħamrija*** | | ***L-istima tar-rata ta' erożjoni tal-ħamrija għandha tqis l-azzjonijiet kollha meħuda biex jiġi mmitigat jew ikkumpensat ir-riskju ta' erożjoni, inklużi miżuri ta' mitigazzjoni ta' wara n-nar.<br>L-istima tar-rata ta' erożjoni tal-ħamrija għandha tinkludi l-proċessi rilevanti kollha ta' erożjoni bħall-erożjoni mill-ilma, mir-riħ, mill-ħsad u mill-ħdim tar-raba'.<br>L-erożjoni tal-ħamrija mill-ilma għandha tiġi vvalutata billi jitqiesu l-fatturi li ġejjin:<br>- il-karatteristiċi tal-ħamrija (eż. l-erodibbiltà, l-iffurmar ta' qoxra tal-ħamrija, il-ħruxija tal-ħamrija),<br>- il-klima (eż. l-erożività tax-xita – l-intensità u d-durata, filwaqt li jitqiesu l-projezzjonijiet rilevanti dwar it-tibdil fil-klima għal żona partikolari),<br>- it-topografija (eż. kemm hi wiefqa u twila l-inklinazzjoni),<br>- il-kopertura tal-veġetazzjoni, it-tip ta' għelejjel, l-użu tal-art u l-prattiki ta' ġestjoni biex tiġi kkontrollata jew*** | ***Mhux applikabbli*** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | *titnaqqas l-erożjoni,*<br>- *il-prattiki ta' ġestjoni (eż. għelejjel ta' kopertura, ħdim tar-raba' mnaqqas, mulching, eċċ.),*<br>- *iż-żoni maħruqa.*<br>*L-erożjoni tal-ħamrija permezz tar-riħ għandha tiġi vvalutata billi jitqiesu l-fatturi li ġejjin:*<br>- *il-karatteristiċi tal-ħamrija (eż. l-erodibbiltà),*<br>- *il-klima (eż. l-indewwa tal-ħamrija, il-veloċità tar-riħ, l-evaporazzjoni),*<br>- *il-veġetazzjoni (eż. it-tip ta' għalla),*<br>- *il-prattiki ta' ġestjoni għall-kontroll jew għat-tnaqqis tal-erożjoni (eż. l-ilqugħ kontra r-riħ).* | |
| ***Karbonju Organiku fil-Ħamrija (SOC)*** | ***ISO 10694:1995 Determinazzjoni tal-karbonju organiku u totali wara l-kombustjoni xotta*** | | ***IVA*** |
| ***Densità tal-massa fis-sottoswol (orizzont B[8]) jew parametru ekwivalenti[9] magħżul mill-Istati Membri*** | ***ISO 11272:2017 għad-determinazzjoni tad-densità tal-massa xotta***<br><br>***F'każ li jintgħażel parametru ekwivalenti, il-metodoloġija għandha tkun standard Ewropew jew Internazzjonali meta jkun disponibbli; jekk tali standard ma jkunx*** | | ***IVA*** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | *disponibbli, il-metodoloġija magħżula għandha tkun disponibbli fil-letteratura xjentifika jew disponibbli għall-pubbliku.* | | |
| *Fosforu li jista' jiġi estratt* | *ISO 11263:1994 għad-determinazzjoni spettrometrika tal-fosforu li jinħall f'soluzzjoni ta' karbonat tal-idroġenu tas-sodju (P-Olsen)* | | *IVA* |
| *- Konċentrazzjoni ta' metalli tqal fil-ħamrija: As, Sb, Cd, Co, Cr (total), Cr (VI), Cu, Hg, Pb, Ni, Tl, V, Zn*<br>*- Konċentrazzjoni ta' għażla ta' kontaminanti organiċi definiti mill-Istati Membri u filwaqt li titqies il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE (eż. dwar il-kwalità tal-ilma jew il-pestiċidi)* | *Kontenut ambjentali potenzjali disponibbli ta' metalli tqal fil-ħamrija bbażat fuq l-ISO 17586:2016 bl-użu ta' aċidu nitriku dilwit.* | *Għandhom jintużaw standards Ewropej jew Internazzjonali meta jkunu disponibbli; jekk tali standard ma jkunx disponibbli, il-metodoloġija magħżula għandha tkun disponibbli fil-letteratura xjentifika jew disponibbli għall-pubbliku* | *IVA*<br>*Mhux applikabbli* |
| *Kapaċità taż-żamma tal-ilma fil-ħamrija* | *Metodoloġija biex jiġi ddeterminat il-valur għal punt wieħed tal-kampjun: Għażla 1: LABORATORJU: ISO 11274:2019 għad-determinazzjoni tal-karatteristika taż-żamma tal-ilma. Għażla 2: STIMA:* | *Kriterji minimi għall-istima tal-kapaċità totali taż-żamma tal-ilma fil-ħamrija ta' distrett tal-ħamrija fuq skala ta' baċir idrografiku jew sottobaċir:*<br>*- għaż-żona tal-art mhux meħuda stima tal-valur totali tal-kapaċità taż-żamma tal-ilma fil-ħamrija* | *IVA (għall-valur tal-punt)* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | ***għandha tiġi applikata l-metodoloġija deskritta fl-artiklu xjentifiku “New generation of hydraulic pedotransfer functions for Europe”[10] abbażi tal-konsistenza (jew tad-distribuzzjoni tad-daqs tal-partikoli) u tal-karbonju organiku tal-ħamrija.*** | ***- għaż-żona tal-art meħuda, għandu jiġi kkunsidrat li l-kapaċità taż-żamma tal-ilma ta’ żoni impermeabbli tiġi stabbilita għal żero, billi jingħataw valuri proporzjonalment intermedji lil żoni semiimpermeabbli u żoni artifiċjali oħra.*** | |
| ***Nitroġenu fil-ħamrija*** | ***ISO 11261:1995 għad-determinazzjoni tan-nitroġenu totali fil-ħamrija bl-użu ta’ metodu modifikat ta’ Kjeldahl*** | | ***IVA*** |
| ***Aċidità tal-ħamrija*** | ***ISO 10390:2005 għad-determinazzjoni tal-pH fl-estratt tal-H2O u tas-CaCl2 (pH-H2O u pH-CaCl2)*** | | ***IVA*** |
| ***Densità tal-massa fil-“ħamrija tal-wiċċ” (orizzont A[113])*** | ***ISO 11272:2017 għad-determinazzjoni tad-densità tal-massa xotta*** | | ***IVA*** |
| ***Respirazzjoni tal-bażi fil-ħamrija L-Istati Membri jistgħu jagħżlu wkoll deskritturi fakultattivi tal-bijodiversità tal-ħamrija bħal: - Metabarcoding[12] ta’ batterji, fungi, protisti u*** | ***Għandhom jiġu segwiti l-indikazzjonijiet deskritti fl-artiklu xjentifiku “Microbial biomass and activities in soil as affected by frozen and cold storage”[13]*** | ***Meta jkunu disponibbli għandhom jintużaw standards Ewropej jew internazzjonali; jekk tali standard ma jkunx disponibbli, il-metodoloġija magħżula għandha tkun disponibbli fil-letteratura xjentifika jew disponibbli għall-pubbliku.*** | ***IVA*** <br><br> ***Għal deskritturi oħrajn tal-bijodiversità tal-ħamrija: Mhux applikabbli*** |

[3] Kif definit fil-Linji Gwida tal-FAO għad-Deskrizzjoni tal-Ħamrija, il-Kapitolu 5 (https://www.fao.org/3/a0541e/a0541e.pdf )

| | | | |
|---|---|---|---|
| *annimali;*<br>*- Abbundanza u diversità ta' nematodi;*<br>*- Bijomassa mikrobika;*<br>*- Abbundanza u diversità ta' ħniex (f'art tal-għelejjel)* | | | |

______________

[6] *Il-metodoloġiji differenti mill-metodoloġija ta' referenza għandhom ikunu disponibbli jew fil-letteratura xjentifika jew disponibbli għall-pubbliku.*

[7] *https://www.fao.org/3/cb3355en/cb3355en.pdf*

[8] *Kif definit fil-Linji Gwida tal-FAO għad-Deskrizzjoni tal-Ħamrija, il-Kapitolu 5 (https://www.fao.org/3/a0541e/a0541e.pdf )*

[9] *Ekwivalenti skont ir-rapport tal-EEA: Soil monitoring in Europe – Indicators and thresholds for soil health assessments – l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (europa.eu)*

[10]

[11] *Kif definit fil-Linji Gwida tal-FAO għad-Deskrizzjoni tal-Ħamrija, il-Kapitolu 5 (https://www.fao.org/3/a0541e/a0541e.pdf )*

[12] *Sekwenzjar tal-barcodes tad-DNA għall-kejl tad-diversità tassonomika u funzjonali tal-arkea, tal-batterji, tal-fungi u ta' ewkarjoti oħra kif sar għal LUCAS Bijodiversità tal-Ħamrija abbażi ta' https://doi.org/10.1111/ejss.13299*

[13] *https://www.sciencedirect.com/science/article/abs/pii/S0038071797001259*

Emenda

| *Deskrittur tal-ħamrija* | *Metodoloġija ta' referenza* | *Kriterji metodoloġiċi minimi* | *Funzjoni ta' trasferiment ivvalidata meħtieġa (jekk tintuża metodoloġija differenti mill-metodoloġija ta' referenza)* |
|---|---|---|---|
| *Konsistenza tal-ħamrija (kontenut ta' tafal, ta' xaħx u ta' ramel – meħtieġa għad-determinazzjoni ta' deskritturi oħrajn u ta' meded relatati)* | *Metodu ppreferut: ISO 11277:1998 Determinazzjoni tad-distribuzzjoni tad-daqs tal-partikoli fil-materjal minerali tal-ħamrija – Metodu permezz ta' tgħarbil u sedimentazzjoni*<br>*Metodu alternattiv: ISO13320:2009 Analiżi tad-daqs tal-partikoli –* | | *IVA* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | *Metodi ta' diffrazzjoni bil-laser* | | |
| *Konduttività Elettrika* | *Għażla 1: metodu ta' kejl tal-estratt saturat tal-pejst tal-ħamrija (eEC) (SOP tal-FAO: GLOSOLAN-SOP-08[6])*<br><br>*Għażla 2: ISO 11265:1994 Determinazzjoni tal-Konduttività Elettrika Speċifika;* | | *IVA* |
| *Rata ta' erożjoni tal-ħamrija* | | *L-istima tar-rata ta' erożjoni tal-ħamrija għandha tqis l-azzjonijiet kollha meħuda biex jiġi mmitigat jew ikkumpensat ir-riskju ta' erożjoni, inklużi miżuri ta' mitigazzjoni ta' wara n-nar.*<br><br>*L-istima tar-rata ta' erożjoni tal-ħamrija għandha tinkludi l-proċessi rilevanti kollha ta' erożjoni bħall-erożjoni mill-ilma, mir-riħ, mill-ħsad u mill-ħdim tar-raba'.*<br><br>*L-erożjoni tal-ħamrija mill-ilma għandha tiġi vvalutata billi jitqiesu l-fatturi li ġejjin:*<br><br>- *il-karatteristiċi tal-ħamrija (eż. l-erodibbiltà, l-iffurmar ta' qoxra tal-ħamrija, il-ħruxija tal-ħamrija),*<br>- *il-klima (eż. l-erożività tax-xita – l-intensità u d-durata, filwaqt li jitqiesu l-projezzjonijiet rilevanti dwar it-tibdil fil-klima għal żona partikolari),*<br>- *it-topografija (eż. kemm hi wiefqa u twila l-inklinazzjoni),*<br>- *il-kopertura tal-veġetazzjoni, it-tip ta' għelejjel u foresti, l-użu tal-art u l-prattiki ta' ġestjoni biex tiġi kkontrollata jew titnaqqas l-erożjoni,* | *Mhux applikabbli* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | - *il-prattiki ta' ġestjoni (eż. għelejjel ta' kopertura, ħdim tar-raba' mnaqqas, mulching, eċċ.),*<br>- *iż-żoni maħruqa.*<br>*L-erożjoni tal-ħamrija permezz tar-riħ għandha tiġi vvalutata billi jitqiesu l-fatturi li ġejjin:*<br>- *il-karatteristiċi tal-ħamrija (eż. l-erodibbiltà),*<br>- *il-klima (eż. l-indewwa tal-ħamrija, il-veloċità tar-riħ, l-evaporazzjoni),*<br>- *il-veġetazzjoni (eż. it-tip ta' għalla),*<br>- *il-prattiki ta' ġestjoni għall-kontroll jew għat-tnaqqis tal-erożjoni (eż. l-ilqugħ kontra r-riħ).*<br>- *iż-żoni maħruqa* | |
| ***Karbonju Organiku fil-Ħamrija (SOC)*** | ***ISO 10694:1995 Determinazzjoni tal-karbonju organiku u totali wara l-kombustjoni xotta*** | | ***IVA*** |
| ***Densità tal-massa fis-sottoswol jew parametru ekwivalenti[7] magħżul mill-Istati Membri*** | ***ISO 11272:2017 għad-determinazzjoni tad-densità tal-massa xotta***<br><br>***F'każ li jintgħażel parametru ekwivalenti, il-metodoloġija għandha tkun standard Ewropew jew Internazzjonali meta jkun disponibbli; jekk tali standard ma jkunx disponibbli, il-metodoloġija magħżula għandha tkun disponibbli fil-letteratura xjentifika jew disponibbli għall-pubbliku.*** | | ***IVA*** |
| ***Fosforu li jista' jiġi estratt*** | ***ISO 11263:1994 għad-determinazzjoni spettrometrika tal-fosforu li jinħall f'soluzzjoni ta' karbonat tal-idroġenu tas-*** | | ***IVA*** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | *sodju (P-Olsen)* | | |
| *- Konċentrazzjoni ta' metalli tqal fil-ħamrija: As, Sb, Cd, Co, Cr (total), Cr (VI), Cu, Hg, Pb, Ni, Tl, V, Zn*<br>*- Konċentrazzjoni ta' għażla ta' kontaminanti organiċi definiti mill-Istati Membri u filwaqt li titqies il-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE (eż. dwar il-kwalità tal-ilma jew il-pestiċidi)*<br>*- Residwi ta' pestiċidi u bijoċidi, prodotti veterinarji*<br>*- PFAS* | *Kontenut ambjentali potenzjali disponibbli ta' metalli tqal fil-ħamrija bbażat fuq l-ISO 17586:2016 bl-użu ta' aċidu nitriku dilwit.* | *Għandhom jintużaw standards Ewropej jew Internazzjonali meta jkunu disponibbli; jekk tali standard ma jkunx disponibbli, il-metodoloġija magħżula għandha tkun disponibbli fil-letteratura xjentifika jew disponibbli għall-pubbliku* | *IVA*<br>*Mhux applikabbli* |
| *Kapaċità taż-żamma tal-ilma fil-ħamrija* | *Metodoloġija biex jiġi ddeterminat il-valur għal punt wieħed tal-kampjun:*<br>*Għażla 1: LABORATORJU: ISO 11274:2019 għad-determinazzjoni tal-karatteristika taż-żamma tal-ilma.*<br>*Għażla 2: STIMA: għandha tiġi applikata l-metodoloġija deskritta fl-artiklu xjentifiku "New generation of hydraulic pedotransfer functions for Europe" abbażi tal-konsistenza (jew tad-distribuzzjoni tad-daqs tal-partikoli) u tal-karbonju organiku tal-ħamrija.* | *Kriterji minimi għall-istima tal-kapaċità totali taż-żamma tal-ilma fil-ħamrija ta' distrett tal-ħamrija fuq skala ta' baċir idrografiku jew sottobaċir:*<br>- *għaż-żona tal-art mhux meħuda stima tal-valur totali tal-kapaċità taż-żamma tal-ilma fil-ħamrija*<br>- *għaż-żona tal-art meħuda, għandu jiġi kkunsidrat li l-kapaċità taż-żamma tal-ilma ta' żoni impermeabbli tiġi stabbilita għal żero, billi jingħataw valuri proporzjonalment intermedji lil żoni semiimpermeabbli u żoni artifiċjali oħra.* | *IVA* |
| *Nitroġenu fil-ħamrija* | *ISO 11261:1995 għad-determinazzjoni tan-nitroġenu totali fil-ħamrija bl-użu ta' metodu modifikat ta' Kjeldahl* | | *IVA* |
| *Aċidità tal-ħamrija* | *ISO 10390:2005 għad-* | | *IVA* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | ***determinazzjoni tal-pH fl-estratt tal-H2O u tas-CaCl2 (pH-H2O u pH-CaCl2)*** | | |
| ***Densità tal-massa fil-"ħamrija tal-wiċċ"*** | ***ISO 11272:2017 għad-determinazzjoni tad-densità tal-massa xotta*** | | ***IVA*** |
| ***Iċ-ċiklaġġ tan-nutrijenti*** | ***Għall-mineralizzazzjoni tan-nitroġenu, kampjuni tal-ħamrija mnixxfa bl-arja jerġgħu jixxarrbu biex jilħqu 80 % tal-kapaċità tagħhom li jżommu l-ilma u jiġu inkubati fil-laboratorju għal 14-il jum fi 30º C. Ir-rata ta' mineralizzazzjoni netta potenzjali tal-N hija stmata bħala d-differenza bejn l-N inorganiku inizjali u finali. Id-disponibbiltà tan-nutrijenti tal-ħamrija hija kkalkulata bl-użu ta' simulaturi tal-għeruq, N u P disponibbli hija determinata bl-użu ta' determinazzjoni kolorimetrika bbażata fuq ir-reazzjoni mal-molibdat tal-ammonju.*** | | ***IVA*** |
| ***Aggregazzjoni tal-ħamrija*** | ***Dawn id-deskritturi tal-ħamrija huma rrapportati bħala aggregati tal-ħamrija stabbli fl-ilma evalwati billi tiġi ddeterminata r-reżistenza tal-aggregati tal-ħamrija kontra l-ilma bħala forza ta' diżintegrazzjoni, billi jiġi applikat approċċ modifikat minn Kemper u Rosenau (1986). L-indiċi li jirriżulta jirrappreżenta l-perċentwal ta' aggregati stabbli fl-ilma*** <br> ***b'dijametru iżgħar minn 4 mm. Barra minn hekk, radam (jiġifieri, materja ħoxna) se jiġi sseparat*** | | ***IVA*** |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | *mill-frazzjoni stabbli fl-ilma biex tiġi ddeterminata b'mod korrett il-frazzjoni tal-aggregati stabbli fl-ilma (WSA) tal-kampjun: %WSA=(frazzjoni stabbli fl-ilma-materja ħoxna)/(4 g-materja ħoxna).* | | |
| *Attività enzimatika* | *Segwi l-indikazzjonijiet deskritti f'Zeiss et al., 2022* | | *IVA* |
| *Respirazzjoni tal-ħamrija* | *Għandhom jiġu segwiti l-indikazzjonijiet deskritti fl-artiklu xjentifiku "Microbial biomass and activities in soil as affected by frozen and cold storage"* [8] | | *IVA* |
| *Dekompożizzjoni tal-mifrex* | | *Meta jkunu disponibbli għandhom jintużaw standards Ewropej jew internazzjonali; jekk tali standard ma jkunx disponibbli, il-metodoloġija magħżula għandha tkun disponibbli fil-letteratura xjentifika jew disponibbli għall-pubbliku.* | *Mhux applikabbli* |
| *Bijomassa tal-ħamrija* | *Segwi l-indikazzjonijiet deskritti f'Guerra et al., 2021, f'Briones et al. 2020, u f'Potapov et al. 2022* | | *IVA* |
| *Karatteristiċi tal-komunità tal-għeruq* | *Segwi l-indikazzjonijiet deskritti f'Guerra et al., 2021* | | *IVA* |
| *Diversità tassonomika* | *Segwi l-indikazzjonijiet deskritti f'Guerra et al., 2021* | | *IVA* |
| *Abbundanza tal-popolazzjoni* | *Segwi l-indikazzjonijiet deskritti f'Guerra et al., 2021* | | *IVA* |
| *Diversità ġenetika intraspeċifika* | *Segwi l-indikazzjonijiet deskritti f'Guerra et al., 2021* | | *IVA* |
| *Struttura tal-ħamrija* | *Analiżi granulometrika ssir fuq ħamrija mgħarbula (Ø < 2 mm), wara l-qerda tal-materja organika bl-H2O2. It-* | | *IVA* |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | ***tixrid jitwettaq b'soluzzjoni ta' eżametafosfat/karbonat tas-sodju u mħawwad għal 16-il siegħa. Il-frazzjonijiet granulometriċi kkunsidrati huma dawk rakkomandati mill-Unjoni Internazzjonali tax-Xjenza tal-Ħamrija (Skala Atterberg), li huma ramel oħxon (2 > Ø > 0.2 mm), ramel fin (0.2 > Ø > 0.02 mm), ħama (0.02 > Ø > 0.002). mm) u tafal (Ø < 0.002 mm). Il-frazzjoni tar-ramel oħxon hija determinata permezz ta' għarbil, il-frazzjonijiet tal-ħama u tat-tafal huma determinati permezz ta' sedimentazzjoni u pipettar bl-użu ta' pipetta Robinson u r-ramel fin permezz ta' sedimentazzjoni u dekantazzjoni. Il-ħinijiet tas-sedimentazzjoni huma kkalkulati bl-użu tal-Liġi Stokes.*** | | |

__________________

[6] ***https://www.fao.org/3/cb3355en/cb3355en.pdf***

[7] ***Ekwivalenti skont ir-rapport tal-EEA: Soil monitoring in Europe – Indicators and thresholds for soil health assessments – l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (europa.eu)***

[8] ***https://www.sciencedirect.com/science/article/abs/pii/S0038071797001259***

**Emenda 203**
**Proposta għal direttiva**
**Anness III – titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| PRINĊIPJI TA' ĠESTJONI SOSTENIBBLI TAL-ĦAMRIJA | ***LISTA INDIKATTIVA TA'*** PRINĊIPJI TA' ĠESTJONI SOSTENIBBLI TAL-ĦAMRIJA |

**Emenda 204**

**Proposta għal direttiva**
**Anness III – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Għandhom japplikaw*** il-prinċipji li ġejjin: | Il-prinċipji li ġejjin ***għandhom jitqiesu skont l-Artikolu 10(1), il-punt (a)***: |

**Emenda 205**
**Proposta għal direttiva**
**Anness III – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) għandu jiġi mminimizzat id-disturb fiżiku tal-ħamrija; | (b) għandu jiġi mminimizzat id-disturb fiżiku tal-ħamrija ***u tiġi evitata d-degradazzjoni tal-ħamrija***; |

**Emenda 206**
**Proposta għal direttiva**
**Anness III – paragrafu 1 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) għandhom jiġu evitati l-inputs jew ir-rilaxx ta' sustanzi fil-ħamrija li jistgħu jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem jew lill-ambjent, jew jiddegradaw is-saħħa tal-ħamrija; | (c) għandhom jiġu evitati l-inputs jew ir-rilaxx ta' sustanzi ***mhux ċertifikati u sustanzi*** fil-ħamrija li jistgħu jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem ***jew tal-annimali*** jew lill-ambjent, jew jiddegradaw is-saħħa tal-ħamrija; |

**Emenda 207**
**Proposta għal direttiva**
**Anness III – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) għandu jiġi żgurat li l-użu tal-makkinarju jiġi adattat għas-saħħa tal-ħamrija, u li l-għadd u l-frekwenza ta' operazzjonijiet fuq il-ħamrija jkunu limitati sabiex ma jikkompromettux is-saħħa tal-ħamrija; | (d) għandu jiġi żgurat li l-użu tal-makkinarju jiġi adattat għas-saħħa tal-ħamrija, u li l-għadd u l-frekwenza ta' operazzjonijiet fuq il-ħamrija jkunu limitati sabiex ma jikkompromettux is-saħħa tal-ħamrija***, u ma jwasslux, maż-żmien, għall-kompattazzjoni***; |

**Emenda 208**
**Proposta għal direttiva**
**Anness III – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) meta tiġi applikata l-fertilizzazzjoni, għandu jiġi żgurat l-adattament għall-ħtiġijiet ***tal-pjanta*** u tas-siġar fil-post partikolari u fil-perjodu partikolari, u għall-kundizzjoni tal-ħamrija u tingħata prijorità lil soluzzjonijiet ċirkolari li jarrikkixxu l-kontenut organiku; | (e) meta tiġi applikata l-fertilizzazzjoni, għandu jiġi żgurat l-adattament għall-ħtiġijiet ***tal-pjanti*** u tas-siġar fil-post partikolari u fil-perjodu partikolari, u għall-kundizzjoni tal-ħamrija u tingħata prijorità lil soluzzjonijiet ċirkolari li jarrikkixxu l-kontenut organiku***, bil-għan li titjieb l-effiċjenza tal-użu tan-nutrijenti u jintlaħaq telf żero tan-nutrijenti***; |

**Emenda 209**
**Proposta għal direttiva**
**Anness III – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) fil-każ tat-tisqija, għandha tiġi mmassimizzata l-effiċjenza tas-sistemi tat-tisqija u tal-ġestjoni tat-tisqija u jiġi żgurat li meta jintuża ilma mormi riċiklat, il-kwalità tal-ilma tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] u meta jintuża l-ilma minn sorsi oħrajn, ma jiddegradax is-saħħa tal-ħamrija; | (f) ***għandha tingħata prijorità liż-żamma tal-ilma u,*** fil-każ tat-tisqija, għandha tiġi mmassimizzata l-effiċjenza tas-sistemi tat-tisqija u tal-ġestjoni tat-tisqija u jiġi żgurat li meta jintuża ilma mormi riċiklat, il-kwalità tal-ilma tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[14] u meta jintuża l-ilma minn sorsi oħrajn, ma jiddegradax is-saħħa tal-ħamrija; |
| [14] Ir-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma (ĠU L 177, 5.6.2020, p. 32). | [14] Ir-Regolament (UE) 2020/741 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 dwar ir-rekwiżiti minimi għall-użu mill-ġdid tal-ilma (ĠU L 177, 5.6.2020, p. 32). |

**Emenda 210**
**Proposta għal direttiva**
**Anness III – paragrafu 1 – punt g**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (g) għandha tiġi żgurata ***l-protezzjoni*** tal-ħamrija permezz tal-ħolqien u taż-żamma ta' karatteristiċi adegwati tal-pajsaġġ fil-livell tal-pajsaġġ; | (g) għandha tiġi żgurata ***l-produttività*** tal-ħamrija permezz tal-ħolqien u taż-żamma ta' karatteristiċi adegwati tal-pajsaġġ fil-livell tal-pajsaġġ; ***pereżempju permezz ta' biċċiet art ta' lqugħ, ġmiem madwar l-għelieqi bi fjuri indiġeni, ringieli ta' sġajriet, siġar, gruppi ta' siġar, ħitan tas-sejjieħ, għadajjar, kurituri tal-ħabitats u ġebel bħala mogħdijiet***[15] |
| [15] Dan il-prinċipju ma japplikax għall-ħamrija tal-foresti | [15] Dan il-prinċipju ma japplikax għall-ħamrija tal-foresti |

**Emenda 211**
**Proposta għal direttiva**
**Anness III – paragrafu 1 – punt i**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (i) għandhom jiġu żgurati livelli ottimizzati tal-ilma fil-ħamrija organika sabiex l-istruttura u l-kompożizzjoni ta' tali ħamrija ma jiġux affettwati b'mod negattiv;[16] | (i) għandhom jiġu żgurati livelli ottimizzati tal-ilma fil-ħamrija organika sabiex l-istruttura u l-kompożizzjoni ta' tali ħamrija ***jew il-produttività tagħha*** ma jiġux affettwati b'mod negattiv; [16] |
| [16] Dan il-prinċipju ma japplikax għall-ħamrija urbana | [16] Dan il-prinċipju ma japplikax għall-ħamrija urbana |

**Emenda 212**
**Proposta għal direttiva**
**Anness III – paragrafu 1 – punt ia (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(ia) għandhom jiġu żviluppati prattiki sostenibbli ta' kultivazzjoni tal-għadajjar;*** |

**Emenda 213**
**Proposta għal direttiva**
**Anness III – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(la) f'każ ta' tibdil fl-użu tal-art, għandu jiġu evitat it-telf fil-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi servizzi tal-ekosistemi*** |

**Emenda 214**
**Proposta għal direttiva**
**Anness IV – parti introduttorja**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***Għandha titqies il-lista indikattiva li ġejja ta' programmi, pjanijiet, miri u miżuri:*** |

**Emenda 215**
**Proposta għal direttiva**
**Anness IV – punt 8a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(8a) L-istrateġiji nazzjonali tal-bijodiversità u l-pjanijiet ta' azzjoni stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Diversità Bijoloġika.*** |

**Emenda 216**
**Proposta għal direttiva**
**Anness IV – punt 14**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (14) Il-pjanijiet ta' azzjonijiet nazzjonali adottati f'konformità mal-Artikolu ***8 tar-Regolament …/…***[18] +. | (14) Il-pjanijiet ta' azzjonijiet nazzjonali adottati f'konformità mal-Artikolu ***4 tad-Direttiva 2009/128/KE***. |

[18] ***+ OP : jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni***

***tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 li jinsab fid-dokument COM(2022) 305***

## NOTA SPJEGATTIVA

**I. Kuntest**

Il-ħamrija hija riżorsa prezzjuża, iżda fraġli ħafna, mhux rinnovabbli u finita li qiegħda taħt pressjoni dejjem tikber. Fl-UE biss, is-saħħa tagħha hija mhedda fost l-oħrajn minn siġillar, kompatt, ġestjoni mhux sostenibbli tal-ħamrija, erożjoni, għargħar u valangi, nixfiet, instabbiltà idroġeoloġika, telf ta' materja organika tal-ħamrija, nirien, maltempati, salinizzazzjoni, kontaminazzjoni, telf ta' bijodiversità tal-ħamrija, aċidifikazzjoni u deżertifikazzjoni. Il-biċċa l-kbira tal-proċessi ta' degradazzjoni li għaddejjin bħalissa mhumiex indirizzati b'mod adegwat jew ma huma indirizzati xejn fil-leġiżlazzjoni Ewropea u nazzjonali eżistenti.

Ħamrija b'saħħitha hija prerekwiżit biex tiġi żgurata ekonomija, soċjetà u ambjent sostenibbli u reżiljenti peress li jżidu r-reżiljenza tagħna għat-tibdil fil-klima, għal eventi estremi tat-temp, nixfa u għargħar, jaħżnu u jiffiltraw l-ilma, jipprovdu servizzi bħall-provvista ta' ikel u bijomassa għall-bijoekonomija u tappoġġa l-benesseri tagħna.

Minħabba dak imsemmi hawn fuq u l-fatt li jista' jieħu sa 1 000 sena biex jiġi prodott ċentimetru biss ta' ħamrija ta' fuq, li tista' tintilef b'xita qawwija waħda biss jekk ma tkunx protetta, hemm bżonn urġenti li jiġi żgurat monitoraġġ adegwat tas-saħħa tal-ħamrija u miżuri konkreti li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri biex jiżguraw ħamrija b'saħħitha sal-2050.

B'din il-proposta, il-Kummissjoni rrispettat fil-biċċa l-kbira s-sejħa tal-Parlament Ewropew[4] biex tfassal qafas legali komuni għall-Unjoni kollha, b'rispett sħiħ għall-prinċipju tas-sussidjarjetà, għall-protezzjoni u l-użu sostenibbli tal-ħamrija, li jindirizza t-theddidiet ewlenin kollha tal-ħamrija.

**II. Il-pożizzjoni tar-rapporteur**

**Kapitolu I: Dispożizzjonijiet ġenerali**

Ir-rapporteur iqis li minħabba l-urġenza relatata mal-istat tal-ħamrija fl-UE, il-mira ġenerali biex tinkiseb **ħamrija f'saħħitha fl-UE sal-2050 għandha tkun vinkolanti**, bil-flessibbiltà li tingħata lill-Istati Membri fil-miżuri meħuda biex jiġi żgurat titjib u xejriet dejjem jiżdiedu fis-saħħa tal-ħamrija. **Jistgħu jiġu stabbiliti miri intermedji fl-2040**, skont il-progress magħmul mill-Istati Membri, wara l-ewwel valutazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea.

**Ir-rapporteur jilqa' l-approċċ minn isfel għal fuq** meħud mill-Kummissjoni meta pproponiet id-Distretti tal-Ħamrija, li tagħti biżżejjed flessibbiltà lill-Istati Membri, filwaqt li tiġi żgurata l-omoġenità bbażata fuq il-kundizzjonijiet ambjentali. Madankollu, huwa jissuġġerixxi kondiviżjoni aktar mill-qrib tal-għarfien u approċċ koordinat fil-pajjiżi ġirien bl-istess ħamrija, peress li xi drabi jistgħu jinstabu aktar xebh bejn żewġ pajjiżi milli bejn distretti fi Stat Membru wieħed. Il-Kummissjoni għandha tassisti għal dan il-għan inter alia billi twaqqaf grupp ta' ħidma, li r-rwol tiegħu jkun ukoll li jsaħħaħ is-sinerġiji u li jiffaċilita l-armonizzazzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ madwar l-Unjoni. Barra minn hekk, ir-rapporteur jipproponi dan li ġej

[4] Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2021 dwar il-protezzjoni tal-ħamrija (2021/2548(RSP)) https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2021-0143_MT.pdf

biex jassisti lill-Istati Membri u jtejjeb l-iskambju ta' prattiki, għarfien u użu aħjar tar-riżorsi:

- Artikolu 6a (ġdid) dwar **l-Użu effiċjenti u preservazzjoni ta' kampjuni tal-ħamrija** li għandhom jiżguraw li kampjuni meħuda fil-post jintużaw biex jiġġeneraw kemm jista' jkun informazzjoni fiż-żmien tal-estrazzjoni jew fil-futur, inkluż għal aktar riċerka u innovazzjonijiet.
- **Żvilupp ta' Sett ta' Għodod għall-Ġestjoni Sostenibbli tal-Ħamrija** (Artikolu 10a ġdid) li jservi bħala għodda ħajja fejn tista' tinstab informazzjoni speċifika għall-kuntest u l-aħjar prattiki.
- Li l-Kummissjoni tipprovdi s-servizzi meħtieġa ta' bini tal-kapaċità, assistenza u konsulenza lill-Istati Membri, inkluż fir-rigward tal-inizjattivi ta' monitoraġġ tagħhom.

**Kapitolu II: Monitoraġġ u valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija**

**Valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija abbażi tal-5 klassijiet ekoloġiċi**

Ir-rapporteur qed jipproponi approċċ differenti li għandu jittieħed biex tiġi vvalutata s-saħħa tal-ħamrija billi tgħaddi mill-klassifikazzjoni tal-ħamrija bħala b'saħħitha jew mhux tajba għas-saħħa fl-Artikolu 9, għal approċċ aktar gradwali ispirat mid-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, li huwa familjari għall-Istati Membri. Għalhekk, huwa jinkorpora fl-Artikoli rispettivi 6 sa 9, **monitoraġġ u valutazzjoni tal-istatus ekoloġiku li jiddistingwu 5 klassijiet ta' ħamrija** (minn degradata b'mod kritiku għal stat ekoloġiku għoli). Il-ħamrija titqies f'saħħitha jekk taqa' fl-aħjar żewġ kategoriji - jiġifieri, li għandhom "stat ekoloġiku għoli tal-ħamrija" jew "stat ekoloġiku tajjeb". Għal ħamrija li se taqa' taħt "ħamrija moderata", "ħamrija degradata" jew "ħamrija degradata b'mod kritiku", hija proposta skeda ta' żmien realistika biex timxi għal kategorija aħjar. Id-Distretti tal-Ħamrija mhumiex obbligati, iżda mħeġġa jistabbilixxu Pjanijiet tad-Distretti tal-Ħamrija koerenti li jistabbilixxu miżuri applikabbli fit-territorju tagħhom biex jiżguraw titjib tal-istat ekoloġiku tal-ħamrija, jew biex jiksbu titjib tal-ħamrija bil-ħsieb li tintlaħaq il-mira tal-2050 għal ħamrija b'saħħitha, permezz ta' mezzi oħra. Huwa jemmen li d-Distretti tal-Ħamrija għandhom jimmiraw lejn proċessi interni inklużivi li jagħtu s-setgħa liċ-ċittadini lokali, sidien tal-artijiet, bdiewa, riċerkaturi u partijiet ikkonċernati oħra biex jipparteċipaw b'mod attiv u jikkontribwixxu għall-ksib tal-għan ġenerali.

**Disinn ta' monitoraġġ li fuq hija bbażata l-valutazzjoni tal-ħamrija**

Ir-rapporteur jagħti aktar flessibbiltà lill-Istati Membri fl-għażla tagħhom ta' disinn ta' monitoraġġ, billi jiżgura bilanċ bejn **l-armonizzazzjoni** tas-sistemi ta' monitoraġġ tal-ħamrija għat-tqabbil tar-riżultati u jżommu l-possibbiltà li jużaw u jibnu fuq is-sistemi ta' monitoraġġ eżistenti tagħhom (eż. dawk li jużaw stratifikatur sistematiku bħala alternattiva għal kampjunar aleatorju stratifikat). L-Istati Membri huma mitluba jsegwu mill-inqas approċċ tal-Livell I li jibni fuq il-proposta tal-Kummissjoni. Madankollu, jistgħu jibbenefikaw mill-**awtonomija** meta jagħżlu l-Livell l-aktar xieraq għad-disinn tal-monitoraġġ tal-ħamrija u l-valutazzjoni rispettiva fit-territorju tagħhom, diment li jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I għal-Livelli. Il-Livelli I, II u III jinkludu firxa bilanċjata ta' deskritturi tal-ħamrija (il-limiti tagħhom għandhom ikunu differenzjati għall-5 gruppi kollha tal-istat ekoloġiku tal-ħamrija, filwaqt li jitqiesu l-kundizzjonijiet lokali) introdotti gradwalment wara l-Livelli rispettivi.

Ir-rapporteur iħassar il-valuri proposti mill-Kummissjoni li jwasslu għal klassifikazzjoni tal-

ħamrija jew bħala f'saħħitha jew mhux f'saħħitha. Huwa jipproponi approċċ aktar sfumat b'valuri li għandhom jiġu stabbiliti għal-Livell I u l-Livell II għall-klassifikazzjoni ta' ħames livelli spjegata hawn fuq. L-Istati Membri li jagħżlu l-approċċ tal-Livell II, jistgħu jibbenefikaw minn flessibbiltà akbar fid-disinn tal-kampjunar u għandhom ikunu kapaċi jistabbilixxu l-valuri tal-livelli limitu proprju tagħhom għall-valutazzjoni tal-ħamrija, billi jassumu varjazzjoni massima ta' 20 % mil-limiti stabbiliti mill-UE. Għalhekk, se jitħallew jirfinaw il-klassifikazzjoni u l-immappjar tal-istat ekoloġiku tal-ħamrija fi ħdan il-fruntiera tagħhom. Madankollu, se jkollhom jinkludu deskritturi addizzjonali fil-monitoraġġ tagħhom meta mqabbla mal-Livell I.

**Kapitolu III: Ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija**

Ir-rapporteur jilqa' l-fatt li l-Kummissjoni Ewropea rriflettiet fuq is-sejħiet tal-Parlament u introduċiet, fl-Anness III, il-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija li għandhom jiġu definiti aktar mill-Istati Membri. Barra minn hekk, huwa jirrikonoxxi l-valur miżjud ta' definizzjonijiet futuri ta' prattiki li jaffettwaw l-istat tal-ħamrija b'mod negattiv.

Huwa jemmen li huwa importanti li l-Istati Membri jiffaċilitaw l-adozzjoni ta' prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija fid-distretti kollha tal-ħamrija mingħajr eċċezzjoni, biex ma jħallu l-ebda ħamrija u distrett tal-ħamrija lura. Dan jinkiseb mhux biss permezz tal-aċċess meħtieġ għat-taħriġ, il-bini tal-kapaċità, u x-xjenza taċ-ċittadini, iżda wkoll permezz tal-introduzzjoni tas-Sett ta' Għodod għall-Ġestjoni Sostenibbli tal-Ħamrija, li għandu jsir għodda essenzjali għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki bejn id-distretti tal-ħamrija u l-Istati Membri.

**Kapitolu IV: Siti kkontaminati, sors lokalizzat u tniġġis imxerred**

Skont l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA), madwar 300 000 sit ikkontaminat fl-Ewropa għadhom jeħtieġu t-tindif. Billi l-esponiment għall-kontaminazzjoni mill-ħamrija tista' twassal għal mard serju tas-saħħa u peress li huwa ta' sfida li jiġi żgurat żvilupp mill-ġdid sikur ta' siti kkontaminati, id-dekontaminazzjoni (rimedjazzjoni fil-post jew ex-situ) għandha dejjem tiġi kkunsidrata, meta dan ikun fattibbli. L-ispejjeż tal-implimentazzjoni tal-miżuri għat-tnaqqis tar-riskju għandhom ikunu koperti minn min iniġġes responsabbli għall-kontaminazzjoni, f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas. Fl-aħħar nett, ir-rapporteur jemmen li l-Istati Membri għandhom jinvolvu l-organizzazzjonijiet tas-saħħa tal-bniedem fil-proċess ta' identifikazzjoni ta' siti kkontaminati kif ukoll fil-valutazzjoni ta' x'jikkostitwixxi riskju (mhux) aċċettabbli u miżuri li għandhom jittieħdu biex tiġi żgurata l-protezzjoni.

Barra minn hekk, f'konformità mar-riżoluzzjoni tal-PE dwar il-protezzjoni tal-ħamrija, id-Direttiva għandha tirrifletti l-evidenza xjentifika u tipprovdi qafas biex jiġu ttrattati kontaminanti diffużi tal-ħamrija u kontaminanti ta' tħassib ta' emerġenza, bħal PFAS jew materjali bħall-mikroplastiks. Ir-rapporteur għalhekk jemmen li wara l-ewwel monitoraġġ li sar mill-Istati Membri u abbażi tad-data miġbura fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, tista' tiġi żviluppata lista tal-UE ta' sustanzi prijoritarji, flimkien ma' lista ta' sorveljanza biex tittejjeb l-informazzjoni dwar is-sustanzi meta hija meħtieġa aktar data. Ta' min jinnota li l-Kummissjoni Ewropea impenjat ruħha fl-Istrateġija Ewropea dwar il-Ħamrija għall-2030 li tistabbilixxi lista ta' prijorità tal-UE għal kontaminanti ta' tħassib kbir u/jew emerġenti sal-2024.

Fl-aħħar nett, ir-rapporteur jintroduċi proċedura li tippermetti s-sottomissjoni ta' evidenza bħad-data tal-bijomonitoraġġ tal-bniedem, minn persuna fiżika jew ġuridika, biex tiġi

kkunsidrata għal azzjoni possibbli (eż. adozzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju jew aġġornament ta' lista ta' siti kkontaminati).

**Kapitolu V: Il-finanzjament**

Minħabba l-urġenza tal-azzjoni, ir-rapporteur jistieden lill-Istati Membri jfittxu u jużaw ir-riżorsi disponibbli. Huwa jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja u tgħin biex tiżdied il-kapaċità ta' assorbiment tal-Istati Membri biex jiksbu riżultati fil-post malajr. Huwa jikkunsidra li għandha tiġi stabbilita linja baġitarja ddedikata permanenti għall-finanzjament tal-monitoraġġ taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Filwaqt li jifhem l-importanza tal-mobilizzazzjoni tal-kapital privat u l-koerenza tal-politika, huwa jixtieq jinvolvi lill-Bank Ewropew tal-Investiment biex jiffaċilita l-użu ta' mekkaniżmi innovattivi u l-prinċipju "La Tagħmilx Ħsara Sinifikanti" li għandu jiġi osservat bħala regola ġenerali.

**Kapitolu VII: Aċċess għall-ġustizzja u rieżami**

Parteċipazzjoni effettiva tal-partijiet interessati lokali, disponibbiltà ta' informazzjoni, mingħajr ħlas u f'forma aċċessibbli u t-trasparenza huma aspett importanti ta' din id-Direttiva li jippermettu l-monitoraġġ tal-progress lejn il-ksib ta' ħamrija b'saħħitha sal-2050. Ir-Rapporteur idaħħal fl-Artikolu 22 dispożizzjoni li ma għandhiex tippermettix regoli ta' pożizzjoni proċedurali addizzjonali, li jirrestrinġu l-aċċess għall-ġustizzja eż. f'każijiet meta l-pubbliku ma jipparteċipax f'konsultazzjoni pubblika preċedenti, kontra d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus.

## ANNESS: ENTITAJIET JEW PERSUNI
## LI R-RAPPORTEUR IRĊIEVA KONTRIBUT MINGĦANDHOM

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur jiddikjara li rċieva kontribut mill-entitajiet jew il-persuni li ġejjin fit-tħejjija tar-rapport, sal-adozzjoni tiegħu fil-kumitat:

| Entità u/jew persuna |
|---|
| CONSEIL EUROPEEN DES JEUNES AGRICULTEURS |
| European agri-cooperatives (COGECA) |
| European Compost Network |
| Moët Hennessy |
| Nestlé S.A |
| European Chemical Industry Council |
| European Federation of National Associations of Water Services (EurEau) |
| European Landowners' Organization asbl |
| European State Forest Association |
| Conféderation Européenne des Propriétaires Forestiers |
| Finnish Forest Industries Federation (Metsäteollisuus ry) |
| Growing Media Europe |
| European Coordination Via Campesina |
| European Environmental Bureau |
| ClientEarth AISBL |
| Danone |
| The Coca-Cola Company |
| Pesticide Action Network Europe |
| Stora Enso Oyj |
| CEFS (European Association of Sugar Manufacturers) |
| Eustafor |
| Wageningen University & Research |
| Fertilizers Europe |
| Agroecology Europe |
| European Biogas Association |
| Natural Resources Institute Finland (LUKE) |
| The Council of European Municipalities and Regions (CEMR) |
| Bayer AG |
| Merck |
| American Chamber of Commerce to the European Union |
| International Association of Waterworks in the Rhine Basin & ERM coalition |
| European Geosciences Union |
| Soil BON |
| Umweltbundesamt |
| INRAE - National Research Institute for Agriculture, Food and the Environment |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

# POŻIZZJONI TAL-MINORANZA

skont l-Artikolu 55(4) tar-Regoli ta' Proċedura
Anders Vistisen, Alessandro Panza, Silvia Sardone,Veronica Rossi, Catherine Griset, Mathilde Androuët, Aurélia Beigneux, Marie Dauchy

Opinjoni Minoritarja dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija - Grupp ID

Il-Grupp ID jopponi bil-qawwa d-Direttiva tal-Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija. L-Artikolu 192(2)(b) jenfasizza li l-proċedura leġiżlattiva ordinarja mhijiex applikabbli għal kwistjonijiet relatati mal-ħamrija, punt ta' kontestazzjoni għall-Grupp ID. Barra minn hekk, il-Grupp ID jafferma li l-ġuriżdizzjoni tal-UE fi kwistjonijiet relatati mal-ħamrija, inklużi l-penali deskritti fl-Artikolu 23, tmur lil hinn mill-kompetenza tagħha u għandha taqa' taħt il-ġuriżdizzjoni tal-Istati Membri.

Il-prinċipju tas-sussidjarjetà, skont l-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), jafferma li l-azzjoni tal-UE hija ġġustifikata biss meta tinkiseb aħjar fil-livell tal-UE. Ir-regolamentazzjoni tal-ħamrija, peress li hija marbuta b'mod inerenti ma' fatturi lokali, għandha tibqa' taħt il-kompetenza ambjentali tal-Istati Membri, kif appoġġat mill-Artikoli 4, 6 u 191 tat-TFUE. Barra minn hekk, il-penali tal-Artikolu 23 jaqbżu l-kompetenza tal-liġi kriminali tal-UE deskritta fl-Artikolu 83(1) tat-TFUE, li primarjament jappartjeni għall-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-UE. Il-penali għall-monitoraġġ tal-ħamrija għandhom ikunu soġġetti għal-liġijiet organiċi nazzjonali, peress li l-UE ma għandhiex l-awtorità li tistabbilixxi kodiċijiet kriminali komprensivi. Bħala konklużjoni, l-Istati Membri huma aktar adatti biex jittrattaw il-monitoraġġ u l-penali tal-ħamrija, filwaqt li jallinjaw mal-prinċipji tas-sussidjarjetà u jirrispettaw id-diviżjoni tal-kompetenzi deskritti fit-TUE u t-TFUE.

15.2.2024

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-Monitoraġġ u r-Reżiljenza tal-Ħamrija (il-Liġi dwar il-Monitoraġġ tal-Ħamrija)
(COM(2023)416 – C9-0234/2023 – 2023/0232(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Maria Noichl

## EMENDI

Il-Kumitat għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali jistieden lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni dan li ġej:

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) Il-ħamrija hija riżorsa vitali, limitata***, mhux rinnovabbli*** u mhux sostitwibbli li hija kruċjali għall-ekonomija, għall-ambjent u għas-soċjetà. | (1) Il-ħamrija hija riżorsa vitali, limitata u mhux sostitwibbli li hija kruċjali ***għall-produzzjoni agrikola u tal-forestrija,*** għall-ekonomija, għall-ambjent***, għall-produzzjoni tal-ikel, għas-sigurtà tal-ikel*** u għas-soċjetà. |

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (2) Il-ħamrija f'saħħitha hija f'kundizzjoni kimika, bijoloġika u fiżika tajba sabiex ikunu jistgħu jiġu pprovduti servizzi tal-ekosistema li huma vitali għall-bnedmin u għall-ambjent, bħal ikel sikur, nutrittiv u suffiċjenti, bijomassa, ilma nadif, ċiklaġġ tan-nutrijenti, ħżin tal-karbonju u ħabitat għall-bijodiversità. ***Madankollu, bejn 60 u 70 % tal-ħamrija fl-Unjoni hija ddeterjorata u qed tkompli tiddeterjora.*** | (2) Il-ħamrija f'saħħitha hija f'kundizzjoni kimika, bijoloġika u fiżika tajba sabiex ikunu jistgħu jiġu pprovduti ***b'mod aktar effettiv*** servizzi tal-ekosistema li huma vitali għall-bnedmin u għall-ambjent, bħal ikel sikur, nutrittiv u suffiċjenti, bijomassa, ilma nadif, ċiklaġġ tan-nutrijenti, ħżin tal-karbonju u ħabitat għall-bijodiversità. |

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(2a) Is-servizzi tal-ekosistema pprovduti mill-ħamrija jinkludu servizzi kulturali li jippermettu li jiġi ġġenerat l-għarfien xjentifiku u jiġu promossi l-edukazzjoni u t-tixrid xjentifiċi. Il-valur xjentifiku u edukattiv tal-ħamrija jistħoqqlu l-ħtieġa li jiġu kkonservati l-aħjar eżempji tal-varjetà ta' ħamrija li tinsab fil-pajjiżi tal-UE sabiex tkun tista' tkompli r-riċerka xjentifika ta' dawk il-materjali mill-ġenerazzjonijiet attwali u futuri.*** |

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3a (ġdida)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(3a) Il-formazzjoni tal-ħamrija sseħħ bil-mod ħafna u huma meħtieġa 500 sena jew aktar biex jinħolqu 2,5 cm ta' ħamrija tal-wiċċ ġdida, skont il-Kummissjoni Ewropea, iżda s-saħħa tal-ħamrija tista' tinżamm jew tittejjeb jekk jittieħdu u jiġu*** |

| | |
|---|---|
| | ***implimentati miżuri xierqa, u għalhekk din id-direttiva jenħtieġ li ma timponix miżuri restrittivi u miri li ma jistgħux jintlaħqu;*** |

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 tiddikjara li huwa essenzjali li jiżdiedu l-isforzi biex tiġi protetta ***l-fertilità*** tal-ħamrija, titnaqqas l-erożjoni tal-ħamrija u tiżdied il-materja organika tal-ħamrija billi jiġu adottati prattiki sostenibbli ta' ġestjoni tal-ħamrija. Tiddikjara wkoll li huwa meħtieġ progress sinifikanti fl-identifikazzjoni ta' siti tal-ħamrija kkontaminati, fir-restawr ta' ħamrija degradata, fid-definizzjoni tal-kundizzjonijiet għal status ekoloġiku tajjeb tal-ħamrija, fl-introduzzjoni ta' objettivi ta' restawr, u fit-titjib tal-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija. | (9) L-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 tiddikjara li huwa essenzjali li jiżdiedu l-isforzi biex tiġi protetta ***u tittejjeb il-fertilità*** tal-ħamrija, titnaqqas l-erożjoni tal-ħamrija u tiżdied il-materja organika tal-ħamrija billi jiġu adottati ***jew miżmuma*** prattiki sostenibbli ta' ġestjoni tal-ħamrija. Tiddikjara wkoll li huwa meħtieġ progress sinifikanti fl-identifikazzjoni ta' siti tal-ħamrija kkontaminati, fir-restawr ta' ħamrija degradata, fid-definizzjoni tal-kundizzjonijiet għal status ekoloġiku tajjeb tal-ħamrija, fl-introduzzjoni ta' objettivi ta' restawr, u fit-titjib tal-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija. |

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) L-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030 tistabbilixxi l-viżjoni fit-tul li, sal-2050, l-ekosistemi kollha tal-ħamrija tal-UE jkunu f'kundizzjoni f'saħħitha u, b'hekk, ikunu aktar reżiljenti. Bħala ***soluzzjoni ewlenija***, il-ħamrija f'saħħitha tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-għanijiet tal-UE li tikseb in-newtralità klimatika u ssir reżiljenti għat-tibdil fil-klima, tiżviluppa (bijo)ekonomija nadifa u ċirkolari, treġġa' lura t-telf tal- | (10) L-Istrateġija tal-UE dwar il-Ħamrija għall-2030 tistabbilixxi l-viżjoni fit-tul li, sal-2050, l-ekosistemi kollha tal-ħamrija tal-UE jkunu f'kundizzjoni ***aktar*** f'saħħitha u, b'hekk, ikunu aktar reżiljenti. Bħala ***waħda mis-soluzzjonijiet ewlenin***, il-ħamrija f'saħħitha tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-għanijiet tal-UE li tikseb in-newtralità klimatika u ssir reżiljenti għat-tibdil fil-klima, tiżviluppa (bijo)ekonomija nadifa u ċirkolari, treġġa' |

| | |
|---|---|
| bijodiversità, tissalvagwardja s-saħħa tal-bniedem, twaqqaf id-deżertifikazzjoni u treġġa' lura d-degradazzjoni tal-art. | lura t-telf tal-bijodiversità, tissalvagwardja s-saħħa tal-bniedem ***u s-sigurtà tal-ikel,*** twaqqaf id-deżertifikazzjoni***, taħżen l-ilma ta' taħt l-art*** u treġġa' lura d-degradazzjoni tal-art. ***L-agrikoltura diġà tagħti kontribut fundamentali għall-protezzjoni tas-saħħa tal-ħamrija u l-preservazzjoni tal-pajsaġġ u tal-bijodiversità. Barra minn hekk, ir-rwol multidimensjonali li għandha l-agrikoltura joffri esternalitajiet pożittivi addizzjonali għar-reġjuni, u jgħin biex il-komunitajiet rurali jinżammu ħajjin u jsaħħaħ il-wirt ambjentali u dak relatat mal-ekosistema tagħna.*** |

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Il-finanzjament huwa vitali biex tkun tista' ssir tranżizzjoni għal ħamrija f'saħħitha. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali jippreżenta diversi opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli għall-protezzjoni, għall-ġestjoni sostenibbli u għar-riġenerazzjoni tal-ħamrija. "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa" huwa waħda mill-ħames missjonijiet tal-UE tal-programm Orizzont Ewropa u huwa ddedikat speċifikament għall-promozzjoni tas-saħħa tal-ħamrija. Il-Missjoni dwar il-Ħamrija hija strument ewlieni għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Din għandha l-għan li tmexxi t-tranżizzjoni għal ħamrija f'saħħitha permezz ta' finanzjament ta' programm ambizzjuż ta' riċerka u innovazzjoni, l-istabbiliment ta' network ta' 100 laboratorju ħaj u fanal f'żoni rurali u urbani, l-avvanz tal-iżvilupp ta' qafas armonizzat ta' monitoraġġ tal-ħamrija u ż-żieda fl-għarfien dwar l-importanza tal-ħamrija. Programmi oħrajn tal-Unjoni li jippreżentaw objettivi li jikkontribwixxu għal ħamrija f'saħħitha huma l-Politika Agrikola Komuni, il-fondi | (11) Il-finanzjament ***addizzjonali*** huwa vitali biex tkun tista' ssir tranżizzjoni għal ħamrija f'saħħitha. Il-Qafas Finanzjarju Pluriennali jippreżenta diversi opportunitajiet ta' finanzjament disponibbli għall-protezzjoni, għall-ġestjoni sostenibbli u għar-riġenerazzjoni tal-ħamrija. "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa" huwa waħda mill-ħames missjonijiet tal-UE tal-programm Orizzont Ewropa u huwa ddedikat speċifikament għall-promozzjoni tas-saħħa tal-ħamrija. Il-Missjoni dwar il-Ħamrija hija strument ewlieni għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Din għandha l-għan li tmexxi t-tranżizzjoni għal ħamrija f'saħħitha permezz ta' finanzjament ta' programm ambizzjuż ta' riċerka u innovazzjoni, l-istabbiliment ta' network ta' 100 laboratorju ħaj u fanal f'żoni rurali u urbani, l-avvanz tal-iżvilupp ta' qafas armonizzat ta' monitoraġġ tal-ħamrija u ż-żieda fl-għarfien dwar l-importanza tal-ħamrija. ***Id-disa' reġjuni ultraperiferiċi jenħtieġ li jiġu inklużi f'dan in-network (l-Artikolu 349 tat-TFUE)[40a] peress li fihom hemm*** |

tal-Politika ta' Koeżjoni, il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika, il-programm ta' ħidma ta' Orizzont Ewropa, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u InvestEU.

***konċentrazzjoni ta' 80 % tal-bijodiversità tal-Unjoni.*** Programmi oħrajn tal-Unjoni li jippreżentaw objettivi li jikkontribwixxu għal ħamrija f'saħħitha huma l-Politika Agrikola Komuni, il-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, il-Programm għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika, il-programm ta' ħidma ta' Orizzont Ewropa, l-Istrument ta' Appoġġ Tekniku, il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u InvestEU. ***Il-finanzjament tal-PAK, jekk jista' jikkontribwixxi għall-objettiv ġenerali, jenħtieġ li ma jiġix affettwat minn din id-Direttiva.***

***40a***

***https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/TA-9-2023-0228_PT.html#def_1_33***

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2020[43], il-Kunsill appoġġa lill-Kummissjoni biex iżżid l-isforzi biex tipproteġi aħjar il-ħamrija ***u l-bijodiversità tal-ħamrija, bħala riżorsa mhux rinnovabbli ta' importanza vitali***. | (13) Fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Ottubru 2020[43], il-Kunsill appoġġa lill-Kummissjoni biex iżżid l-isforzi biex tipproteġi aħjar il-ħamrija. |
| [43] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bijodiversità – il-ħtieġa għal azzjoni urġenti, 12210/20. | [43] Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Bijodiversità – il-ħtieġa għal azzjoni urġenti, 12210/20. |

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal- | (14) Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal- |

| | |
|---|---|
| Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44] jistabbilixxi objettiv vinkolanti ta' newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 u ta' emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, u li tingħata prijorità lit-tnaqqis rapidu u prevedibbli tal-emissjonijiet u, fl-istess ħin, jittejbu l-assorbimenti minn bjar naturali. Il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija tirriżulta f'żieda fis-sekwestru tal-karbonju u fil-biċċa l-kbira tal-każijiet f'benefiċċji kollaterali għall-ekosistemi u għall-bijodiversità. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar iċ-Ċikli Sostenibbli tal-Karbonju[45] ssottolinjat il-ħtieġa għal identifikazzjoni ċara u trasparenti tal-attivitajiet li jneħħu b'mod mhux ambigwu l-karbonju mill-atmosfera, bħall-iżvilupp ta' qafas tal-UE għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju minn ekosistemi naturali, inkluża l-ħamrija. Barra minn hekk, ir-Regolament rivedut dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija mhux biss iqiegħed il-karbonju fil-ħamrija ċentrali għall-ilħuq tal-miri fil-perkors lejn Ewropa newtrali għall-klima, iżda wkoll jitlob lill-Istati Membri jħejju sistema għall-monitoraġġ tal-ħażniet tal-karbonju fil-ħamrija, bl-użu, fost l-oħrajn, tas-sett ta' data tal-istħarriġ qafas statistiku tal-użu tal-art taż-żona koperta (LUCAS). | Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44] jistabbilixxi objettiv vinkolanti ta' newtralità klimatika fl-Unjoni sal-2050 u ta' emissjonijiet negattivi minn hemm 'il quddiem, u li tingħata prijorità lit-tnaqqis rapidu u prevedibbli tal-emissjonijiet u, fl-istess ħin, jittejbu l-assorbimenti minn bjar naturali. Il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija tirriżulta f'żieda fis-sekwestru tal-karbonju u fil-biċċa l-kbira tal-każijiet f'benefiċċji kollaterali għall-ekosistemi u għall-bijodiversità. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar iċ-Ċikli Sostenibbli tal-Karbonju[45] ssottolinjat il-ħtieġa għal identifikazzjoni ċara u trasparenti tal-attivitajiet li jneħħu b'mod mhux ambigwu l-karbonju mill-atmosfera, bħall-iżvilupp ta' qafas tal-UE għaċ-ċertifikazzjoni tal-assorbimenti tal-karbonju minn ekosistemi naturali, inkluża l-ħamrija. Barra minn hekk, ir-Regolament rivedut dwar l-Użu tal-Art, it-Tibdil fl-Użu tal-Art u l-Forestrija mhux biss iqiegħed il-karbonju fil-ħamrija ċentrali għall-ilħuq tal-miri fil-perkors lejn Ewropa newtrali għall-klima, iżda wkoll jitlob lill-Istati Membri jħejju sistema għall-monitoraġġ tal-ħażniet tal-karbonju fil-ħamrija, bl-użu, fost l-oħrajn, tas-sett ta' data tal-istħarriġ qafas statistiku tal-użu tal-art taż-żona koperta (LUCAS)***, jew sistemi ta' kejl nazzjonali eżistenti***. |
| [44] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).<br>[45] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli, COM(2021) 800. | [44] Ir-Regolament (UE) 2021/1119 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-qafas biex tinkiseb in-newtralità klimatika u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 401/2009 u (UE) 2018/1999 ("il-Liġi Ewropea dwar il-Klima") (ĠU L 243, 9.7.2021, p. 1).<br>[45] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Ċikli tal-Karbonju Sostenibbli, COM(2021) 800. |

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel[47] enfasizzat li s-sostenibbiltà tal-ikel hija fundamentali għas-sigurtà tal-ikel. Ħamrija f'saħħitha tagħmel is-sistema tal-ikel tal-Unjoni aktar reżiljenti billi tipprovdi l-bażi għal ikel nutrittiv u suffiċjenti. | (17) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel[47] enfasizzat li s-sostenibbiltà tal-ikel hija fundamentali għas-sigurtà tal-ikel ***u s-sovranità tal-ikel***. Ħamrija f'saħħitha ***u produttiva*** tagħmel is-sistema tal-ikel tal-Unjoni aktar reżiljenti billi tipprovdi l-bażi għal ikel ***sikur,*** nutrittiv u suffiċjenti. ***Il-Politika Agrikola Komuni tipprovdi qafas armonizzat biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista tal-ikel.*** |
| [47] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel, COM(2022) 133 final. | [47] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Is-salvagwardja tas-sigurtà tal-ikel u t-tisħiħ tar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel, COM(2022) 133 final. |

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Il-ħamrija tospita aktar minn 25 % tal-bijodiversità kollha u hija t-tieni l-akbar raggruppament ta' karbonju tal-pjaneta. Minħabba l-kapaċità tagħha li taqbad u taħżen il-karbonju, ħamrija f'saħħitha tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni dwar it-tibdil fil-klima. Ħamrija f'saħħitha tipprovdi wkoll ħabitat favorevoli għall-organiżmi biex jgħixu u hija kruċjali għat-titjib tal-bijodiversità u l-istabbiltà tal-ekosistemi. ***Il-bijodiversità taħt l-art u dik 'il fuq mill-art huma marbuta mill-qrib u jinteraġixxu permezz ta' relazzjonijiet reċiproċi (eż. fungi*** | (19) Il-ħamrija tospita aktar minn 25 % tal-bijodiversità kollha u hija t-tieni l-akbar raggruppament ta' karbonju tal-pjaneta. Minħabba l-kapaċità tagħha li taqbad u taħżen il-karbonju, ħamrija f'saħħitha tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni dwar it-tibdil fil-klima. Ħamrija f'saħħitha tipprovdi wkoll ħabitat favorevoli għall-organiżmi biex jgħixu u hija kruċjali għat-titjib tal-bijodiversità u l-istabbiltà tal-ekosistemi. |

***mikorriżjali li jgħaqqdu l-għeruq tal-pjanti).***

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (22) Id-degradazzjoni tal-ħamrija tħalli impatt fuq il-fertilità, ir-rendimenti, ir-reżistenza għall-pesti u l-kwalità tal-ikel nutrittiv. Billi 95 % tal-ikel tagħna huwa prodott direttament jew indirettament fuq il-ħamrija u l-popolazzjoni globali qed tkompli tiżdied, huwa kruċjali li din ir-riżorsa naturali finita tibqa' f'saħħitha biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel fit-tul u jiġu żgurati l-produttività u l-profittabbiltà tal-agrikoltura tal-Unjoni. Il-prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija ***jżommu*** jew itejbu s-saħħa tal-ħamrija u jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza ***tas-sistema tal-ikel***. | (22) Id-degradazzjoni tal-ħamrija tħalli impatt fuq il-fertilità, ir-rendimenti, ir-reżistenza għall-pesti u l-kwalità tal-ikel nutrittiv. Billi 95 % tal-ikel tagħna huwa prodott direttament jew indirettament fuq il-ħamrija u l-popolazzjoni globali qed tkompli tiżdied, huwa kruċjali li din ir-riżorsa naturali finita tibqa' f'saħħitha biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-ikel fit-tul u jiġu żgurati l-produttività u l-profittabbiltà tal-agrikoltura tal-Unjoni. Il-prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija***, kif stabbiliti fil-Politika Agrikoli Komuni, iżommu*** jew itejbu s-saħħa tal-ħamrija u jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza ***tas-sistemi agroalimentari***. |

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (23) L-objettiv fit-tul tad-Direttiva huwa li ***tinkiseb*** ħamrija f'saħħitha sal-2050. Bħala pass intermedju, fid-dawl tal-għarfien limitat dwar il-kundizzjoni tal-ħamrija u dwar l-effettività u l-kostijiet tal-miżuri għar-riġenerazzjoni tas-saħħa tagħha, id-direttiva tieħu approċċ fi stadji. Fl-ewwel stadju, l-enfasi se tkun fuq it-twaqqif tal-qafas ta' monitoraġġ tal-ħamrija u l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-ħamrija fl-UE kollha. Dan jinkludi wkoll rekwiżiti biex jiġu stabbiliti miżuri għall-ġestjoni tal-ħamrija b'mod sostenibbli u | (23) L-objettiv fit-tul tad-Direttiva huwa li ***tfittex li tikseb*** ħamrija f'saħħitha sal-2050. Bħala pass intermedju, fid-dawl tal-għarfien limitat dwar il-kundizzjoni tal-ħamrija u dwar l-effettività u l-kostijiet tal-miżuri għar-riġenerazzjoni tas-saħħa tagħha, id-direttiva tieħu approċċ fi stadji. Fl-ewwel stadju, l-enfasi se tkun fuq it-twaqqif tal-qafas ta' monitoraġġ tal-ħamrija u l-valutazzjoni tas-sitwazzjoni tal-ħamrija fl-UE kollha. Dan jinkludi wkoll rekwiżiti biex jiġu stabbiliti miżuri għall-ġestjoni tal-ħamrija b'mod sostenibbli u |

| | |
|---|---|
| għar-riġenerazzjoni ta’ ħamrija mhux f’saħħitha ladarba tiġi stabbilita l-kundizzjoni tagħha, iżda mingħajr ma jiġi impost obbligu li tinkiseb ħamrija f’saħħitha sal-2050 u lanqas miri intermedji. Dan l-approċċ proporzjonat se jippermetti li l-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija u r-riġenerazzjoni ta’ ħamrija mhux f’saħħitha jkunu mħejjija, inċentivati u mnedija sewwa. Fit-tieni stadju, hekk kif ikunu disponibbli r-riżultati tal-ewwel valutazzjoni tal-ħamrija u tal-analiżi tax-xejriet, il-Kummissjoni se tqis il-progress lejn l-objettiv tal-***2050 u l-esperjenza tiegħu, u se tipproponi rieżami tad-direttiva jekk ikun meħtieġ biex jitħaffef il-progress lejn l-***2050. | għar-riġenerazzjoni ta’ ħamrija mhux f’saħħitha ladarba tiġi stabbilita l-kundizzjoni tagħha, iżda mingħajr ma jiġi impost obbligu li tinkiseb ħamrija f’saħħitha sal-2050 u lanqas miri intermedji. Dan l-approċċ proporzjonat se jippermetti li l-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija u r-riġenerazzjoni ta’ ħamrija mhux f’saħħitha jkunu mħejjija, inċentivati u mnedija sewwa. Fit-tieni stadju, hekk kif ikunu disponibbli r-riżultati tal-ewwel valutazzjoni tal-ħamrija u tal-analiżi tax-xejriet, il-Kummissjoni se tqis il-progress lejn l-objettiv tal-2050. |

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 24**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (24) L-indirizzar tal-pressjonijiet fuq il-ħamrija u l-identifikazzjoni tal-miżuri xierqa biex tinżamm jew tiġi riġenerata s-saħħa tal-ħamrija jirrikjedu li jitqiesu l-varjetà tat-tipi ta’ ħamrija, il-kundizzjonijiet lokali u klimatiċi speċifiċi u l-użu tal-art jew il-kopertura tal-art. Għalhekk, jixraq li l-Istati Membri jistabbilixxu distretti tal-ħamrija. Jenħtieġ li d-distretti tal-ħamrija jikkostitwixxu l-unitajiet bażiċi ta’ governanza biex jiġġestixxu l-ħamrija u jieħdu miżuri biex jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati f’din id-Direttiva, b’mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija. ***Jenħtieġ li l-għadd, il-firxa ġeografika u l-konfini tad-distretti tal-ħamrija għal kull Stat Membru jiġu ddeterminati sabiex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[48]***. Jenħtieġ li*** jkun hemm għadd minimu ta’ distretti tal-ħamrija f’kull Stat | (24) L-indirizzar tal-pressjonijiet ***speċifiċi għar-reġjuni*** fuq il-ħamrija u l-identifikazzjoni tal-miżuri xierqa biex tinżamm jew tiġi riġenerata s-saħħa tal-ħamrija jirrikjedu li jitqiesu l-varjetà tat-tipi ta’ ħamrija, il-kundizzjonijiet lokali u klimatiċi speċifiċi u l-użu tal-art jew il-kopertura tal-art. Għalhekk, jixraq li l-Istati Membri jistabbilixxu distretti tal-ħamrija. Jenħtieġ li d-distretti tal-ħamrija jikkostitwixxu l-unitajiet bażiċi ta’ governanza biex jiġġestixxu l-ħamrija u jieħdu miżuri biex jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati f’din id-Direttiva, b’mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ u l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija. Jenħtieġ li jkun hemm għadd minimu ta’ distretti tal-ħamrija f’kull Stat Membru, filwaqt li jitqies id-daqs tal-Istat Membru. Dan l-għadd minimu ta’ distretti tal-ħamrija għal kull Stat Membru ***jista’*** jikkorrispondi għall-għadd ta’ unitajiet territorjali NUTS 1 stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru |

| | |
|---|---|
| Membru, filwaqt li jitqies id-daqs tal-Istat Membru. Dan l-għadd minimu ta' distretti tal-ħamrija għal kull Stat Membru ***għandu*** jikkorrispondi għall-għadd ta' unitajiet territorjali NUTS 1 stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49]. | 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[49]. |
| ***[48] +OP jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-assorbiment tal-karbonju li jinsab fid-dokument COM(2022) 672 final u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna.*** | |
| [49] Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1). | [49] Ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003 dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS) (ĠU L 154, 21.6.2003, p. 1). |

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 25**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (25) Sabiex tiġi żgurata governanza xierqa dwar il-ħamrija, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jaħtru awtorità kompetenti ***għal kull distrett*** tal-ħamrija. ***Jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew jaħtru kwalunkwe awtorità kompetenti addizzjonali fil-livell xieraq, inkluż fil-livell reġjonali jew nazzjonali.*** | (25) Sabiex tiġi żgurata governanza xierqa dwar il-ħamrija, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jaħtru awtorità kompetenti ***għad-distretti*** tal-ħamrija. |

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Sabiex ikun hemm definizzjoni komuni ta' kundizzjoni ta' ħamrija f'saħħitha, ***hemm bżonn li jiġi*** definit sett komuni minimu ta' kriterji li jistgħu jitkejlu***,*** li***,*** jekk ma jiġux irrispettati***, iwasslu*** għal telf kritiku fil-kapaċità tal-ħamrija li tiffunzjona bħala sistema ta' għajxien vitali u li tipprovdi servizzi tal-ekosistema. ***Jenħtieġ li tali kriterji jirriflettu u jkunu bbażati fuq il-livell eżistenti tax-xjenza tal-ħamrija.*** | (26) Sabiex ikun hemm definizzjoni komuni ta' kundizzjoni ta' ħamrija f'saħħitha, ***huwa*** definit sett komuni minimu ta' kriterji li jistgħu jitkejlu***. It-taħlita ta' kriterji tista' tvarja skont it-tip ta' ħamrija u l-użu tal-art. Tali kriterji jenħtieġ*** li ***jirriflettu u jkunu bbażati fuq il-livell eżistenti tax-xjenza tal-ħamrija u*** jekk ma jiġux irrispettati ***jistgħu jwasslu*** għal telf kritiku fil-kapaċità tal-ħamrija li tiffunzjona bħala sistema ta' għajxien vitali u li tipprovdi servizzi tal-ekosistema. |

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 28**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(28) Sabiex jinħolqu inċentivi, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi biex jirrikonoxxu l-isforzi tas-sidien tal-artijiet u tal-maniġers tal-artijiet biex iżommu l-ħamrija f'kundizzjoni f'saħħitha, inkluż fil-forma ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija komplementari għall-qafas regolatorju tal-Unjoni għall-assorbimenti tal-karbonju, u l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-kriterji ta' sostenibbiltà tal-enerġija rinnovabbli stabbiliti fl-Artikolu 29 tad-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[50]. Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiffaċilita ċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija billi, inter alia, tiskambja informazzjoni u tippromwovi l-aħjar prattiki, tqajjem kuxjenza u tivvaluta l-fattibbiltà tal-iżvilupp tar-rikonoxximent tal-iskemi ta' ċertifikazzjoni fil-livell tal-Unjoni. Jenħtieġ li s-sinerġiji bejn skemi ta' ċertifikazzjoni differenti jiġu sfruttati kemm jista' jkun biex jitnaqqas il-piż amministrattiv għal dawk li japplikaw*** | ***imħassar*** |

***għaċ-ċertifikazzjonijiet rilevanti.***

______________

[50] ***Id-Direttiva (UE) 2018/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli (riformulazzjoni) (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 82).***

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Il-ħamrija hija riżorsa limitata soġġetta għal kompetizzjoni dejjem tikber għal użi differenti. It-teħid tal-art huwa proċess li spiss ikun xprunat mill-ħtiġijiet tal-iżvilupp ekonomiku, li jittrasforma ż-żoni naturali u seminaturali (inklużi l-art agrikola u forestali, il-ġonna u l-parks) fi żvilupp ta' art artifiċjali, bl-użu tal-ħamrija bħala pjattaforma għall-kostruzzjonijiet u l-infrastruttura, bħala sors dirett ta' materja prima jew bħala arkivju għall-patrimonju storiku. Din it-trasformazzjoni tista' tikkawża t-telf, spiss irriversibbli, tal-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi servizzi oħrajn tal-ekosistema (il-provvista ta' ikel u bijomassa, iċ-ċiklaġġ tal-ilma u tan-nutrijenti, il-bażi għall-bijodiversità u l-ħżin tal-karbonju). B'mod partikolari, it-teħid tal-art spiss jaffettwa l-aktar ħamrija agrikola fertili, u jpoġġi s-sigurtà tal-ikel fil-periklu. Il-ħamrija ssiġillata tesponi wkoll l-insedjamenti umani għal livelli ogħla ta' għargħar u għal effetti ta' għejjer tas-sħana aktar intensi. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu mmonitorjati t-teħid tal-art u l-issiġillar tal-ħamrija u l-effetti tagħhom fuq il-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi servizzi tal-ekosistema. Huwa xieraq ukoll li jiġu stabbiliti ċerti prinċipji biex jittaffew l-impatti tat-teħid tal-art bħala parti mill- | (30) Il-ħamrija hija riżorsa limitata soġġetta għal kompetizzjoni dejjem tikber għal użi differenti. It-teħid tal-art huwa proċess li spiss ikun xprunat mill-ħtiġijiet tal-iżvilupp ekonomiku, li jittrasforma ż-żoni naturali u seminaturali (inklużi l-art agrikola u forestali, il-ġonna u l-parks) fi żvilupp ta' art artifiċjali, bl-użu tal-ħamrija bħala pjattaforma għall-kostruzzjonijiet u l-infrastruttura, bħala sors dirett ta' materja prima jew bħala arkivju għall-patrimonju storiku. Din it-trasformazzjoni tista' tikkawża t-telf, spiss irriversibbli, tal-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi servizzi oħrajn tal-ekosistema (il-provvista ta' ikel u bijomassa, iċ-ċiklaġġ tal-ilma u tan-nutrijenti, il-bażi għall-bijodiversità u l-ħżin tal-karbonju). B'mod partikolari, it-teħid tal-art spiss jaffettwa l-aktar ħamrija agrikola fertili, u jpoġġi s-sigurtà tal-ikel fil-periklu. Il-ħamrija ssiġillata tesponi wkoll l-insedjamenti umani għal livelli ogħla ta' għargħar u għal effetti ta' għejjer tas-sħana aktar intensi. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu mmonitorjati t-teħid tal-art u l-issiġillar tal-ħamrija u l-effetti tagħhom fuq il-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi servizzi tal-ekosistema. Huwa xieraq ukoll li jiġu stabbiliti ċerti prinċipji biex jittaffew l-impatti tat-teħid tal-art bħala parti mill-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija. ***Il-*** |

| | |
|---|---|
| ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija. | ***monitoraġġ tat-teħid tal-art u l-istabbiliment ta' dawn il-prinċipji jridu jitwettqu f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati lokali u jqisu kif xieraq il-ħtiġijiet soċjoekonomiċi tat-territorji.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Jenħtieġ li l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija bbażata fuq in-network ta' monitoraġġ tkun akkurata, filwaqt li fl-istess ħin il-kostijiet ta' tali monitoraġġ jinżammu f'livell raġonevoli. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti kriterji għall-punti ta' kampjunar li huma rappreżentattivi tal-kundizzjoni tal-ħamrija taħt tipi differenti ta' ħamrija, kundizzjonijiet klimatiċi u użu tal-art. Jenħtieġ li l-grilja tal-punti ta' kampjunar tiġi ddeterminata bl-użu ta' metodi ġeostatistiċi u tkun densa biżżejjed biex tipprovdi stima taż-żona ta' ħamrija f'saħħitha, fil-livell nazzjonali, fi ħdan inċertezza ta' mhux aktar minn 5 %. Dan il-valur jitqies b'mod komuni li jipprovdi stima statistikament tajba u assigurazzjoni raġonevoli li l-objettiv ikun intlaħaq. | (31) Jenħtieġ li l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija bbażata fuq in-network ta' monitoraġġ tkun akkurata, filwaqt li fl-istess ħin il-kostijiet ta' tali monitoraġġ jinżammu f'livell raġonevoli***, u ma jistgħux jitħallsu mill-maniġers tal-ħamrija***. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti kriterji għall-punti ta' kampjunar li huma rappreżentattivi tal-kundizzjoni tal-ħamrija taħt tipi differenti ta' ħamrija, kundizzjonijiet klimatiċi u użu tal-art. Jenħtieġ li l-grilja tal-punti ta' kampjunar tiġi ddeterminata bl-użu ta' metodi ġeostatistiċi u tkun densa biżżejjed biex tipprovdi stima taż-żona ta' ħamrija f'saħħitha, fil-livell nazzjonali, fi ħdan inċertezza ta' mhux aktar minn 5 %. Dan il-valur jitqies b'mod komuni li jipprovdi stima statistikament tajba u assigurazzjoni raġonevoli li l-objettiv ikun intlaħaq. |

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 32**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (32) Il-Kummissjoni ***għandha*** tassisti u tappoġġa l-monitoraġġ mill-Istati Membri tas-saħħa tal-ħamrija billi tkompli twettaq u ttejjeb il-kampjunar regolari tal-ħamrija in situ u l-kejl tal-ħamrija relatat (LUCAS dwar il-ħamrija) bħala parti mill-Programm | (32) Il-Kummissjoni ***jenħtieġ li*** tassisti u tappoġġa l-monitoraġġ mill-Istati Membri tas-saħħa tal-ħamrija billi tkompli twettaq u ttejjeb il-kampjunar regolari tal-ħamrija in situ u l-kejl tal-ħamrija relatat (LUCAS dwar il-ħamrija) bħala parti mill-Programm |

| | |
|---|---|
| ta' Stħarriġ qafas statistiku tal-Użu tal-Art taż-Żona Koperta. Għal dak il-fini, il-Programm LUCAS għandu jittejjeb u jiġi mmodernizzat sabiex jiġi allinjat bis-sħiħ mar-rekwiżiti speċifiċi ta' kwalità li għandhom jiġu ssodisfati għall-fini ta' din id-Direttiva. Sabiex jittaffa l-piż, jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew iqisu d-data dwar is-saħħa tal-ħamrija mistħarrġa taħt l-istħarriġ LUCAS imtejjeb dwar il-ħamrija. ***B'hekk, jenħtieġ li l-Istati Membri appoġġati jagħmlu l-arranġamenti legali meħtieġa biex jiżguraw li l-Kummissjoni tkun tista' twettaq tali kampjunar tal-ħamrija in situ, inkluż fuq għelieqi li huma proprjetà privata, u f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni applikabbli.*** | ta' Stħarriġ qafas statistiku tal-Użu tal-Art taż-Żona Koperta. Għal dak il-fini, il-Programm LUCAS għandu jittejjeb u jiġi mmodernizzat sabiex jiġi allinjat bis-sħiħ mar-rekwiżiti speċifiċi ta' kwalità li għandhom jiġu ssodisfati għall-fini ta' din id-Direttiva. Sabiex jittaffa l-piż, ***se jitqiesu l-punti ta' kampjunar tal-ħamrija eżistenti u s-sistemi ta' monitoraġġ u ta' kejl nazzjonali u*** jenħtieġ li l-Istati Membri jitħallew iqisu d-data dwar is-saħħa tal-ħamrija mistħarrġa taħt l-istħarriġ LUCAS imtejjeb dwar il-ħamrija.. |

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 34**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(34) Filwaqt li tibni ulterjorment u timmodernizza l-osservatorju tal-ħamrija tal-UE eżistenti, jenħtieġ li l-Kummissjoni tistabbilixxi portal diġitali ta' data dwar is-saħħa tal-ħamrija li jenħtieġ li jkun kompatibbli mal-Istrateġija tal-UE għad-Data[51] u mal-ispazji tad-data tal-UE u li jenħtieġ li jkun ċentru li jipprovdi aċċess għad-data dwar il-ħamrija li ġejja minn diversi sorsi. Jenħtieġ li dak il-portal primarjament jinkludi d-data kollha miġbura mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni kif meħtieġ minn din id-Direttiva. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li tiġi integrata fil-portal, fuq bażi volontarja, data rilevanti oħra dwar il-ħamrija miġbura mill-Istati Membri jew minn kwalunkwe parti oħra (u b'mod partikolari data li tirriżulta minn proġetti taħt Orizzont Ewropa u l-Missjoni "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa"), diment li dik id-data tissodisfa ċerti rekwiżiti fir-*** | ***imħassar*** |

***rigward tal-format u l-ispeċifikazzjonijiet. Jenħtieġ li dawk ir-rekwiżiti jiġu speċifikati mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni.***

---

***[51] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Strateġija Ewropea għad-data, COM(2020)66 final.***

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(36) Sabiex isir l-akbar użu possibbli mid-data dwar is-saħħa tal-ħamrija ġġenerata mill-monitoraġġ imwettaq skont din id-Direttiva, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jiffaċilitaw l-aċċess għal tali data għall-partijiet ikkonċernati rilevanti bħall-bdiewa, il-forestiera, is-sidien tal-artijiet u l-awtoritajiet lokali.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 37**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (37) Sabiex tinżamm jew tittejjeb is-saħħa tal-ħamrija, il-ħamrija jeħtieġ li tiġi ġestita b'mod sostenibbli. Il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija se tippermetti l-forniment fit-tul ta' servizzi tal-ħamrija, inklużi kwalità mtejba tal-arja u tal-ilma u s-sigurtà tal-ikel. Għalhekk, jixraq li ***jiġu stabbiliti*** prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija biex ***jiggwidaw il-prattiki*** ta' ġestjoni tal-ħamrija. | (37) Sabiex tinżamm jew tittejjeb is-saħħa tal-ħamrija, il-ħamrija jeħtieġ li tiġi ġestita b'mod sostenibbli. Il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija se tippermetti l-forniment fit-tul ta' servizzi tal-ħamrija, inklużi kwalità mtejba tal-arja u tal-ilma u s-sigurtà tal-ikel. Għalhekk, jixraq li ***tiġi stabbilita lista indikattiva ta'*** prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija biex ***tiggwida l-prattiki*** ta' ġestjoni tal-ħamrija. |

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 38**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (38) L-istrumenti ekonomiċi, inklużi dawk taħt il-Politika Agrikola Komuni (PAK) li jipprovdu appoġġ lill-bdiewa, għandhom rwol kruċjali fit-tranżizzjoni għall-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija agrikola u, sa ċertu punt, tal-ħamrija tal-foresti. Il-PAK għandha l-għan li tappoġġa s-saħħa tal-ħamrija permezz tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità, tal-iskemi ekoloġiċi u tal-miżuri ta' żvilupp rurali. L-appoġġ finanzjarju għall-bdiewa u l-forestiera li japplikaw prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija jista' jiġi ġġenerat ukoll mis-settur privat. ***It-tikketti volontarji tas-sostenibbiltà fl-industrija tal-ikel, tal-injam, b'bażi bijoloġika u tal-enerġija, pereżempju, stabbiliti minn partijiet ikkonċernati privati, jistgħu jqisu l-prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija stabbiliti f'din id-Direttiva. Dan jista' jippermetti lill-produtturi tal-ikel, tal-injam u ta' bijomassa oħra li jsegwu dawk il-prinċipji fil-produzzjoni tagħhom biex jirriflettu dawn fil-valur tal-prodotti tagħhom.*** Se jiġi pprovdut finanzjament addizzjonali għal network ta' siti tal-ħajja reali għall-ittestjar, għad-dimostrazzjoni u għat-titjib tas-soluzzjonijiet, inkluż dwar is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, permezz tal-laboratorji ħajjin u l-fanali tal-Missjoni dwar il-Ħamrija. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu appoġġ u pariri biex jgħinu lis-sidien tal-artijiet u lill-utenti tal-artijiet affettwati mill-azzjoni meħuda skont din id-Direttiva, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet limitati ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. | (38) L-istrumenti ekonomiċi, inklużi dawk taħt il-Politika Agrikola Komuni (PAK) li jipprovdu appoġġ lill-bdiewa, għandhom rwol kruċjali fit-tranżizzjoni għall-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija agrikola u, sa ċertu punt, tal-ħamrija tal-foresti. Il-PAK għandha l-għan li tappoġġa s-saħħa tal-ħamrija permezz tal-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità, tal-iskemi ekoloġiċi u tal-miżuri ta' żvilupp rurali. L-appoġġ finanzjarju għall-bdiewa u l-forestiera li japplikaw prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija jista' jiġi ġġenerat ukoll mis-settur privat. Se jiġi pprovdut finanzjament addizzjonali għal network ta' siti tal-ħajja reali għall-ittestjar, għad-dimostrazzjoni u għat-titjib tas-soluzzjonijiet, inkluż dwar is-sekwestru tal-karbonju f'art agrikola, permezz tal-laboratorji ħajjin u l-fanali tal-Missjoni dwar il-Ħamrija. Mingħajr preġudizzju għall-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, jenħtieġ li l-Istati Membri jipprovdu appoġġ u pariri***, u jiżguraw li jilħqu t-territorju sħiħ, inklużi r-reġjuni remoti,*** biex jgħinu lis-sidien tal-artijiet u lill-utenti tal-artijiet affettwati mill-azzjoni meħuda skont din id-Direttiva, filwaqt li jitqiesu, b'mod partikolari, il-ħtiġijiet u l-kapaċitajiet limitati ta' intrapriżi żgħar u ta' daqs medju. |

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 39**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(39) Skont ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[52], l-Istati Membri għandhom jiddeskrivu fil-Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK tagħhom kif l-arkitettura ambjentali u klimatika ta' dawk il-Pjanijiet hija maħsuba li tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-miri nazzjonali fit-tul stabbiliti fl-atti leġiżlattivi elenkati fl-Anness XIII ta' dak ir-Regolament, jew li joħorġu minnhom, u għall-konsistenza magħhom.*** | ***imħassar*** |
| ***[52] Ir-Regolament (UE) 2021/2115 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jistabbilixxi regoli dwar l-appoġġ għall-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-politika agrikola komuni (Pjanijiet Strateġiċi tal-PAK) u ffinanzjati mill-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1305/2013 u (UE) Nru 1307/2013 (ĠU L 435, 6.12.2021, p. 1).*** | |

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 40**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (40) Sabiex jiġi żgurat li jiġu implimentati l-aħjar prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija, jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jimmonitorjaw mill-qrib l-impatt tal-prattiki ta' ġestjoni | (40) Sabiex jiġi żgurat li jiġu implimentati l-aħjar prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija, ***u jekk ma jkunux diġà qed jagħmlu dan,*** jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu meħtieġa jimmonitorjaw |

| | |
|---|---|
| tal-ħamrija u jaġġustaw il-prattiki u r-rakkomandazzjonijiet kif meħtieġ, filwaqt li jqisu għarfien ġdid mir-riċerka u l-innovazzjoni. F'dan ir-rigward, huma mistennija kontribuzzjonijiet siewja mill-Missjoni ta' Orizzont Ewropa "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa" u, b'mod partikolari, il-laboratorji ħajjin tagħha u l-attivitajiet li jappoġġaw il-monitoraġġ tal-ħamrija, l-edukazzjoni dwar il-ħamrija u l-involviment taċ-ċittadini. | mill-qrib l-impatt tal-prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija u jaġġustaw il-prattiki u r-rakkomandazzjonijiet kif meħtieġ, filwaqt li jqisu għarfien ġdid mir-riċerka u l-innovazzjoni. F'dan ir-rigward, huma mistennija kontribuzzjonijiet siewja mill-Missjoni ta' Orizzont Ewropa "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa" u, b'mod partikolari, il-laboratorji ħajjin tagħha u l-attivitajiet li jappoġġaw il-monitoraġġ tal-ħamrija, l-edukazzjoni dwar il-ħamrija u l-involviment taċ-ċittadini. |

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 42**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (42) Sabiex jiġu żgurati sinerġiji bejn il-miżuri differenti adottati skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li jista' jkollhom impatt fuq is-saħħa tal-ħamrija, u l-miżuri li għandhom jiġu stabbiliti għall-ġestjoni u r-riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-prattiki ta' ġestjoni u riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija jkunu koerenti mal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr adottati f'konformità mar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[53]+; il-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115, il-kodiċijiet ta' prattiki agrikoli tajbin u l-programmi ta' azzjoni għal żoni vulnerabbli magħżula adottati f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE[54], il-miżuri ta' konservazzjoni u l-qafas ta' azzjoni prijoritizzata stabbilit għas-siti ta' Natura 2000 f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[55], il-miżuri għall-kisba ta' status ekoloġiku u kimiku tajjeb tal-korpi tal-ilma inklużi fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar imħejjija f'konformità mad-Direttiva | (42) Sabiex jiġu żgurati sinerġiji bejn il-miżuri differenti adottati skont leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li jista' jkollhom impatt fuq is-saħħa tal-ħamrija, u l-miżuri li għandhom jiġu stabbiliti għall-ġestjoni u r-riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija fl-Unjoni, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-prattiki ta' ġestjoni u riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija jkunu koerenti mal-pjanijiet nazzjonali ta' restawr adottati f'konformità mar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[53]+; il-pjanijiet strateġiċi li għandhom jitfasslu mill-Istati Membri skont il-Politika Agrikola Komuni f'konformità mar-Regolament (UE) 2021/2115, il-kodiċijiet ta' prattiki agrikoli tajbin u l-programmi ta' azzjoni għal żoni vulnerabbli magħżula adottati f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE[54], il-miżuri ta' konservazzjoni u l-qafas ta' azzjoni prijoritizzata stabbilit għas-siti ta' Natura 2000 f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE[55], il-miżuri għall-kisba ta' status ekoloġiku u kimiku tajjeb tal-korpi tal-ilma inklużi fil-pjanijiet ta' mmaniġġjar tal-baċini tax-xmajjar imħejjija f'konformità mad-Direttiva |

2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[56], il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju ta' għargħar stabbiliti f'konformità mad-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57], il-pjanijiet ta' ġestjoni tan-nixfa promossi fl-Istrateġija tal-Unjoni dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima[58], il-programmi ta' azzjoni nazzjonali stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, ***il-miri stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[59] u r-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60],*** il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[61], il-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja mħejjija skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[62], il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-ippjanar għall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri stabbiliti f'konformità mad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[63], u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[64] +. Il-prattiki ta' ġestjoni u riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija jenħtieġ li jkunu, kemm jista' jkun, integrati fi ħdan dawn il-programmi, il-pjanijiet u l-miżuri sa fejn jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi tagħhom. Konsegwentement, l-indikaturi u d-data rilevanti, bħall-indikaturi tar-riżultati relatati mal-ħamrija skont ir-Regolament tal-PAK u d-data statistika dwar l-input u l-output agrikoli rrapportati skont ir-Regolament (UE) 2022/2379 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[65], jenħtieġ li jkunu aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-prattiki ta' ġestjoni u riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija u għall-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija sabiex dawn id-data u l-indikaturi jiġu interkonnessi u, b'hekk, tkun tista' ssir l-

2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[56], il-miżuri ta' ġestjoni tar-riskju ta' għargħar stabbiliti f'konformità mad-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57], il-pjanijiet ta' ġestjoni tan-nixfa promossi fl-Istrateġija tal-Unjoni dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima[58], il-programmi ta' azzjoni nazzjonali stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 10 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni, il-pjanijiet nazzjonali integrati dwar l-enerġija u l-klima stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[61], il-programmi nazzjonali għall-kontroll tat-tniġġis tal-arja mħejjija skont id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[62], il-valutazzjonijiet tar-riskju u l-ippjanar għall-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri stabbiliti f'konformità mad-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[63], u l-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali stabbiliti f'konformità mar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[64]+. Il-prattiki ta' ġestjoni u riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija jenħtieġ li jkunu, kemm jista' jkun, integrati fi ħdan dawn il-programmi, il-pjanijiet u l-miżuri sa fejn jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-objettivi tagħhom. Konsegwentement, l-indikaturi u d-data rilevanti, bħall-indikaturi tar-riżultati relatati mal-ħamrija skont ir-Regolament tal-PAK u d-data statistika dwar l-input u l-output agrikoli rrapportati skont ir-Regolament (UE) 2022/2379 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[65], jenħtieġ li jkunu aċċessibbli għall-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-prattiki ta' ġestjoni u riġenerazzjoni sostenibbli tal-ħamrija u għall-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija sabiex dawn id-data u l-indikaturi jiġu interkonnessi u, b'hekk, tkun tista' ssir l-aktar valutazzjoni akkurata possibbli tal-effettività tal-miżuri magħżula.

aktar valutazzjoni akkurata possibbli tal-effettività tal-miżuri magħżula.

---

[53] OP : jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament dwar ir-restawr tan-natura li jinsab fid-dokument COM(2022) 304 u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restawr tan-natura

[54] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

[55] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

[56] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, pp. 1-73).

[57] Id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar (ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27).

[58] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, COM(2021)82 final.

***[59] Ir-Regolament (UE) 2018/841 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-inklużjoni tal-emissjonijiet u l-assorbimenti ta' gassijiet serra minn użu tal-art, tibdil fl-użu tal-art u l-forestrija fil-qafas ta' politika għall-klima u l-enerġija għall-2030 u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 u d-***


---

[53] OP : jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament dwar ir-restawr tan-natura li jinsab fid-dokument COM(2022) 304 u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dak ir-Regolament fin-nota f'qiegħ il-paġna tar-Regolament (UE) …/… tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-restawr tan-natura

[54] Id-Direttiva tal-Kunsill 91/676/KEE tat-12 ta' Diċembru 1991 dwar il-protezzjoni tal-ilma kontra t-tniġġis ikkawżat min-nitrati minn sorsi agrikoli (ĠU L 375, 31.12.1991, p. 1).

[55] Id-Direttiva tal-Kunsill 92/43/KEE tal-21 ta' Mejju 1992 dwar il-konservazzjoni tal-ħabitats naturali u tal-fawna u l-flora selvaġġa (ĠU L 206, 22.7.1992, p. 7).

[56] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, pp. 1-73).

[57] Id-Direttiva 2007/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar il-valutazzjoni u l-immaniġġjar tar-riskji tal-għargħar (ĠU L 288, 6.11.2007, p. 27).

[58] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - l-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima, COM(2021)82 final.

***Deċiżjoni Nru 529/2013/UE (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 1).***

***[60] Ir-Regolament (UE) 2018/842 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar it-tnaqqis annwali vinkolanti tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-Istati Membri mill-2021 sal-2030 li jikkontribwixxi għall-azzjoni klimatika biex jiġu onorati l-impenji li saru fil-Ftehim ta' Pariġi, u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 525/2013 (ĠU L 156, 19.6.2018, p. 26).***

[61] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

[62] Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

[63] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

[64] + OP: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 li jinsab fid-dokument COM(2022)305 u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik

[61] Ir-Regolament (UE) 2018/1999 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 dwar il-Governanza tal-Unjoni tal-Enerġija u tal-Azzjoni Klimatika, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 663/2009 u (KE) Nru 715/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi 94/22/KE, 98/70/KE, 2009/31/KE, 2009/73/KE, 2010/31/UE, 2012/27/UE u 2013/30/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 2009/119/KE u (UE) 2015/652 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 525/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 328, 21.12.2018, p. 1).

[62] Id-Direttiva (UE) 2016/2284 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2016 dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet nazzjonali ta' ċerti inkwinanti atmosferiċi, li temenda d-Direttiva 2003/35/KE u li tħassar id-Direttiva 2001/81/KE (ĠU L 344, 17.12.2016, p. 1).

[63] Id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 924).

[64] + OP: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tar-Regolament dwar l-użu sostenibbli tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jemenda r-Regolament (UE) 2021/2115 li jinsab fid-dokument COM(2022)305 u daħħal in-numru, id-data, it-titolu u r-referenza tal-ĠU ta' dik

| | |
|---|---|
| id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna | id-Direttiva fin-nota f'qiegħ il-paġna |
| [65] Ir-Regolament (UE) 2022/2379 dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli. | [65] Ir-Regolament (UE) 2022/2379 dwar l-istatistika dwar l-input u l-output agrikoli. |

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 48**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (48) It-trasparenza hija komponent essenzjali tal-politika dwar il-ħamrija u tiżgura r-responsabbiltà u l-għarfien tal-pubbliku, il-kundizzjonijiet ġusti tas-suq u l-monitoraġġ tal-progress. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu u jżommu reġistru nazzjonali ta' siti kkontaminati u siti potenzjalment ikkontaminati li jkun fih informazzjoni speċifika għas-sit li jenħtieġ li ssir aċċessibbli għall-pubbliku f'bażi ta' data spazjali ġeoreferenzjata online. Jenħtieġ li r-reġistru jkun fih l-informazzjoni li hija meħtieġa sabiex il-pubbliku jkun infurmat dwar l-eżistenza u dwar il-ġestjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati u ta' siti kkontaminati. Minħabba li l-preżenza tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija għadha ma hijiex ikkonfermata, iżda hija biss issuspettata f'siti potenzjalment ikkontaminati, id-differenza bejn siti kkontaminati u siti potenzjalment ikkontaminati għandha tiġi kkomunikata u spjegata tajjeb lill-pubbliku biex jiġi evitat li jitqajjem tħassib bla bżonn. | (48) It-trasparenza hija komponent essenzjali tal-politika dwar il-ħamrija u tiżgura r-responsabbiltà u l-għarfien tal-pubbliku, il-kundizzjonijiet ġusti tas-suq u l-monitoraġġ tal-progress. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu u jżommu reġistru nazzjonali ta' siti kkontaminati u siti potenzjalment ikkontaminati li jkun fih informazzjoni speċifika għas-sit li jenħtieġ li ssir aċċessibbli għall-pubbliku f'bażi ta' data spazjali ġeoreferenzjata online***, mingħajr ma tiġi żvelata l-identità tas-sid tas-sit***. Jenħtieġ li r-reġistru jkun fih l-informazzjoni li hija meħtieġa sabiex il-pubbliku jkun infurmat dwar l-eżistenza u dwar il-ġestjoni ta' siti potenzjalment ikkontaminati u ta' siti kkontaminati. Minħabba li l-preżenza tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija għadha ma hijiex ikkonfermata, iżda hija biss issuspettata f'siti potenzjalment ikkontaminati, id-differenza bejn siti kkontaminati u siti potenzjalment ikkontaminati għandha tiġi kkomunikata u spjegata tajjeb lill-pubbliku biex jiġi evitat li jitqajjem tħassib bla bżonn. |

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 49**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(49) L-Artikolu 19(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) jesiġi li l-Istati Membri jipprovdu rimedji suffiċjenti biex jiżguraw protezzjoni ġudizzjarja effettiva fl-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni. Barra minn hekk, f'konformità mal-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali (il-Konvenzjoni ta' Aarhus)[68], il-membri tal-pubbliku kkonċernati jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-ġustizzja sabiex jikkontribwixxu għall-protezzjoni tad-dritt ta' għajxien f'ambjent li huwa adegwat għas-saħħa u l-benesseri personali.*** | ***imħassar*** |
| ***[68] Il-Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali – Dikjarazzjoni, (ĠU L 124, 17.5.2005).*** | |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 50**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| ***(50) Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[69] tordna r-rilaxx ta' data tas-settur pubbliku f'formati liberi u miftuħa. L-objettiv ġenerali huwa li jitkompla t-tisħiħ tal-ekonomija tad-data tal-UE billi jiżdied l-ammont ta' data tas-settur pubbliku disponibbli għall-użu mill-ġdid, jiġu żgurati kompetizzjoni ġusta u aċċess faċli għall-informazzjoni tas-settur pubbliku, u tissaħħaħ l-innovazzjoni transfruntiera bbażata fuq id-data. Il-prinċipju ewlieni huwa li jenħtieġ li d-data tal-gvern tkun miftuħa b'mod awtomatiku u mid-disinn.*** | ***imħassar*** |

*Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[70] għandha l-għan li tiggarantixxi d-dritt ta' aċċess għall-informazzjoni ambjentali fl-Istati Membri f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Aarhus. Il-Konvenzjoni ta' Aarhus u d-Direttiva 2003/4/KE jinkludu obbligi ġenerali relatati kemm mat-tqegħid ta' informazzjoni ambjentali disponibbli fuq talba, kif ukoll mat-tixrid attiv ta' tali informazzjoni. Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[71] għandha wkoll kamp ta' applikazzjoni wiesa', li jkopri l-kondiviżjoni ta' informazzjoni ġeografika, inklużi settijiet ta' data dwar suġġetti ambjentali differenti. Huwa importanti li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva relatati mal-aċċess għall-informazzjoni u l-arranġamenti ta' kondiviżjoni tad-data jikkomplementaw dawk id-Direttivi u ma joħolqux reġim legali separat. Għalhekk, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva rigward l-informazzjoni lill-pubbliku u l-informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni jkunu mingħajr preġudizzju għad-Direttivi (UE) 2019/1024, 2003/4/KE u 2007/2/KE.*

---

*[69] Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).*

*[70] Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26).*

*[71] Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).*

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 51**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(51) Sabiex jiġi żgurat l-adattament meħtieġ tar-regoli dwar il-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija, il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija u l-ġestjoni ta' siti kkontaminati, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendar ta' din id-Direttiva sabiex il-metodoloġiji għall-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija, il-lista ta' prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija, il-lista indikattiva ta' miżuri ta' tnaqqis tar-riskji, il-fażijiet u r-rekwiżiti għall-valutazzjoni tar-riskji speċifiċi għas-sit u l-kontenut tar-reġistru ta' siti kkontaminati u ta' siti potenzjalment ikkontaminati jiġu adattati għall-progress tekniku u xjentifiku. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016[72]. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.*** | ***imħassar*** |

***[72] Il-Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni***

***Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016 (ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1).***

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 53**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (53) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni bbażata fuq l-evidenza u, fejn rilevanti, reviżjoni ta' din id-Direttiva, ***6 snin*** wara d-dħul fis-seħħ tagħha abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tivvaluta b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġu stabbiliti rekwiżiti aktar speċifiċi biex jiġi żgurat li l-ħamrija ***mhux f'saħħitha*** tiġi riġenerata u li jintlaħaq l-objettiv li tinkiseb ħamrija f'saħħitha sal-2050. ***Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tivvaluta wkoll il-ħtieġa li d-definizzjoni ta' ħamrija f'saħħitha tiġi adattata għall-progress tekniku u xjentifiku billi jiżdiedu dispożizzjonijiet dwar ċerti deskritturi jew kriterji bbażati fuq evidenza xjentifika ġdida relatata mal-protezzjoni tal-ħamrija jew abbażi ta' problema speċifika għal Stat Membru li tinħoloq minn ċirkostanzi ambjentali jew klimatiċi ġodda. Skont il-paragrafu 22 tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet, jenħtieġ li dik l-evalwazzjoni tkun ibbażata fuq il-kriterji ta' effiċjenza, effettività, rilevanza, koerenza u valur miżjud tal-UE u jenħtieġ li tipprovdi l-bażi għal valutazzjonijiet tal-impatt ta' miżuri ulterjuri possibbli.*** | (53) Jenħtieġ li l-Kummissjoni twettaq evalwazzjoni bbażata fuq l-evidenza u, fejn rilevanti, reviżjoni ta' din id-Direttiva, ***15-il sena*** wara d-dħul fis-seħħ tagħha abbażi tar-riżultati tal-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija. Jenħtieġ li l-evalwazzjoni tivvaluta b'mod partikolari l-ħtieġa li jiġu stabbiliti rekwiżiti aktar speċifiċi biex jiġi żgurat li l-ħamrija ***degradata*** tiġi riġenerata u li jintlaħaq l-objettiv li tinkiseb ħamrija f'saħħitha sal-2050. |

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 54**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (54) Huma meħtieġa miżuri kkoordinati mill-Istati Membri kollha sabiex tinkiseb il-viżjoni li l-ħamrija kollha tkun f'saħħitha sal-2050 u biex jiġi żgurat il-forniment fit-tul ta' servizzi tal-ekosistema mill-ħamrija madwar l-Unjoni. L-azzjonijiet individwali tal-Istati Membri wrew li ***ma humiex biżżejjed minħabba li d-degradazzjoni tal-ħamrija qed tkompli u saħansitra qed tiddeterjora. Billi l-objettivi ta' din id-Direttiva ma jistgħux jintlaħqu biżżejjed mill-Istati Membri iżda jistgħu pjuttost,*** minħabba ***l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni, jintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-TUE***. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi. | (54) Huma meħtieġa miżuri kkoordinati mill-Istati Membri kollha sabiex tinkiseb il-viżjoni li l-ħamrija kollha tkun ***aktar*** f'saħħitha sal-2050 u biex jiġi żgurat il-forniment fit-tul ta' servizzi tal-ekosistema mill-ħamrija madwar l-Unjoni. L-azzjonijiet individwali tal-Istati Membri wrew li ***huwa meħtieġ aktar żmien peress li l-ħamrija titjieb b'pass pjuttost kajman*** minħabba ***l-immobbiltà tagħha***. F'konformità mal-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi. |

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 55a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(55a) Laboratorji ħajjin huma mistennija li jkopru l-Ewropa b'ċerta densità u jistgħu jkunu mistennija li jkollhom rwol fl-isforzi ta' monitoraġġ u fit-tixrid ta' prattiki tajbin, kif ukoll fl-appoġġ tal-applikazzjoni tagħhom. Laboratorji ħajjin jista' jkollhom rwol kruċjali b'mod partikolari fl-appoġġ tal-maġġoranza kbira tal-bdiewa u tal-maniġers tal-artijiet li għandhom aċċess diffiċli għall-għarfien u li tonqoshom il-kapaċità finanzjarja biex jintroduċu prattiki riġenerattivi tal-ħamrija.*** |

**Emenda 35**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-objettiv tad-Direttiva huwa li jiġi stabbilit qafas ta' monitoraġġ tal-ħamrija ***solidu u*** koerenti għall-ħamrija kollha madwar l-UE ***u li tittejjeb kontinwament is-saħħa tal-ħamrija fl-Unjoni bil-ħsieb li tinkiseb ħamrija f'saħħitha sal-2050 u li l-ħamrija tinżamm f'kundizzjoni f'saħħitha,*** sabiex ikunu jistgħu jiġu pprovduti servizzi tal-ekosistema multipli fuq skala suffiċjenti biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ambjentali, soċjetali u ekonomiċi, jiġu evitati u jittaffew l-impatti tat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità, tiżdied ir-reżiljenza kontra d-diżastri naturali u għas-sigurtà tal-ikel u li l-kontaminazzjoni tal-ħamrija titnaqqas għal livelli li ma għadhomx meqjusa ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. | 1. L-objettiv tad-Direttiva huwa li jiġi stabbilit qafas ta' monitoraġġ tal-ħamrija koerenti ***u flessibbli*** għall-ħamrija kollha madwar l-UE sabiex ikunu jistgħu jiġu pprovduti servizzi tal-ekosistema multipli, ***filwaqt li titqies il-fattibbiltà teknika u l-proporzjonalità ekonomika u l-użu intenzjonat tagħhom,*** fuq skala suffiċjenti biex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet ambjentali, soċjetali u ekonomiċi, jiġu evitati u jittaffew l-impatti tat-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità, tiżdied ir-reżiljenza kontra d-diżastri naturali u għas-sigurtà tal-ikel u li l-kontaminazzjoni tal-ħamrija titnaqqas għal livelli li ma għadhomx meqjusa ta' ħsara għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent. |

**Emenda 36**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 37**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***is-siti*** kkontaminati. | (c) ***il-monitoraġġ u l-valutazzjoni tas-siti*** kkontaminati. |

**Emenda 38**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Din id-Direttiva tapplika għall-ħamrija kollha fit-territorju tal-Istati Membri. | Din id-Direttiva tapplika għall-ħamrija kollha fit-territorju tal-Istati Membri ***meta jkun ippruvat li l-azzjoni tal-UE hija aktar ta' benefiċċju mill-azzjoni nazzjonali li jieħdu l-Istati Membri***. |

**Emenda 39**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) "ħamrija" tfisser ***is-saff*** ta' fuq tal-qoxra tad-Dinja li ***jinsab*** bejn is-sodda ta' blat u l-wiċċ tal-art, li ***huwa magħmul*** minn partikoli minerali, materjal organiku, ilma, arja u organiżmi ħajjin; | (1) "ħamrija" tfisser ***iż-żona li fiha jikbru l-għeruq tal-pjanti fis-saff*** ta' fuq tal-qoxra tad-Dinja li ***tinsab*** bejn is-sodda ta' blat u l-wiċċ tal-art, li ***hija magħmula*** minn partikoli minerali, materjal organiku, ***komponenti likwidi,*** ilma, arja u organiżmi ħajjin***, bl-esklużjoni tal-ilma ta' taħt l-art, l-akwiferi, il-qigħan tal-ilmijiet u depożiti tal-materja prima***; |

**Emenda 40**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) "servizzi tal-ekosistema" tfisser il-kontribuzzjonijiet indiretti tal-ekosistemi għall-benefiċċji ekonomiċi, soċjali, kulturali u oħrajn li n-nies jieħdu minn dawk l-ekosistemi; | (3) "servizzi tal-ekosistema" tfisser il-kontribuzzjonijiet indiretti tal-ekosistemi għall-benefiċċji ekonomiċi, soċjali, kulturali u ***benefiċċji*** oħrajn li n-nies jieħdu minn dawk l-ekosistemi***, filwaqt li titqies in-natura speċifika tas-sit li jkun qed jiġi mmonitorjat, b'referenza għall-kundizzjonijiet tal-ħamrija u dawk klimatiċi, il-ġestjoni tal-ħamrija u, għas-siti agrikoli, it-tip ta' għelejjel imkabbra***; |

**Emenda 41**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (4) “saħħa tal-ħamrija” tfisser il-kundizzjoni fiżika, kimika u bijoloġika tal-ħamrija ***li tiddetermina*** l-kapaċità tagħha li tiffunzjona bħala sistema vitali ta’ għajxien u li tipprovdi servizzi tal-ekosistema; | (4) “saħħa tal-ħamrija” tfisser il-kundizzjoni fiżika, kimika u bijoloġika tal-ħamrija***, billi jitqiesu l-produttività u*** l-kapaċità tagħha li tiffunzjona bħala sistema vitali ta’ għajxien***,*** u li tipprovdi servizzi tal-ekosistema ***u ttejjeb il-vitalità tal-produzzjoni tal-ikel filwaqt li tqis l-użu tal-art, it-tip ta’ art u l-idoneità tal-funzjoni li l-ħamrija għandha jew li kien maħsub li jkollha***; |

**Emenda 42**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (5) “ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija” tfisser prattiki ta’ ġestjoni tal-ħamrija li jżommu jew itejbu s-servizzi tal-ekosistema ***pprovduti mill-ħamrija mingħajr ma jfixklu l-funzjonijiet*** li ***jippermettu dawk is-servizzi, jew li jkunu ta’ detriment għal proprjetajiet oħrajn tal-ambjent***; | (5) “ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija” tfisser prattiki ta’ ġestjoni tal-ħamrija li ***għandhom l-għan li*** jżommu jew itejbu s-servizzi tal-ekosistema ***tal-ħamrija filwaqt*** li ***jqisu l-effetti soċjoekonomiċi***; |

**Emenda 43**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| (8) “distrett tal-ħamrija” tfisser il-parti tat-territorju ta’ Stat Membru, kif ***delimitata*** minn dak l-Istat Membru f’konformità ma’ din id-Direttiva; | (8) “distrett tal-ħamrija” tfisser il-parti tat-territorju ta’ Stat Membru, kif ***definit*** minn dak l-Istat Membru f’konformità ma’ din id-Direttiva ***u f’konsultazzjoni mal-awtoritajiet lokali, filwaqt li titqies l-istruttura amministrattiva u ta’ governanza territorjali diġà eżistenti***; |

**Emenda 44**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 9**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (9) "valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija" tfisser l-evalwazzjoni ***tas-saħħa*** tal-ħamrija abbażi tal-kejl jew l-istima tad-deskritturi tal-ħamrija; | (9) "valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija" tfisser l-evalwazzjoni ***tal-istat bijoloġiku u produttiv*** tal-ħamrija abbażi tal-kejl jew l-istima tad-deskritturi tal-ħamrija; |

**Emenda 45**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 15a (ġdid)**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| | ***(15a) "art produttiva agrikola" tfisser żona fejn il-kundizzjonijiet tal-ħamrija jkunu ġew ottimizzati biex isostnu jew iżidu s-servizzi tal-ekosistema pprovduti mill-produzzjoni agrikola;*** |

**Emenda 46**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 17**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (17) "teħid tal-art" tfisser il-konverżjoni ta' art naturali u seminaturali f'art artifiċjali; | (17) "teħid tal-art" tfisser il-konverżjoni ta' art naturali u seminaturali ***u art produttiva agrikola*** f'art artifiċjali; |

**Emenda 47**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 18**

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| (18) "funzjoni ta' trasferiment" tfisser regola ***matematika*** li tippermetti li l-valur ta' kejl, imwettaq bl-użu ta' metodoloġija differenti minn metodoloġija ta' referenza, jiġi kkonvertit fil-valur li jinkiseb bit-twettiq tal-kejl tal-ħamrija bl-użu tal-metodoloġija ta' referenza; | (18) "funzjoni ta' trasferiment" tfisser regola li tippermetti li l-valur ta' kejl, imwettaq bl-użu ta' metodoloġija differenti minn metodoloġija ta' referenza, jiġi kkonvertit fil-valur li jinkiseb bit-twettiq tal-kejl tal-ħamrija bl-użu tal-metodoloġija ta' referenza; |

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) "membri tal-pubbliku kkonċernati" tfisser il-membri tal-pubbliku affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mid-degradazzjoni tal-ħamrija, jew li għandhom interess fil-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-obbligi skont din id-Direttiva, inklużi s-sidien tal-artijiet u l-utenti tal-artijiet, kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali. | (19) "membri tal-pubbliku kkonċernati" tfisser il-membri tal-pubbliku affettwati jew li x'aktarx jiġu affettwati mid-degradazzjoni tal-ħamrija, jew li għandhom interess fil-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-implimentazzjoni tal-obbligi skont din id-Direttiva, inklużi s-sidien tal-artijiet***, il-maniġers tal-artijiet*** u l-utenti tal-artijiet, kif ukoll organizzazzjonijiet mhux governattivi li jippromwovu l-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem jew tal-ambjent u li jissodisfaw kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali. |

**Emenda 49**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 20**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (20) "kontaminazzjoni tal-ħamrija" tfisser il-preżenza ta' sustanza kimika jew sustanza fil-ħamrija f'konċentrazzjoni li ***tista' tkun ta' ħsara*** għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent; | (20) "kontaminazzjoni tal-ħamrija" tfisser il-preżenza ta' sustanza kimika jew sustanza fil-ħamrija f'konċentrazzjoni li ***toħloq riskju*** għas-saħħa tal-bniedem jew ***riskju inaċċettabbli*** għall-ambjent; |

**Emenda 50**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri ***għandhom*** jistabbilixxu d-distretti tal-ħamrija fit-territorju kollu tagħhom. | L-Istati Membri ***jistgħu*** jistabbilixxu d-distretti tal-ħamrija fit-territorju kollu tagħhom. |

**Emenda 51**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-għadd ta' distretti tal-ħamrija għal kull Stat Membru għandu bħala minimu jikkorrispondi għan-numru ta' unitajiet territorjali ta' NUTS 1 stabbiliti skont ir-Regolament (KE) Nru 1059/2003.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 52**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Meta jistabbilixxu l-firxa ġeografika tad-distretti tal-ħamrija, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-unitajiet amministrattivi eżistenti ***u għandhom ifittxu omoġeneità f'kull distrett tal-ħamrija fir-rigward tal-parametri*** li ġejjin: | 2. Meta jistabbilixxu l-firxa ġeografika tad-distretti tal-ħamrija, l-Istati Membri jistgħu jqisu l-unitajiet amministrattivi eżistenti ***sabiex jevitaw piż amministrattiv eċċessiv u jistgħu jużaw pereżempju l-parametri*** li ġejjin: |

**Emenda 53**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) l-użu tal-art jew il-kopertura tal-art kif użati fil-programm ta' Stħarriġ qafas statistiku tal-Użu tal-Art taż-Żona Koperta (LUCAS). | (d) l-użu tal-art jew il-kopertura tal-art kif użati fil-programm ta' Stħarriġ qafas statistiku tal-Użu tal-Art taż-Żona Koperta (LUCAS)***, jew kif użati fil-programm nazzjonali diġà stabbilit;*** |

**Emenda 54**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) l-eżistenza ta' reġjuni arċipelaġiċi remoti bi gżejjer mifruxa bejniethom, b'kull gżira li tikkorrispondi għal distrett tal-ħamrija;*** |

**Emenda 55**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt db (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(db) xaqliba tal-ħamrija;*** |

**Emenda 56**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2 – punt dc (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(dc) l-użu tal-COPERNICUS fid-delimitazzjoni tad-distretti tal-ħamrija;*** |

**Emenda 57**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 4 – paragrafu 2a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2 a. Il-Kummissjoni għandha tipprovdi:*** |
| | ***(a) l-input xjentifiku u l-assistenza lill-Istati Membri biex jistabbilixxu d-distretti tal-ħamrija fit-territorju kollu tagħhom, fuq talba;*** |
| | ***(b) appoġġ lill-Istati Membri biex jiżguraw li jittieħed approċċ transfruntier koerenti għad-distretti tal-ħamrija, u għandha tiffaċilita l-armonizzazzjoni tas-sistemi ta' monitoraġġ, il-funzjonijiet ta' trasferiment, id-disinn tal-monitoraġġ u l-klassifikazzjoni tal-istat ekoloġiku fil-livell tad-deskritturi tal-ħamrija elenkati fl-Anness I.*** |

**Emenda 58**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| L-Istati Membri ***għandhom*** jaħtru l-awtoritajiet kompetenti responsabbli f'livell xieraq għat-twettiq tad-dmirijiet stipulati f'din id-Direttiva. | ***Huwa f'idejn*** l-Istati Membri***, flimkien mal-awtoritajiet reġjonali tagħhom, fejn applikabbli, li*** jaħtru ***sa... [OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 18-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva]*** l-awtoritajiet kompetenti responsabbli***,*** f'livell xieraq***,*** għat-twettiq tad-dmirijiet stipulati f'din id-Direttiva. ***L-awtoritajiet kompetenti li jappartjenu għal Stati Membri differenti għandhom jiżguraw kooperazzjoni transfruntiera effiċjenti għad-distretti tal-ħamrija li jmissu ma' Stat Membru ġar, sabiex iwettqu d-dmirijiet stabbiliti f'din id-Direttiva.*** |

Emenda 59

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom ***jaħtru awtorità kompetenti waħda għal kull distrett ta' ħamrija stabbilit*** f'konformità mal-Artikolu 4. | L-Istati Membri għandhom ***jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar awtoritajiet kompetenti maħtura għad-distretti tal-ħamrija stabbiliti*** f'konformità mal-Artikolu 4. ***Il-Kummissjoni għandha tagħmel il-lista tal-awtoritajiet kompetenti disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit web tagħha mingħajr dewmien żejjed. Il-Kummissjoni għandha taġġorna b'mod regolari l-lista, abbażi tal-aġġornamenti li tirċievi mill-Istati Membri.*** |

Emenda 60

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas ta' monitoraġġ ibbażat fuq id-distretti tal-ħamrija stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 4(1), biex jiżguraw li jitwettaq monitoraġġ regolari u akkurat tas-saħħa tal-ħamrija f'konformità ma' dan l-Artikolu u mal-Annessi I u II. | 1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu qafas ta' monitoraġġ ***li jista' jkun*** ibbażat fuq id-distretti tal-ħamrija stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 4(1), biex jiżguraw li jitwettaq monitoraġġ regolari u akkurat tas-saħħa tal-ħamrija f'konformità ma' dan l-Artikolu u mal-Annessi I u II. |

**Emenda 61**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw is-saħħa tal-ħamrija u t-teħid tal-art f'kull distrett tal-ħamrija. | 2. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw is-saħħa tal-ħamrija u t-teħid tal-art f'kull distrett tal-ħamrija. ***L-attivitajiet ta' monitoraġġ imsemmija hawn fuq ma jridu jġarrbu l-ebda piż finanzjarju għall-maniġers tal-artijiet.*** |

**Emenda 62**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) id-data u l-prodotti ta' telerilevament ***msemmija*** fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, jekk ikun hemm; | (d) id-data***, ippruvata xjentifikament,*** u l-prodotti ta' telerilevament ***imsemmija*** fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu, jekk ikun hemm; |

**Emenda 63**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 3 – punt ea (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ea) l-oqfsa ta' monitoraġġ nazzjonali eżistenti għandhom jingħataw prijorità.*** |

**Emenda 64**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Il-Kummissjoni għandha, soġġetta għal ftehim mill-Istati Membri kkonċernati, twettaq kejl regolari tal-ħamrija fuq kampjuni tal-ħamrija meħuda in situ, abbażi tad-deskritturi u l-*** | ***imħassar*** |

***metodoloġiji rilevanti msemmija fl-Artikoli 7 u 8, biex tappoġġa l-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija mill-Istati Membri. Meta Stat Membru jipprovdi ftehim f'konformità ma' dan il-paragrafu, huwa għandu jiżgura li l-Kummissjoni tkun tista' twettaq tali kampjunar tal-ħamrija in situ.***

**Emenda 65**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 6 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Il-Kummissjoni u l-EEA għandhom, abbażi tad-data eżistenti u fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jistabbilixxu portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija li għandu jipprovdi aċċess f'format spazjali ġeoreferenzjat ***għal mill-inqas*** id-data disponibbli dwar is-saħħa tal-ħamrija li tirriżulta minn: | 6. Il-Kummissjoni u l-EEA għandhom, abbażi tad-data eżistenti u fi żmien sentejn mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva, jistabbilixxu portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija li għandu jipprovdi aċċess f'format spazjali ġeoreferenzjat ***anonimizzat mingħajr ma tiġi żvelata l-identità tas-sid tas-sit, dwar*** id-data disponibbli dwar is-saħħa tal-ħamrija li tirriżulta minn: |

**Emenda 66**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 6 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(b) il-kejl tal-ħamrija msemmi fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 67**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 7**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***7. Il-portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija msemmi fil-paragrafu 6 jista' jipprovdi wkoll aċċess għal data oħra relatata mas-saħħa tal-ħamrija minbarra d-data msemmija f'dak il-*** | ***imħassar*** |

***paragrafu jekk dik id-data tkun ġiet kondiviża jew miġbura f'konformità mal-formati jew il-metodi stabbiliti mill-Kummissjoni skont il-paragrafu 8.***

**Emenda 68**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***8. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi formati jew metodi għall-kondiviżjoni jew il-ġbir tad-data msemmija fil-paragrafu 7 jew għall-integrazzjoni ta' dik id-data fil-portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 69**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Meta jimmonitorjaw u jivvalutaw ***is-saħħa tal-ħamrija***, l-Istati Membri ***għandhom*** japplikaw id-deskritturi tal-ħamrija ***u l-kriterji tas-saħħa*** tal-ħamrija ***elenkati*** fl-Anness I. | Meta jimmonitorjaw u jivvalutaw ***il-ħamrija***, l-Istati Membri ***jistgħu*** japplikaw id-deskritturi tal-ħamrija ***li jillustraw bl-aħjar mod il-karatteristiċi*** tal-ħamrija ***f'kull tip ta' ħamrija fil-livell nazzjonali elenkat*** fl-Anness I.<br>***Meta jimmonitorjaw it-teħid tal-art, l-Istati Membri għandhom japplikaw l-indikaturi tat-teħid tal-art u tal-issiġillar tal-ħamrija msemmija fl-Anness I.*** |

**Emenda 70**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri jistgħu jadattaw id-deskritturi tal-ħamrija u l-kriterji tas-saħħa tal-ħamrija msemmija fil-parti A tal-Anness I, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet ***imsemmija*** fit-tieni u t-tielet kolonni fil-parti A tal-Anness I. | 2. L-Istati Membri jistgħu jadattaw id-deskritturi tal-ħamrija u l-kriterji tas-saħħa tal-ħamrija msemmija fil-parti A tal-Anness I, f'konformità mal-ispeċifikazzjonijiet ***nazzjonali u lokali dwar is-saħħa tal-ħamrija msemmija*** fit-tieni u t-tielet kolonni fil-parti A tal-Anness I. |

**Emenda 71**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kriterji tas-saħħa tal-ħamrija għad-deskritturi tal-ħamrija elenkati fil-parti B tal-Anness I ***f'konformità mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fit-tielet kolonna fil-parti B tal-Anness I***. | 4. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kriterji tas-saħħa tal-ħamrija għad-deskritturi tal-ħamrija elenkati fil-parti B tal-Anness I ***abbażi tal-bżonnijiet lokali***. |

**Emenda 72**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu deskritturi addizzjonali tal-ħamrija u indikaturi tat-teħid tal-art, inklużi iżda mhux limitati għad-deskritturi u l-indikaturi fakultattivi elenkati fil-partijiet C u D tal-Anness I, għal finijiet ta' monitoraġġ ("deskritturi addizzjonali tal-ħamrija" u "indikaturi addizzjonali tat-teħid tal-art").*** | ***imħassar*** |

**Emenda 73**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 5a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***5a. L-Istati Membri jistgħu jadattaw id-deskritturi tal-ħamrija u l-kriterji tas-*** |

***saħħa tal-ħamrija msemmija fil-paragrafi 1 sa 4 li japplikaw għal art produttiva agrikola għal finijiet ta' sostenibbiltà soċjali, ambjentali u ekonomika.***

**Emenda 74**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni meta jiġu stabbiliti jew adattati deskritturi tal-ħamrija, indikaturi tat-teħid tal-art u kriterji tas-saħħa tal-ħamrija f'konformità mal-paragrafi minn 2 sa ***5*** ta' dan l-Artikolu. | 6. L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni meta jiġu stabbiliti jew adattati deskritturi tal-ħamrija, indikaturi tat-teħid tal-art u kriterji tas-saħħa tal-ħamrija f'konformità mal-paragrafi minn 2 sa ***4*** ta' dan l-Artikolu. |

**Emenda 75**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-punti ta' kampjunar billi japplikaw il-metodoloġija stabbilita fil-parti A tal-Anness II. | 1. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw il-punti ta' kampjunar billi japplikaw il-metodoloġija stabbilita fil-parti A tal-Anness II***, filwaqt li jqisu l-valutazzjonijiet tar-riskji abbażi tas-sistemi ta' monitoraġġ eżistenti***. |

**Emenda 76**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 3 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri jistgħu japplikaw metodoloġiji oħrajn għajr dawk elenkati ***fil-punti*** (a) u (b) ***tal-ewwel subparagrafu, diment li jkunu disponibbli funzjonijiet ta' trasferiment ivvalidati***, kif meħtieġ ***fir-raba' kolonna tal-parti*** B ***tal-Anness II***. | L-Istati Membri jistgħu japplikaw metodoloġiji ***ekwivalenti*** oħrajn għajr dawk elenkati ***fl-ewwel subparagrafu, il-punti*** (a) u (b), kif meħtieġ ***fl-Anness II, il-parti*** B***, ir-raba' kolonna***. |

**Emenda 77**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir kejl ġdid tal-ħamrija mill-inqas kull ***5*** snin. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jsir kejl ġdid tal-ħamrija mill-inqas kull ***10*** snin***, jew perjodu ta' żmien suffiċjenti li jikkorrispondi għall-intervall ta' kampjunar***. |

**Emenda 78**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 5 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valuri tal-indikaturi tat-teħid tal-art u tal-issiġillar tal-ħamrija jiġu aġġornati mill-inqas kull sena.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 79**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness II sabiex tadatta l-metodoloġiji ta' referenza msemmija fih għall-progress tekniku u xjentifiku, b'mod partikolari meta l-valuri tad-deskritturi tal-ħamrija jkunu jistgħu jiġu ddeterminati permezz tat-telerilevament imsemmi fl-Artikolu 6(5).*** | ***imħassar*** |

**Emenda 80**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jivvalutaw is- | L-Istati Membri għandhom jivvalutaw***,*** |

| | |
|---|---|
| saħħa tal-ħamrija ***fid-distretti kollha*** tal-ħamrija tagħhom abbażi tad-data miġbura fil-kuntest tal-monitoraġġ imsemmi fl-Artikoli 6, 7 u 8 għal kull wieħed mid-deskritturi tal-ħamrija msemmija fil-Partijiet A u B tal-Anness I. | ***flimkien mal-awtoritajiet reġjonali tagħhom, fejn applikabbli,*** is-saħħa tal-ħamrija***, relatata mal-funzjoni intenzjonata*** tal-ħamrija tagħhom***,*** abbażi tad-data miġbura fil-kuntest tal-monitoraġġ imsemmi fl-Artikoli 6, 7 u 8 għal kull wieħed mid-deskritturi tal-ħamrija msemmija fil-Partijiet A u B tal-Anness I***, filwaqt li jqisu l-bidliet raġunati dwar l-użu tal-art fiż-żoni ta' kampjunar u ċ-ċirkostanzi storiċi u naturali tal-ħamrija***. |
| L-Istati Membri għandhom iqisu wkoll id-data miġbura fil-kuntest tal-investigazzjonijiet tal-ħamrija msemmija fl-Artikolu 14. | L-Istati Membri għandhom iqisu wkoll id-data miġbura fil-kuntest tal-investigazzjonijiet tal-ħamrija msemmija fl-Artikolu 14. |
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valutazzjonijiet tal-istat ekoloġiku tal-ħamrija jsiru mill-inqas kull ***5*** snin u li l-ewwel valutazzjoni ssir sa … (OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***5*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva). | L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-valutazzjonijiet tal-istat ekoloġiku tal-ħamrija jsiru mill-inqas kull ***10*** snin u li l-ewwel valutazzjoni ssir sa … (OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***10*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva). |

**Emenda 81**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***2. Ħamrija titqies f'saħħitha f'konformità ma' din id-Direttiva meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kumulattivi li ġejjin:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) il-valuri għad-deskritturi kollha tal-ħamrija elenkati fil-parti A tal-Anness I jissodisfaw il-kriterji stipulati hemmhekk u, fejn applikabbli, adattati f'konformità mal-Artikolu 7;*** | |
| ***(b) il-valuri għad-deskritturi kollha tal-ħamrija elenkati fil-parti B tal-Anness I jissodisfaw il-kriterji stabbiliti f'konformità mal-Artikolu 7 ("ħamrija f'saħħitha").*** | |
| ***B'deroga mill-ewwel subparagrafu, il-valutazzjoni tal-ħamrija f'żona tal-art elenkata fir-raba' kolonna tal-Anness I*** | |

***ma għandhiex tqis il-valuri stabbiliti fit-tielet kolonna għal dik iż-żona tal-art.***

***Il-ħamrija ma tkunx f'saħħitha meta mill-inqas wieħed mill-kriterji msemmija fis-subparagrafu 1 ma jiġix issodisfat ("ħamrija mhux f'saħħitha").***

**Emenda 82**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom janalizzaw il-valuri għad-deskritturi tal-ħamrija elenkati fil-parti C tal-Anness I u jivvalutaw jekk hemmx telf kritiku tas-servizzi tal-ekosistema, filwaqt li jqisu d-data rilevanti u l-għarfien xjentifiku disponibbli. | L-Istati Membri għandhom janalizzaw il-valuri għad-deskritturi tal-ħamrija elenkati fil-parti C tal-Anness I u jivvalutaw jekk hemmx telf kritiku tas-servizzi tal-ekosistema ***relatat mal-funzjoni intenzjonata tal-ħamrija***, filwaqt li jqisu d-data rilevanti u l-għarfien xjentifiku disponibbli. |
| L-Istati Membri għandhom janalizzaw il-valuri tal-indikaturi tat-teħid tal-art u tal-issiġillar tal-ħamrija elenkati fil-parti D tal-Anness I u jivvalutaw l-impatt tagħhom fuq it-telf tas-servizzi tal-ekosistema ***u fuq l-objettivi u l-miri stabbiliti skont ir-Regolament (UE) 2018/841***. | L-Istati Membri għandhom janalizzaw il-valuri tal-indikaturi tat-teħid tal-art u tal-issiġillar tal-ħamrija elenkati fil-parti D tal-Anness I u jivvalutaw l-impatt tagħhom fuq it-telf tas-servizzi tal-ekosistema ***relatat mal-funzjoni intenzjonata tal-ħamrija***. |

**Emenda 83**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 - paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Abbażi tal-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija mwettqa f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti għandha, fejn rilevanti b'koordinazzjoni mal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, tidentifika***, f'kull distrett tal-ħamrija, iż-żoni*** li jippreżentaw ħamrija mhux f'saħħitha, u tinforma ***lill-pubbliku f'konformità mal-Artikolu 19***. | 4. Abbażi tal-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija mwettqa f'konformità ma' dan l-Artikolu, l-awtorità kompetenti għandha, fejn rilevanti b'koordinazzjoni mal-awtoritajiet lokali, reġjonali u nazzjonali, tidentifika ***ż-żoni*** li jippreżentaw ħamrija mhux f'saħħitha, ***fir-rigward tal-funzjoni intenzjonata tal-ħamrija tagħhom,*** u tinforma ***direttament lis-sidien tal-artijiet u l-maniġers tal-artijiet***. |

**Emenda 84**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmu għal ċertifikazzjoni volontarja tas-saħħa tal-ħamrija għas-sidien u l-maniġers tal-artijiet skont il-kundizzjonijiet fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.***<br>***Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tarmonizza l-format taċ-ċertifikazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 21.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 85**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 9 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ***id-data*** u l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija msemmija fl-Artikoli ***minn*** 6 sa 9 lis-sidien u l-maniġers tal-artijiet rilevanti ***fuq talba tagħhom***, b'mod partikolari biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-parir imsemmi fl-Artikolu 10(3). | 6. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw ***b'mod awtomatiku d-data*** u l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija msemmija fl-Artikoli 6 sa 9 lis-sidien u l-maniġers tal-artijiet rilevanti ***f'perjodu ta' żmien rilevanti***, b'mod partikolari biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-parir imsemmi fl-Artikolu 10(3). |

**Emenda 86**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***1. Minn (OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 4 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva), l-Istati Membri għandhom jieħdu mill-inqas il-miżuri li*** | ***imħassar*** |

***ġejjin, filwaqt li jqisu t-tip, l-użu u l-kundizzjoni tal-ħamrija:***

***(a) jiddefinixxu l-prattiki ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija li jirrispettaw il-prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija elenkati fl-Anness III li għandhom jiġu implimentati gradwalment fuq il-ħamrija kollha ġestita u, abbażi tal-eżitu tal-valutazzjonijiet tal-ħamrija mwettqa f'konformità mal-Artikolu 9, il-prattiki ta' riġenerazzjoni li għandhom jiġu implimentati gradwalment fuq il-ħamrija mhux f'saħħitha fl-Istati Membri;***

***(b) jiddefinixxu l-prattiki ta' ġestjoni tal-ħamrija u prattiki oħrajn li jaffettwaw b'mod negattiv is-saħħa tal-ħamrija li għandhom jiġu evitati mill-maniġers tal-ħamrija.***

***Meta jiddefinixxu l-prattiki u l-miżuri msemmija f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom iqisu l-programmi, il-pjanijiet, il-miri u l-miżuri elenkati fl-Anness IV, kif ukoll l-aħħar għarfien xjentifiku eżistenti, inklużi r-riżultati li joħorġu mill-Missjoni ta' Orizzont Ewropa "Patt dwar il-Ħamrija għall-Ewropa".***

***L-Istati Membri għandhom jidentifikaw is-sinerġiji mal-programmi, il-pjanijiet u l-miżuri stabbiliti fl-Anness IV. Id-data dwar il-monitoraġġ tas-saħħa tal-ħamrija, ir-riżultati tal-valutazzjonijiet tas-saħħa tal-ħamrija, l-analiżi msemmija fl-Artikolu 9 u l-miżuri ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija għandhom jinformaw l-iżvilupp tal-programmi, il-pjanijiet u l-miżuri stabbiliti fl-Anness IV.***

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċess ta' elaborazzjoni tal-prattiki msemmija fl-ewwel subparagrafu jkun miftuħ, inklużiv u effettiv u li l-membri tal-pubbliku kkonċernati, b'mod partikolari s-sidien tal-artijiet u l-maniġers, ikunu involuti u jingħataw opportunitajiet bikrija u effettivi biex***

***jipparteċipaw fl-elaborazzjoni tagħhom.***

**Emenda 87**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess faċli għal parir imparzjali u indipendenti dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija, l-attivitajiet ta' taħriġ u l-bini tal-kapaċità maniġerjali tal-ħamrija, għas-sidien tal-artijiet u għall-awtoritajiet rilevanti. | L-Istati Membri għandhom jiżguraw aċċess faċli għal parir imparzjali u indipendenti dwar il-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija, l-attivitajiet ta' taħriġ u l-bini tal-kapaċità maniġerjali tal-ħamrija, għas-sidien tal-artijiet***, għall-maniġers tal-artijiet*** u għall-awtoritajiet rilevanti. |

**Emenda 88**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 2 – subparagrafu 2 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) jippromwovu r-riċerka u l-implimentazzjoni ta' kunċetti ***olistiċi*** ta' ġestjoni tal-ħamrija; | (b) jippromwovu r-riċerka***, l-innovazzjoni*** u l-implimentazzjoni ta' kunċetti ***sostenibbli*** ta' ġestjoni tal-ħamrija; |

**Emenda 89**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. L-Istati Membri għandhom jivvalutaw regolarment l-effettività tal-miżuri meħuda f'konformità ma' dan l-Artikolu u, fejn rilevanti, jirrieżaminaw u jirrevedu dawk il-miżuri, filwaqt li jqisu l-monitoraġġ u l-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija msemmija fl-Artikoli minn 6 sa 9.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 90**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***4. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Anness III sabiex tadatta l-prinċipji tal-ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija biex jitqies il-progress tekniku u xjentifiku.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 91**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri ***għandhom jiżguraw li l-prinċipji*** li ġejjin ***jiġu rrispettati*** f'każ ta' teħid tal-art: | L-Istati Membri ***huma mħeġġa jikkunsidraw l-aspetti*** li ġejjin f'każ ta' teħid tal-art***, filwaqt li jqisu l-ispeċifiċitajiet lokali***: |

**Emenda 92**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) jiġi evitat jew imnaqqas kemm jista' jkun teknikament u ekonomikament ***it-telf*** tal-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi diversi servizzi tal-ekosistema, ***inkluża l-produzzjoni*** tal-ikel, billi: | (a) jiġi evitat jew imnaqqas kemm jista' jkun teknikament***, soċjalment*** u ekonomikament ***possibbli t-telf*** tal-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi diversi servizzi tal-ekosistema, ***inklużi l-agrikoltura, il-produzzjoni*** tal-ikel ***u l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti***, billi: |

**Emenda 93**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (i) titnaqqas ***kemm jista' jkun iż-żona*** affettwata mit-teħid tal-art u | (i) titnaqqas ***fejn hu possibbli ż-żona*** affettwata mit-teħid tal-art u |

**Emenda 94**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) jintgħażlu żoni fejn it-telf tas-servizzi tal-ekosistema jiġi minimizzat u | (ii) jintgħażlu żoni fejn it-telf tas-servizzi tal-ekosistema jiġi minimizzat***, filwaqt li jitqies il-bilanċ soċjoekonomiku tat-territorju kkonċernat,*** u |

**Emenda 95**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt a – punt iii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(iii) it-teħid tal-art isir b'mod li jimminimizza l-impatt negattiv fuq il-ħamrija;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 96**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***jiġi kkumpensat kemm jista' jkun it-telf*** tal-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi diversi servizzi tal-ekosistema. | (b) ***jiġu kkumpensati s-sidien tal-artijiet għat-telf*** tal-kapaċità tal-ħamrija li tipprovdi diversi servizzi tal-ekosistema ***u/jew produzzjoni tal-ikel***. |

**Emenda 97**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiġġestixxu r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent ta' siti potenzjalment ikkontaminati u ta' siti kkontaminati, u jżommuhom f'livelli aċċettabbli, filwaqt li jqisu l-impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-miżuri ta' tnaqqis tar-riskju meħuda | 1. L-Istati Membri għandhom jiġġestixxu r-riskji għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent ta' siti potenzjalment ikkontaminati u ta' siti kkontaminati, u jżommuhom f'livelli aċċettabbli, filwaqt li jqisu l-impatti ambjentali, soċjali u ekonomiċi tal-kontaminazzjoni tal-ħamrija u tal-miżuri ta' tnaqqis tar-riskju meħuda skont ***l-Artikolu 15,*** il-paragrafu 4***. Il-*** |

| | |
|---|---|
| skont il-paragrafu 4 ***tal-Artikolu 15***. | ***valutazzjonijiet tar-riskju għas-saħħa tal-bniedem għandhom dejjem ikunu bbażati fuq it-tip ta' użu tal-art.*** |

**Emenda 98**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 4 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(c) biex jitolbu l-korrezzjoni tal-informazzjoni li tinsab fir-reġistru għal siti kkontaminati u siti potenzjalment ikkontaminati f'konformità mal-Artikolu 16.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 99**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a Dwar il-ħamrija potenzjalment ikkontaminata, is-sidien tal-artijiet u l-maniġers tal-artijiet jeħtiġilhom jingħataw l-opportunità li jipprovdu informazzjoni u ġustifikazzjonijiet rilevanti f'konformità mal-Artikolu 14.*** |

**Emenda 100**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragraph 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jidentifikaw b'mod sistematiku u attiv is-siti kollha fejn tiġi suspettata kontaminazzjoni tal-ħamrija abbażi tal-evidenza miġbura permezz ***tal-mezzi kollha disponibbli*** ("siti potenzjalment ikkontaminati"). | 1. L-Istati Membri għandhom***, flimkien mal-awtoritajiet reġjonali jew lokali tagħhom, fejn applikabbli,*** jidentifikaw b'mod sistematiku u attiv is-siti kollha fejn tiġi suspettata kontaminazzjoni tal-ħamrija abbażi tal-evidenza miġbura permezz ***ta' mezzi xierqa u proċeduri stabbiliti*** ("siti potenzjalment ikkontaminati"). |

**Emenda 101**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-siti ***kollha*** potenzjalment ikkontaminati jiġu identifikati sa (OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 7 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva) u jiġu rreġistrati kif xieraq fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 16 sa dik id-data. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw***, flimkien mal-awtoritajiet reġjonali jew lokali tagħhom, fejn applikabbli,*** li s-siti potenzjalment ikkontaminati ***kollha*** jiġu identifikati sa (OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 7 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva) u jiġu rreġistrati kif xieraq fir-reġistru msemmi fl-Artikolu 16 sa dik id-data. |

**Emenda 102**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-siti kollha potenzjalment ikkontaminati identifikati f'konformità mal-Artikolu 13 ikunu soġġetti għal investigazzjoni tal-ħamrija. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-siti potenzjalment ikkontaminati kollha identifikati f'konformità mal-Artikolu 13 ikunu soġġetti għal investigazzjoni tal-ħamrija***, fejn xieraq u f'ordni ta' prijoritajiet***. |

**Emenda 103**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar l-iskadenza, il-kontenut, il-forma u l-prijoritizzazzjoni tal-investigazzjonijiet tal-ħamrija. Dawk ir-regoli għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju msemmi fl-Artikolu 12 u l-lista ta' attivitajiet ta' riskju potenzjalment kontaminanti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(2). | L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar l-iskadenza, il-kontenut, il-forma u l-prijoritizzazzjoni tal-investigazzjonijiet tal-ħamrija***, filwaqt li jqisu kif dovut l-effetti ambjentali, ekonomiċi u soċjali***. Dawk ir-regoli għandhom jiġu stabbiliti f'konformità mal-approċċ ibbażat fuq ir-riskju msemmi fl-Artikolu 12 u l-lista ta' attivitajiet ta' riskju potenzjalment kontaminanti msemmija fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 13(2). |

| | |
|---|---|
| L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw ir-rapporti ta’ referenza u l-miżuri ta’ monitoraġġ implimentati f’konformità mad-Direttiva 2010/75/UE bħala investigazzjoni tal-ħamrija, fejn xieraq. | L-Istati Membri jistgħu jikkunsidraw ir-rapporti ta’ referenza u l-miżuri ta’ monitoraġġ implimentati f’konformità mad-Direttiva 2010/75/UE bħala investigazzjoni tal-ħamrija, fejn xieraq. |

**Emenda 104**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Għal kull sit ikkontaminat identifikat skont l-Artikolu 14 jew bi kwalunkwe mezz ieħor, l-awtorità kompetenti responsabbli għandha twettaq valutazzjoni speċifika għas-sit għall-użi attwali u ppjanati tal-art biex tiddetermina jekk is-sit ikkontaminat jippreżentax riskji inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. | 3. Għal kull sit ikkontaminat identifikat skont l-Artikolu 14 jew bi kwalunkwe mezz ieħor, l-awtorità kompetenti responsabbli għandha twettaq valutazzjoni speċifika għas-sit għall-użi attwali u ppjanati tal-art biex tiddetermina jekk is-sit ikkontaminat jippreżentax riskji inaċċettabbli għas-saħħa tal-bniedem jew għall-ambjent. ***L-Istati Membri jistgħu, fejn xieraq, iqisu l-valutazzjonijiet li jitwettqu f’konformità mad-Direttiva 2011/92/UE u/jew id-Direttiva 2010/75/UE u/jew id-Direttiva 2012/18/UE bħala suffiċjenti.*** |

**Emenda 105**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Il-miżuri ta’ tnaqqis tar-riskji jistgħu jikkonsistu mill-miżuri msemmija fl-Anness V. Meta tiddeċiedi dwar il-miżuri xierqa ta’ tnaqqis tar-riskji, l-awtorità kompetenti għandha tqis il-kostijiet, il-benefiċċji, l-effettività, id-durabbiltà u l-fattibbiltà teknika tal-miżuri disponibbli ta’ tnaqqis tar-riskji. | 5. Il-miżuri ta’ tnaqqis tar-riskji jistgħu jikkonsistu mill-miżuri msemmija fl-Anness V. Meta tiddeċiedi dwar il-miżuri xierqa ta’ tnaqqis tar-riskji ***u ż-żmien għall-infurzar***, l-awtorità kompetenti għandha tqis ***l-użu attwali u ppjanat tal-art,*** il-kostijiet, il-benefiċċji, l-effettività, id-durabbiltà u l-fattibbiltà teknika tal-miżuri disponibbli ta’ tnaqqis tar-riskji. ***L-awtorità kompetenti għandha tqis ukoll il-miżuri li diġà ġew implimentati jew li huma ppjanati skont id-Direttiva 2012/18/UE u/jew id-Direttiva*** |

| | |
|---|---|
| | ***2010/75/UE.*** |

**Emenda 106**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 20 biex temenda l-Annessi V u VI biex tadatta l-lista ta' miżuri ta' tnaqqis tar-riskji u r-rekwiżiti għall-valutazzjoni tar-riskji speċifiċi għas-sit għall-progress tekniku u xjentifiku.*** | ***imħassar*** |

**Emenda 107**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragraph 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sa … (OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 4 snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva), l-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-paragrafu 2, ifasslu reġistru ta' siti kkontaminati ***u siti potenzjalment ikkontaminati***. | 1. Sa … (OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = 4 snin wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva), l-Istati Membri għandhom, f'konformità mal-paragrafu 2, ifasslu reġistru ta' siti kkontaminati. |

**Emenda 108**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jippubblikaw ir-reġistru u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2. Id-divulgazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni tista' tiġi rrifjutata jew ristretta mill-awtorità kompetenti meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[79]. | L-Istati Membri għandhom jippubblikaw***, fejn rilevanti,*** ir-reġistru u l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2. Id-divulgazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni tista' tiġi rrifjutata jew ristretta mill-awtorità kompetenti meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 4 tad-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[79]. |
| Ir-reġistru għandu jkun disponibbli f'bażi | Ir-reġistru għandu jkun disponibbli f'bażi |

| | |
|---|---|
| ta' data spazjali ġeoreferenzjata online. | ta' data spazjali ġeoreferenzjata online. |
| [79] Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26). | [79] Id-Direttiva 2003/4/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2003 dwar l-aċċess pubbliku għat-tagħrif ambjentali u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 90/313/KEE (ĠU L 41, 14.2.2003, p. 26). |

**Emenda 109**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Minħabba l-prijorità marbuta b'mod inerenti mal-istabbiliment tal-monitoraġġ tal-ħamrija u l-ġestjoni sostenibbli u r-riġenerazzjoni tal-ħamrija, ***l-implimentazzjoni*** ta' din id-Direttiva ***għandha tiġi appoġġata mill-programmi*** finanzjarji ***eżistenti tal-Unjoni f'konformità mar-regoli u l-kundizzjonijiet applikabbli tagħhom***. | Minħabba l-prijorità marbuta b'mod inerenti mal-istabbiliment tal-monitoraġġ tal-ħamrija u l-ġestjoni sostenibbli u r-riġenerazzjoni tal-ħamrija, ***sa ... [OP : jekk jogħġbok daħħal id-data = 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ tad-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jistabbilixxi r-riżorsi finanzjarji disponibbli fil-livell tal-Unjoni għall-implimentazzjoni*** ta' din id-Direttiva***. Għandhom jiġu stabbiliti riżorsi*** finanzjarji ***addizzjonali għall-perjodu ta' wara l-2027 sabiex tiġi promossa l-ġestjoni sostenibbli kontinwa tal-ħamrija, kif ukoll ir-riġenerazzjoni permanenti tagħha***. |

**Emenda 110**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jirrapportaw b'mod elettroniku d-data u l-informazzjoni li ġejjin lill-Kummissjoni u lill-EEA kull 5 snin: | L-Istati Membri għandhom jirrapportaw b'mod elettroniku d-data u l-informazzjoni li ġejjin lill-Kummissjoni u lill-EEA kull 5 ***jew 10*** snin***, skont il-perjodu ta' żmien suffiċjenti jew fl-intervall ta' kampjunar korrispondenti***: |

**Emenda 111**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) sommarju tal-progress dwar: | (c) sommarju ***ġenerali*** tal-progress dwar: |

**Emenda 112**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 1 – punt c – punt i**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(i) l-implimentazzjoni ta' prinċipji ta' ġestjoni sostenibbli tal-ħamrija f'konformità mal-Artikolu 10;*** | ***imħassar*** |

**Emenda 113**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1 – subparagrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-ewwel rapporti għandhom jiġu sottomessi sa … (OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***5*** snin u 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva). | L-ewwel rapporti għandhom jiġu sottomessi sa … (OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***10*** snin u 6 xhur wara d-dħul fis-seħħ tad-Direttiva). |

**Emenda 114**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw id-data ġġenerata mill-monitoraġġ imwettaq skont l-Artikolu 8 u l-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 9 ta' din id-Direttiva aċċessibbli għall-pubbliku, f'konformità mad-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament | 1. L-Istati Membri għandhom jippubblikaw id-data ***rilevanti*** ġġenerata mill-monitoraġġ imwettaq skont l-Artikolu 8 u l-valutazzjoni mwettqa skont l-Artikolu 9 ta' din id-Direttiva aċċessibbli għall-pubbliku, ***bil-permess espress ta' sid l-artijiet u l-maniġer tal-artijiet, f'forma aggregata u fil-forma anonimizzata u*** |

Ewropew u tal-Kunsill[80] għal data espliċita ġeografikament u l-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2019/1024 għal data oħra.

***b'mod li jikkonforma għal kollox mal-liġi tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tad-data personali u*** f'konformità mad-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[80] għal data espliċita ġeografikament u l-Artikolu 5 tad-Direttiva (UE) 2019/1024 għal data oħra.

[80] Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

[80] Id-Direttiva 2007/2/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Marzu 2007 li tistabbilixxi Infrastruttura għall-Informazzjoni Ġeografika fil-Komunità Ewropea (INSPIRE) (ĠU L 108, 25.4.2007, p. 1).

**Emenda 115**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-data dwar is-saħħa tal-ħamrija li ssir aċċessibbli permezz tal-portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija msemmi fl-Artikolu 6 tkun disponibbli għall-pubbliku f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[81] u mar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[82]. | 2. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li d-data ***rilevanti*** dwar is-saħħa tal-ħamrija li ssir aċċessibbli permezz tal-portal diġitali tad-data dwar is-saħħa tal-ħamrija msemmi fl-Artikolu 6 tkun disponibbli għall-pubbliku ***biss bil-permess espress ta' sid l-artijiet u l-maniġer tal-artijiet, f'forma aggregata u anonimizzata,*** f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[81] u mar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[82]. |

[81] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

[81] Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39).

| | |
|---|---|
| [82] Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13). | [82] Ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, 25.9.2006, p. 13). |

**Emenda 116**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 18 ta' din id-Direttiva tkun disponibbli u aċċessibbli għall-pubbliku f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE, id-Direttiva 2007/2/KE u d-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament u tal-Kunsill[83]. | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-informazzjoni ***rilevanti*** msemmija fl-Artikolu 18 ta' din id-Direttiva tkun disponibbli u aċċessibbli għall-pubbliku ***biss bil-permess espress ta' sid l-artijiet u l-maniġer tal-artijiet, f'forma aggregata u anonimizzata,*** f'konformità mad-Direttiva 2003/4/KE, id-Direttiva 2007/2/KE u d-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament u tal-Kunsill[83]. |
| [83] Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56). | [83] Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56). |

**Emenda 117**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija ***fl-Artikoli 8, 10, 15 u*** 16 għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. | 2. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati msemmija ***fl-Artikolu*** 16 għandha tiġi mogħtija lill-Kummissjoni għal perjodu ta' żmien indeterminat mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva. |

**Emenda 118**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Id-delega tas-setgħa msemmija ***fl-Artikoli 8, 10, 15 u*** 16 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ. | 3. Id-delega tas-setgħa msemmija ***fl-Artikolu*** 16 tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ. |

**Emenda 119**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. | 4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta l-esperti***, b'għarfien espert f'diversi użi tal-artijiet bħall-agrikoltura, il-forestrija u l-ħamrija urbana,*** maħtura minn kull Stat Membru f'konformità mal-prinċipji stipulati fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. |

**Emenda 120**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 20 – paragrafu 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 6. Att delegat adottat skont ***l-Artikoli 8, 10, 15 u*** 16 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u | 6. Att delegat adottat skont ***l-Artikolu*** 16 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill |

| | |
|---|---|
| lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. | fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li ma humiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill. |

**Emenda 121**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 22**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 22*** | ***imħassar*** |
| ***Aċċess għall-ġustizzja*** | |
| ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-membri tal-pubbliku, f'konformità mal-liġi nazzjonali, li jkollhom interess suffiċjenti jew li jżommu l-indeboliment ta' dritt, ikollhom aċċess għal proċedura ta' rieżami quddiem qorti tal-ġustizzja, jew korp indipendenti u imparzjali stabbilit bil-liġi, biex jikkontestaw il-legalità sostantiva jew proċedurali tal-valutazzjoni tas-saħħa tal-ħamrija, il-miżuri meħuda skont din id-Direttiva u kwalunkwe nuqqas ta' azzjoni tal-awtoritajiet kompetenti.*** | |
| ***L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw x'jikkostitwixxi interess suffiċjenti u indeboliment ta' dritt, b'mod konsistenti mal-objettiv li l-pubbliku jingħata aċċess wiesa' għall-ġustizzja. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, kwalunkwe organizzazzjoni mhux governattiva li tippromwovi l-ħarsien tal-ambjent u li tissodisfa kwalunkwe rekwiżit skont il-liġi nazzjonali għandha titqies li għandha drittijiet li jistgħu jiġu indeboliti u l-interess tagħhom għandu jitqies suffiċjenti.*** | |
| ***Il-proċeduri ta' rieżami msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu ġusti, ekwi,*** | |

***f'waqthom u mingħajr ħlas jew ma jkunux għaljin b'mod projbittiv, u għandhom jipprovdu rimedji adegwati u effettivi, inkluż rimedju b'mandat ta' inibizzjoni fejn meħtieġ.***

***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li tkun disponibbli informazzjoni prattika għall-pubbliku dwar l-aċċess għall-proċeduri ta' rieżami amministrattiv u ġudizzjarju msemmija f'dan l-Artikolu.***

**Emenda 122**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 23**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***Artikolu 23*** | ***imħassar*** |
| ***Penali*** | |
| ***1. Mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri skont id-Direttiva 2008/99/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għal ksur minn persuni fiżiċi u ġuridiċi tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jiżguraw li dawk ir-regoli jiġu implimentati. Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.*** | |
| ***2. Il-penali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu multi proporzjonati għall-fatturat tal-persuna ġuridika jew għall-introjtu tal-persuna fiżika li tkun wettqet il-ksur. Il-livell tal-multi għandu jiġi kkalkolat b'tali mod li jiġi żgurat li effettivament iċaħħdu lill-persuna responsabbli għall-ksur tal-benefiċċji ekonomiċi derivati minn dak il-ksur. Fil-każ ta' ksur imwettaq minn persuna ġuridika, tali multi għandhom ikunu proporzjonati għall-fatturat annwali tal-persuna ġuridika fl-Istat Membru kkonċernat, filwaqt li jitqiesu, inter alia, l-ispeċifiċitajiet tal-intrapriżi żgħar u ta'*** | |

***daqs medju (SMEs).***

***3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-penali stabbiliti skont dan l-Artikolu jqisu kif xieraq dawn li ġejjin, kif applikabbli:***

***(a) in-natura, il-gravità, u l-firxa tal-ksur;***

***(b) il-karattru intenzjonali jew negliġenti tal-ksur;***

***(c) il-popolazzjoni jew l-ambjent affettwati mill-ksur, filwaqt li jitqies l-impatt tal-ksur fuq l-objettiv li jinkiseb livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u tal-ambjent.***

***4. L-Istati Membri għandhom, mingħajr dewmien żejjed, jinnotifikaw lill-Kummissjoni bir-regoli u l-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 u bi kwalunkwe emenda sussegwenti li taffettwahom.***

**Emenda 123**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Sa (OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***6 snin*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva), il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva biex tivvaluta l-progress lejn l-objettivi tagħha ***u l-ħtieġa li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet tagħha sabiex jiġu stabbiliti rekwiżiti aktar speċifiċi biex jiġi żgurat li l-ħamrija mhux f'saħħitha tiġi riġenerata u li l-ħamrija kollha tkun f'saħħitha sal-2050***. Din l-evalwazzjoni għandha tqis, inter alia, l-elementi li ġejjin: | 1. Sa (OP: jekk jogħġbok daħħal id-data = ***15-il sena*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva), il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' din id-Direttiva biex tivvaluta l-progress lejn l-objettivi tagħha. Din l-evalwazzjoni għandha tqis, *inter alia*, l-elementi li ġejjin: |

**Emenda 124**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|

*(d) analiżi tad-distakk lejn il-kisba ta' **imħassar** ħamrija f'saħħitha sal-2050;*

**Emenda 125**
**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 25 – paragrafu 1 – subparagrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa … [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***sentejn*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. | L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa … [OP jekk jogħġbok daħħal id-data = ***ħames snin*** wara d-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni. |

**Emenda 126**
**Proposta għal direttiva**
**Anness I – paragrafu 1 – punt 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) "teħid nett tal-art" tfisser ir-riżultat tat-teħid tal-art meta tnaqqas it-teħid bil-maqlub tal-art. | (2) "teħid nett tal-art" tfisser ir-riżultat tat-teħid tal-art meta tnaqqas it-teħid bil-maqlub tal-art. |
| | ***L-Istati Membri jistgħu jeskludu d-deskritturi tal-ħamrija relatati mal-kontenut tan-nutrijenti fil-ħamrija mill-Parti B u l-Parti C ta' dan l-anness, meta jitqies li d-Direttiva 2000/60/KE u d-Direttiva 91/676/KEE diġà huma mmirati lejn il-ġestjoni sostenibbli tan-nutrijenti.*** |

**Emenda 127**

**Proposta għal direttiva**
**Anness I – Parti A**

*Test propost mill-Kummissjoni*

| Aspett tad-degradazzjoni tal-ħamrija | Deskrittur tal-ħamrija | Kriterji għal kundizzjoni ta' ħamrija f'saħħitha | Żoni tal-art li għandhom jiġu esklużi mill-ilħuq tal-kriterju relatat |
|---|---|---|---|
| Parti A: deskritturi tal-ħamrija bi kriterji għal kundizzjoni ta' ħamrija f'saħħitha stabbiliti fil-livell ***tal-Unjoni*** | | | |
| Salinizzazzjoni | Konduttività Elettrika (deċi-Siemens għal kull metru) | $< 4$ dS $m^{-1}$ meta jintuża metodu ta' kejl tal-estratt saturat tal-pejst tal-ħamrija (eEC), jew kriterju ekwivalenti jekk jintuża metodu ieħor ta' kejl | Żoni tal-art salina b'mod naturali; Żoni tal-art affettwati direttament miż-żieda fil-livell tal-baħar |
| Erożjoni tal-ħamrija | Rata ta' erożjoni tal-ħamrija (tunnellati għal kull ettaru fis-sena) | $\leq 2$ t $ha^{-1}$ $y^{-1}$ | Artijiet b'erożjoni sinifikanti u żoni ta' art naturali oħrajn mhux ġestiti, ħlief jekk jirrappreżentaw riskju sinifikanti ta' diżastri |
